It-tieni edizzjoni

# Ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni
## għall-Mexxejja u l-Persuni Responsabbli

Id-Direttorat-Ġenerali
għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sikurezza



Il-Kummissjoni Ewropea

# Ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni
# għall-Mexxejja u l-Persuni Responsabbli

It-tieni edizzjoni, Mejju 2007



Dan il-Ktejjeb ta' tagħrif inkiteb minn Jan Niessen u Yongmi Schibel mill-Grupp għall-Politika tal-Migrazzjoni (MPG), f'isem il-Kummissjoni Ewropea (Id-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sikurezza).

Dan il-Ktejjeb ta' tagħrif jista' jitniżżel mill-websajt tal-Kummissjoni Ewropea f'http://ec.europa.eu/justice_home/

ISBN 978-92-79-03336-0

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2007
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

© Ritratti u disinn ta': Ruben Timman / www.nowords.nl

*Printed in Italy*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

# Werrej


| | | |
|---|---|---|
| **Daħla** | | **4** |
| **Introduzzjoni** | | **6** |
| **Kapitolu 1: Il-mainstreaming ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti** | | **13** |
| 1.1 | Il-gvern | 15 |
| 1.2 | Il-fornituri tas-servizzi | 20 |
| 1.3 | Għaqdiet non-governattivi | 25 |
| | Konklużjonijiet | 28 |
| **Kapitolu 2: L-akkomodazzjoni f'ambjent urban** | | **31** |
| 2.1 | Inwessgħu l-għażliet ta' l-akkomodazzjoni ta' l-immigranti | 32 |
| 2.2 | Integrazzjoni fl-ambjent urban | 36 |
| 2.3 | Skambju ta' prattiċi tajbin rigward l-akkomodazzjoni | 44 |
| | Konklużjonijiet | 46 |
| **Kapitolu 3: L-integrazzjoni ekonomika** | | **49** |
| 3.1 | Mill-ammissjoni sa l-integrazzjoni fis-suq ta' l-impjiegi: bilanċ bejn id-domanda u l-provvista | 50 |
| 3.2 | Snajja' u kwalifiki | 53 |
| 3.3 | Anti-diskriminazzjoni u diversità | 59 |
| 3.4 | Intraprenditorija ta' l-immigranti | 63 |
| | Konklużjonijiet | 66 |
| **Kapitolu 4: It-tmexxija ta' l-integrazzjoni** | | **69** |
| 4.1 | Strutturi ta' integrazzjoni lokali | 70 |
| 4.2 | Ippjanar u evalwazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni | 76 |
| 4.3 | Ġestjoni tar-riżorsi | 80 |
| | Konklużjonijiet | 86 |
| **Anness I: Strateġiji politiċi bbażati fuq il-prassi - biex il-prattiċi jissarrfu fi strateġiji politiċi** | | **89** |
| **Anness II : Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni** | | **93** |



## Daħla

Nemmen li dan il-Ktejjeb ta' Tagħrif ser ikun għajn ta' ispirazzjoni u ideat ġodda għal dawk kollha li qegħdin jitħabtu ma' l-isfidi u l-opportunitajiet li ġġib magħha l-immigrazzjoni. L-ewwel Ktejjeb ta' Tagħrif dwar l-Integrazzjoni intlaqa' b'interess kbir mill-prattikanti u l-mexxejja, meta tnieda f'Novembru 2004. L-ewwel edizzjoni tqassmet madwar l-UE u r-rispons lill-Kummissjoni kkonferma li din kienet qiegħda tissodisfa l-bżonn reali ta' qsim ta' l-informazzjoni u l-prattiċi tajba fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali. B'hekk saret wieħed mill-komponenti ewlenin tal-qafas komuni Ewropew għall-integrazzjoni, li kien ibbażat fuq il-Prinċipji Bażiċi Komuni dwar l-Integrazzjoni maqbula mill-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern, ukoll f'Novembru 2004.

It-tieni edizzjoni tal-Ktejjeb ta' Tagħrif, produzzjoni f'kollaborazzjoni man-netwerk ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni, jitratta l-akkomodazzjoni u l-integrazzjoni ekonomika, żewġ elementi kruċjali biex l-immigranti jħossuhom milqugħa u biex ikunu jistgħu jużaw il-ħiliet u l-għarfien tagħhom biex jikkontribwixxu fit-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp ta' l-UE. Dan il-Ktejjeb ta' Tagħrif jeżamina wkoll ir-rwol tat-twessigħ tal-politika ta' integrazzjoni. Il-ħolqien tad-djalogu u l-parteċipazzjoni jista' jgħin lill-migranti u liċ-ċittadini Ewropej isiru jafu lil xulxin aħjar, u b'hekk ixejnu x-"xkiel tan-nuqqas ta' fiduċja". Għaldaqstant, għandna nikkoordinaw b'suċċess l-istrutturi u l-mekkaniżmi użati mid-diversi partijiet differenti involuti fl-integrazzjoni, speċjalment fuq livell lokali. Għall-integrazzjoni għandna l-appoġġ finanzjarju: wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill approva l-proposta tiegħi għal Fond għall-Integrazzjoni sostanzjali u speċifiku (EUR 825 miljun għall-2007-2013).

L-importanza tal-partijiet involuti fuq livell lokali, partikolarment fl-ibliet, hija ta' importanza assoluta. Fil-mument, dan il-livell jinsab għaddej minn bidliet radikali: l-ibliet Ewropej qegħdin jikbru, u l-popolazzjonijiet tagħhom qegħdin isiru aktar imħallta, hekk kif persuni minn madwar id-dinja kollha jiġu biex isibu impjiegi li l-popolazzjoni u l-ħaddiema anzjani tagħna ma jistgħux jimlew. L-amministrazzjonijiet ta' l-ibliet huma l-eqreb taċ-ċittadin u fl-aħjar post biex jipprovdu rispons b'politika aktar effettiva u rapida permezz tas-sussidjarjetà. Huwa għalhekk li jiena nedejt inizjattiva ġdida dwar l-"Integrazzjoni ta' l-Ibliet" f'Ottubru 2006, permezz ta' konferenza ospitata mis-Sindku ta' Rotterdam, li tat bidu għal reviżjoni tal-linji ta' politika Ewropej u l-prattiċi lokali. Għal żmien twil il-pożizzjoni tal-Kummissjoni kienet li fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw kull opportunità li jieħdu sehem fis-soċjetà, il-proċess ta' integrazzjoni jisseddaq.

L-integrazzjoni tista' tkun kumplessa għall-pajjiżi ospitanti u għall-immigranti li jidħlu fl-Ewropa. Għalhekk, il-qsim ta' l-ideat u tas-soluzzjonijiet ta' suċċess huwa essenzjali. Bħala parti ewlenija mill-qafas Ewropew, nittama li dan il-Ktejjeb ta' Tagħrif, bħal dak ta' qablu, jgħinna nsibu s-soluzzjonijiet meħtieġa biex niżguraw il-koeżjoni soċjali u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà minn kull membru tagħha.



Franco Frattini
Viċi President
Il-Kummissjoni Ewropea

Brussell, Mejju 2007



## Introduzzjoni

Il-Ktejjeb ta' Tagħrif dwar l-Integrazzjoni jiġbor fih il-prattika tajba u t-'tagħlim' li nkiseb mill-esperjenza tal-mexxejja u tal-persuni responsabbli fl-Ewropa kollha. Bil-ġbir u bil-preżentazzjoni ta' eżempji konkreti minn oqsma differenti ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti, il-ktejjeb jimraħ fi proċess ta' politika ikbar fil-qasam ta' l-integrazzjoni fl-Unjoni Ewropea (UE), b'mod partikolari l-iżvilupp tal-qafas Ewropew dwar l-integrazzjoni.

*L-eżerċizzju tal-ktejjeb: il-kooperazzjoni u l-iskambji tal-partijiet interessati*

Il-ktejjeb ġie ppreparat mill-Grupp għall-Politika tal-Migrazzjoni (MPG – *Migration Policy Group*) bħala konsulent indipendenti għall-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni u fuq il-bażi tar-riżultati tas-seminars tekniċi li ġew ospitati mill-ministeri responsabbli għall-integrazzjoni fi Stati Membri differenti.

L-aġendi għal dawn is-seminars ġew ifformulati mill-Istat Membru ospitanti f'kooperazzjoni mal-konsulent u mal-Kummissjoni Ewropea. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali jistgħu jissuġġerixxu kelliema u eżempji xierqa ta' prattika tajba biex jiġu ppreżentati fil-*workshops*. Dawn jagħżlu wkoll sa tliet parteċipanti għal kull Stat Membru skond it-tema tad-diskussjoni. Il-varjetà tal-partijiet interessati li kienu rappreżentati f'dawn is-seminars hija konsiderevoli, inklużi atturi governattivi mil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali; imsieħba soċjali; fornituri tas-servizzi; assoċjazzjonijiet ta' l-immigranti u gruppi ta' appoġġ; gruppi ta' difiża; u oħrajn.

Il-parteċipanti tas-seminar jistgħu jitqiesu bħala l-'awturi' tal-ktejjeb, peress li l-għarfien u l-eżempji ppreżentati fil-kapitoli huma bbażati l-aktar fuq il-preżentazzjonijiet u d-diskussjonijiet (miktuba u orali) tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni u l-MPG jistgħu jitqiesu bħala l-'edituri', li jħejju l-qafas konċettwali għas-seminars, jagħmlu inventarju ta' l-informazzjoni li tkun inġabret waqt kull seminar, jagħżlu l-prattika u jsaħħuha b'riċerka addizzjonali. Il-partijiet bażiċi għall-kapitoli tal-ktejjeb huma d-Dokumenti ta' Diskussjoni, li jiddefinixxu t-tema u jistabbilixxu l-mistoqsijiet għad-diskussjoni qabel kull seminar, u d-Dokumenti ta' Konklużjoni, li jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet preliminari kif ukoll l-ideat inizjali għall-eżempji ta' l-aħjar prattika.

L-ewwel edizzjoni tal-ktejjeb kien fiha kapitoli dwar l-introduzzjoni ta' l-immigranti u r-refuġjati li jkunu għadhom kif waslu, dwar il-parteċipazzjoni ċivika, u dwar l-indikaturi biex titkejjel l-integrazzjoni. Dan kien ġie ppreżentat waqt il-Konferenza Ministerjali dwar l-Integrazzjoni li nżammet fi Groningen fil-**9-11 ta' Novembru 2004 taħt il-Presidenza Olandiża**. Dan il-ktejjeb ġie msejjes fuq sensiela ta' seminars tekniċi li saru f'Kopenħagen (fi Frar 2004), f'Liżbona (f'April 2004) u f'Londra (f'Ġunju 2004).

Bħall-ewwel ktejjeb, it-tieni edizzjoni tinkludi taħlita ta' temi 'metodoloġiċi' u 'sostantivi': il-kapitoli dwar il-*mainstreaming* u dwar l-infrastruttura ta' l-integrazzjoni jeżaminaw l-istrutturi u l-mekkaniżmi li jiġu użati sabiex jiġu implimentati strateġiji ta' integrazzjoni b'suċċess fl-oqsma kollha ta' politika, waqt li l-kapitoli dwar l-akkomodazzjoni u dwar l-integrazzjoni ekonomika jippreżentaw il-prattika u t-tagħlim li nkisbu f'dawn l-oqsma speċifiċi. It-tieni edizzjoni hija bbażata fuq sensiela ta' seminars tekniċi ospitati mill-mi-

nisteri responsabbli għall-integrazzjoni f'ħames Stati Membri differenti, li tikkunsidra l-eżerċizzju tal-ktejjeb minn Tallinn (Mejju 2005) sa Ruma (Lulju 2005), Dublin (Ottubru 2005), Berlin (Diċembru 2005) u Madrid (April 2006). Il-parteċipanti tas-seminar kienu ġejjin mill-25 Stat Membru, kif ukoll min-Norveġja u mill-Iżvizzera.

*Il-kuntest tal-politika: il-qafas Ewropew dwar l-integrazzjoni li qed jevolvi*

It-tieni edizzjoni tal-Ktejjeb dwar l-Integrazzjoni tipprovdi *input* kritiku għal element sħiħ tal-qafas Ewropew dwar l-integrazzjoni, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Bażiċi Komuni (CBPs). Il-CBP għandhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri biex jifformulaw strateġiji politiċi ta' integrazzjoni u sabiex iservu bħala referenza għall-implimentazzjoni u għall-valutazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni preżenti u tal-futur. Il-ħdax-il prinċipju ġew żviluppati aktar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni', li tagħmel proposti għall-miżuri konkreti sabiex il-CBP jitpoġġew fil-prattika. Il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi azzjonijiet li jridu jiġu implimentati fuq livell ta' UE u nazzjonali, waqt li jiġu kkunsidrati l-oqfsa eżistenti tal-politika ta' l-UE.

Flimkien mat-traspożizzjoni u ma' l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti rilevanti tal-liġi Komunitarja, it-tisħiħ kontinwu ta' l-istrumenti għall-kooperazzjoni u għall-iskambju ta' l-informazzjoni jinstab fiċ-ċentru tal-qafas Ewropew dwar l-integrazzjoni li qed jiżviluppa. F'dan il-kuntest, il-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni ta' l-1-2 ta' Diċembru 2005 'jistieden lin-Netwerk tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni, appoġġjat mill-Kummissjoni, biex ikompli jiżviluppa l-'Ktejjeb ta' Tagħrif dwar l-Integrazzjoni għall-Mexxejja u Persuni Responsabbli'. Sabiex jiġi utilizzat b'mod sħiħ l-iskambju b'suċċess ta' l-esperjenzi u ta' l-aħjar prattika, il-Kunsill isejjaħ għat-tixrid wiesa' u aċċessibbli ta' dan il-Ktejjeb, li ġie adattat għall-udjenza intenzjonata.' (p. 37). Għal din ir-raġuni, ittieħdet id-deċiżjoni biex dan il-ktejjeb jiġi tradott fil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni.

*Id-dibattiti prattiċi fis-seminars tekniċi*

Ewropa li trid tirnexxi teħtieġ ċittadini attivi, li jgħixu flimkien f'soċjetajiet integrati. Peress li l-immigranti qed ikomplu jaslu u jistabbilixxu ruħhom fil-pajjiżi Ewropej, dawn qed jiffurmaw parti minn dawn is-soċjetajiet u qed jiffurmaw il-ġejjieni tagħhom permezz ta' varjetà ta' kontributi soċjali u ekonomiċi.

L-integrazzjoni ta' l-immigranti tiżvolġi f'sensiela ta' fatturi komplikati. L-Istati Membri għandhom stutturi ta' tmexxija, sistemi ta' *welfare*, u relazzjonijiet soċjali bejn l-istat u ċ-ċivil differenti, kif ukoll storja differenti ta' migrazzjoni. Il-popolazzjonijiet immigranti jvarjaw mhux biss minn pajjiż għall-ieħor, iżda wkoll lokalment. Barra minn hekk, is-soċjetajiet Ewropej infushom jinstabu fi proċess ta' trasformazzjoni. Il-ħajja fil-familja, l-edukazzjoni, ix-xogħol volontarju, il-partiti politiċi, it-*trade unions*, ir-reliġjon organizzata, id-djalogu soċjali, u mekkaniżmi u istituzzjonijiet oħra qed jibdlu l-forma tagħhom taħt l-influwenza tal-bidla soċjo-ekonomika mgħaġġla. Aktar milli jintegraw f'soċjetajiet statiċi, l-immigranti u r-refuġjati fl-Ewropa qed jimpenjaw ruħhom fl-arranġamenti ta' soċjetà li qed tinbidel li huma mdawrin bihom.

Mhux faċli li tippjana l-integrazzjoni: dan huwa proċess twil ta' żmien u mhuwiex lineari. Avveniment politiku internazzjonali jew att kriminali jistgħu jitfgħu lura sew il-proċess



ta' integrazzjoni. L-integrazzjoni għandha wkoll ħafna aspetti, u teħtieġ il-ħila għall-adattament minn varjetà wiesgħa ta' atturi, inklużi l-immigranti stess. Is-soċjetajiet Ewropej jeħtieġ isiru 'soċjetajiet li jitgħallmu', waqt li jiffamiljarizzaw ruħhom ma' tipi ġodda ta' interazzjoni u komunikazzjoni u ma' gruppi ġodda u differenti ta' persuni, inklużi l-immigranti u r-refuġjati.

Xi tfisser l-integrazzjoni? Wieħed jistenna li d-domanda tista' tqajjem dibattiti familjari dwar l-assimilazzjoni jew il-multikulturaliżmu, iżda l-parteċipanti fis-seminars tekniċi li ppreparaw il-ktejjeb rari użaw dawn it-termini. Bħala mexxejja u persuni responsabbli li jaħdmu ta' kuljum fl-integrazzjoni ta' l-immigranti, dawn segwew metodu pjuttost aktar prattiku li jiffoka fuq ir-riżultati f'termini ta' mobilità soċjali u ekonomika, ta' edukazzjoni, ta' saħħa, ta' akkomodazzjoni, ta' servizzi soċjali, u ta' parteċipazzjoni fis-soċjetà.

Hemm żewġ proċessi li huma kruċjali sabiex jitjiebu r-riżultati ta' l-immigranti: it-tneħħija ta' l-inugwaljanzi, u l-akkwist tal-kompetenzi. Fl-Ewropa dawn l-isfidi huma fiċ-ċentru tal-politika dwar l-integrazzjoni.

Li jiġu kkonfrontati l-inugwaljanzi fil-ħajja ekonomika, fl-edukazzjoni, u f'oqsma oħra huwa kompitu ta' l-atturi governattivi u mhux governattivi kollha, għalkemm dawk li jfasslu l-qafas leġiżlattiv għandhom responsabbiltà speċjali. Elementi ta' 'ċittadinanza ċivika' bħalma huma s-sigurtà tar-residenza, l-appoġġ għall-ħajja fil-familja, in-naturalizzazzjoni ffaċilitata u l-anti-diskriminazzjoni huma ta' importanza ewlenija, bħalma huma l-kunċetti assoċjati mat-terminu ċittadinanza soċjali: il-parteċipazzjoni, il-mobilità soċjali u s-servizzi magħmulin skond il-ħtiġiet tal-klijent. Dawn il-kunċetti jistgħu jitpoġġew fil-prattika bid-determinazzjoni ta' standards fuq livelli nazzjonali u Ewropew, ta' kodiċijiet ta' mġiba li jikkonċernaw il-prattika amministrattiva, u tat-tneħħija ta' ostakli legali mhux meħtieġa.

L-akkwist tal-kompetenzi, it-tieni sfida, hija indirizzata lejn il-popolazzjoni ġenerali inkluż l-immigranti, u titlob lil kull individwu biex jimpejna ruħu fi proċess ta' tagħlim tul il-ħajja. L-akkwist tal-lingwa huwa parti mix-xogħol, kif inhuma wkoll it-taħriġ u l-edukazzjoni kontinwi. Matul iż-żmien, l-individwi mhux biss jiksbu informazzjoni ġdida iżda wkoll jiżviluppaw il-kapaċità li jitgħallmu: 'titgħallem kif titgħallem'. L-awtorizzazzjoni ssaħħaħ ukoll l-għarfien, u bil-maqlub.

Mhumiex l-individwi biss li jgawdu minn żieda fil-ħiliet. Bl-akkwist ta' għarfien interkulturali l-organizzazzjonijiet, kemm jekk ikunu żgħar jew kbar, professjonali jew volontarji, inklużivi jew immexxija mill-immigranti, jgħinu wkoll lilhom infushom u lill-proċess ta' integrazzjoni. Bl-adattament kontinwu għall-ambjent tagħhom u għall-mudelli ta' diversità tiegħu li qed jinbidlu, dawn isiru 'organizzazzjonijiet li jitgħallmu' li jsaħħu l-koeżjoni soċjali fis-soċjetajiet li jiffurmaw parti minnhom.

Dik li liberament tissejjaħ 'integrazzjoni' għalhekk tinkludi aspetti ta' Ġustizzja u Affarijiet Interni li huma marbutin mal-qafas legali tad-dħul u r-residenza, tan-naturalizzazzjoni u l-anti-diskriminazzjoni, kif ukoll aspetti relatati aktar mill-qrib ma' l-oqsma tal-politika ta' l-affarijiet soċjali, tas-suq tax-xogħol, ta' l-edukazzjoni jew tal-kultura. Din il-varjetà tiġi riprodotta fuq kull livell ta' gvern, b'Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni, ministeri, u dipartimenti muniċipali differenti lkoll involuti f'attivitajiet ta' integrazzjoni. Din testendi wkoll għall-atturi mhux governattivi ta' għamliet differenti. Din teħtieġ il-

koordinazzjoni bejn il-ministeri u livelli differenti ta' tmexxija kif ukoll bejn atturi governattivi u mhux.

It-trattament ta' l-inugwaljanzi, l-adattament tas-servizzi għal bażi differenti ta' klijenti, u l-modifikazzjoni tal-prattika organizzattiva jistgħu jiġġeneraw tensjonijiet. Ir-residenti immigranti u mhux immigranti jistgħu jiskopru li għandhom interessi jikkompetu ma' xulxin, u li fil-proċess ta' integrazzjoni hemm kemm telliefa kif ukoll rebbieħa fost id-diversi gruppi ta' immigranti u ta' popolazzjoni lokali. Is-soċjetajiet li jittrattaw id-diversità jeħtieġ jgħixu b'dan il-potenzjal għall-kunflitt u jitgħallmu jsolvu d-differenzi pemezz tal-medjazzjoni u n-negozjar. L-impenn f'dawn l-iskambji jista' jitrawwem bl-interazzjoni u bil-kuntatt personali. Mezzi ta' komunikazzjoni miftuħa huma l-pedament għal djalogu serju kif ukoll għall-kooperazzjoni.

*Il-kontenut tat-tieni edizzjoni tal-Ktejjeb*

Barra din l-introduzzjoni, il-Ktejjeb għandu erba' kapitoli. Qabilhom hemm ħarsa ġenerali dwar il-passi li jridu jittieħdu sabiex l-iskambju tal-prattika jkun tassew eżerċizzju sinifikanti li minnu wieħed jikseb tagħlim utli. L-anness huwa bbażat fuq il-prattika ta' l-organizzazzjonijiet li qed jitgħallmu kif ukoll fuq l-iskambji Ewropej dwar il-prattika ta' l-integrazzjoni li qed jiżviluppaw.

Il-Kapitolu 1 dwar il-*mainstreaming* jagħti ħarsa lejn kif l-integrazzjoni ta' l-immigranti qed issir parti integrali mit-tfassil u mill-implimentazzjoni tal-politika, mill-forniment tas-servizzi u mill-kultura organizzattiva f'sensiela wiesgħa ta' oqsma. Dan jiżvela kif l-atturi governattivi u mhux governattivi huma impenjati fil-*mainstreaming* ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti u tissuġġerixxi għodda li jistgħu jgħinu lil dawn biex jaġġustaw l-istrateġiji politiċi u l-prattika għar-realtajiet li qed jinbidlu ta' soċjetà differenti.

Il-Kapitolu 2 dwar l-akkomodazzjoni f'ambjent urban jiddeskrivi l-prattika li għandha l-għan li twessa' l-għażliet ta' l-immigranti dwar l-akkomodazzjoni billi tnaqqas l-ostakli għall-aċċess u billi ttejjeb il-kwalità ta' l-akkomodazzjoni. Waqt li dawn il-miżuri huma l-aktar ta' skala żgħira u mmirati, dawn jiġu implimentati fl-isfond ta' strateġiji politiċi u strutturi urbani aktar wiesgħa. L-ibliet huma l-pijunieri fl-iżvilupp ta' miżuri li jikkonċernaw ir-riġenerazzjoni urbana, l-okkupanza mħallta u l-kiri tal-proprjetà, l-istituzzjonijiet u s-servizzi inklużivi, kif ukoll il-komunikazzjoni u l-parteċipazzjoni. Dan il-kapitolu jagħti eżempji dwar xi prattika f'dawn l-oqsma.

Il-Kapitolu 3 dwar l-integrazzjoni ekonomika jiddiskuti l-integrazzjoni ekonomika ta' l-immigranti, waqt li jinkludi kemm l-impjieg kif ukoll l-impjieg indipendenti. Dan jesplora kif il-politika dwar l-immigrazzjoni tista' tlaqqa' l-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol u b'hekk tiffaċilita l-integrazzjoni ta' l-immigranti. Imbagħad dan jittratta l-valutazzjoni u l-akkwist tal-ħiliet tul il-karriera kollha ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol, waqt li jagħmel referenza għall-kwalifiki formali, għall-ħiliet okkupazzjonali jew lingwistiċi oħra, u għall-għarfien dwar il-ħajja fuq ix-xogħol u dwar il-proċess għat-tiftix ta' impjieg. Il-kapitolu jesplora wkoll kif l-istrateġiji ta' l-anti-diskriminazzjoni u tad-diversità jistgħu jippromwovu l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol, jinkoraġġixxu ż-żamma ta' l-impjieg u tal-promozzjoni, kif ukoll joħolqu klima li fiha d-diversità tingħata valur. Fl-aħħarnett, il-kapitolu jiddeskrivi metodi ta' kif jiġu appoġġjati l-intraprendituri



etniċi permezz ta' pariri, ta' aċċess iffaċilitat għas-servizzi finanzjarji, jew bl-involviment tagħhom fin-netwerks tal-fornituri.

Il-Kapitolu 4 dwar it-tmexxija ta' l-integrazzjoni iħares lejn l-istrutturi, lejn il-mekkaniżmi, lejn il-proċessi u lejn il-forom ta' kollaborazzjoni li flimkien jiffurmaw il-qafas għall-istrateġiji politiċi u l-prattika dwar l-integrazzjoni. Dan juri kif l-atturi differenti involuti fl-integrazzjoni ta' l-immigranti jistgħu flimkien jiddefinixxu relazzjonijiet li jagħmlu ka-pital mill-forzi u mill-valuri ta' kull parti interessata. Il-kapitolu jiddeskrivi metodi ta' kif għandhom jiġu kkoordinati l-attivitajiet ta' integrazzjoni fuq livell lokali. Imbagħad dan iħares lejn il-valutazzjoni bħala aspett ewlieni ta' politika tajba u għat-tfassil ta' pro-grammi. Fl-aħħarnett, dan jindirizza l-ġestjoni tar-riżorsi u jikkunsidra r-rwoli tad-diversi atturi pubbliċi u privati sabiex jiġu ffinanzjati l-istrateġiji politiċi u l-prattika dwar l-inte-grazzjoni.

L-eżempji u t-tagħlim miksuba li qed jiġu ppreżentati f'dan il-kapitolu huma relatati ħafna ma' dawk tal-Kapitolu 1. Dawn joffru perspettivi addizzjonali dwar uħud mid-domandi li tqajmu fil-kuntest tal-*mainstreaming*: x'inhu l-bilanċ eżatt bejn it-tmexxija u s-sjieda, il-koordinazzjoni u l-flessibilità? Liema mudelli ta' finanzjament huma ta' suċċess biex jilqgħu għall-ħtiġiet u għall-opportunitajiet reali? Kif wieħed jista' jitgħallem mill-esperjenzi pożittivi u negattivi u jaġġusta l-istrateġiji politiċi skond dawn l-esperjenzi?

L-Anness I jagħmel suġġerimenti sabiex ir-riżultati tal-programmi u tal-proġetti dwar l-integrazzjoni jkunu jistgħu jissarrfu f'rakkomandazzjonijiet ta' politika. Dan jagħmel lill-istrateġiji politiċi aktar ibbażati fuq il-prassi, li suċċessivament dan isaħħaħ is-soste-nibilità tal-prattika ta' integrazzjoni u jżid l-appoġġ għall-istrateġiji politiċi ta' integraz-zjoni.

L-Anness II jipprovdi elenku ta' kuntatti tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali.

**Niskambjaw il-prattika tajba u nitgħallmu minnha**

L-organizzazzjonijiet jistgħu jitgħallmu minn xulxin, kemm jekk ikunu aġenziji governattivi jew mhux governattivi, u kemm jekk jaħdmu fuq l-istess livell jew fuq livell differenti ta' tmexxija, meta dawn ifasslu u jimplimentaw strateġiji politiċi jew meta dawn iwettqu programmi u proġetti konkreti.

Il-proċess jinkludi l-passi li ġejjin:

- Iddeskrivi f'ċertu dettall l-oqsma ta' politika u l-programmi ta' integrazzjoni li dwarhom se jsir l-iskambju u x'inhuma r-riżultati mistennija;
- Iddeċiedi jekk l-għan huwiex li tittenna l-prattika ta' l-organizzazzjoni msieħba, jew li tiġix adattata l-prattika tagħha għas-sitwazzjoni tagħhom stess, jew li tiġix mibdula u żviluppata prattika ġdida flimkien ma' l-imsieħeb;
- Identifika imsieħeb potenzjali wieħed jew aktar u nnegozja u ftiehem dwar il-prinċipji li jirregolaw il-proċess ta' l-iskambju (per eżempju, billi żżommu mal-Kodiċi ta' Imġiba għall-Benchmarking Ewropew tal-Fondazzjoni Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kwalità);
- Alloka r-riżorsi umani u riżorsi oħrajn għall-eżerċizzju, oħloq l-impenn fost l-impjegati ta' l-organizzazzjoni u uri dan l-impenn lill-imsieħeb (imsieħba);
- Iddeċiedi dwar programm u qafas ta' żmien, innomina lill-impjegati, ftiehem dwar strateġija ta' komunikazzjoni interna u esterna, ressaq lill-ħaddiema tiegħek u ta' l-imsieħeb tiegħek lejn xulxin, u ibni tim ta' skambju li jkun imsejjes fuq il-kompetenza u l-fiduċja;
- Identifika s-sorsi tad-data u ftiehem dwar kif l-informazzjoni se tiġi ġġenerata, ġestita (b'mod partikolari fejn jikkonċerna data kunfidenzjali) u skambjata. Iddetermina u imla l-vojt jew ittrattata n-nuqqas fid-data;
- Wettaq skambji dettaljati permezz ta' żjajjar fuq il-post, waqt li tipprepara materjal ta' sfond ġenerali dwar l-istrateġiji politiċi ta' integrazzjoni, fejn tagħti preżentazzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-programm u tifformula punti ta' tagħlim;
- Stabbilixxi safejn id-differenzi fis-sitwazzjoni jistgħu jinfluwenzaw mhux biss l-aspettazzjonijiet tar-riżultati ta' l-istrateġiji politiċi u tal-prattika, iżda wkoll l-impatt attwali tagħhom. Żviluppa kriterji komuni sabiex jitkejlu l-effikaċja u l-effiċjenza;
- Qabbel l-istrateġiji politiċi u l-prattika u oħroġ il-punti sodi u dgħajfa. Enfasizza l-fatturi kritiċi tas-suċċess u identifika l-ostakli. Stabbilixxi t-tagħlim li nkiseb u agħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif se jiġu applikati;
- Agħmel valutazzjoni ta' l-eżerċizzju, aqsam l-effetti mal-partijiet interessati u adatta l-istrateġiji politiċi u l-prattika kif xieraq.





# Kapitolu 1

# Il-*mainstreaming* ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti





**Dan il-kapitolu jħares lejn kif l-integrazzjoni ta' l-immigranti qed issir parti integrali mit-tfassil u mill-implimentazzjoni tal-politika, mill-forniment tas-servizzi u mill-kultura organizzattiva f'sensiela wiesgħa ta' oqsma. Dan juri kif l-atturi governattivi u mhux governattivi huma impenjati fil-mainstreaming ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti u jissuġġerixxi għodod li jistgħu jgħinuhom sabiex jaġġustaw l-istrateġiji politiċi u l-prattika għar-realtajiet li qed jinbidlu ta' soċjetà diversa.**

It-terminu '*mainstreaming*' oriġina fil-qasam tas-sessi u s'issa għadu mhux qed jiġi applikat fil-politika ta' integrazzjoni fl-Ewropa kollha. Madankollu, dan jiġbor flimkien b'mod utli numru ta' punti li għal xi żmien kienu jiffurmaw parti mid-dibattitu dwar l-integrazzjoni:

- Għandha tiġi inkorporata perspettiva dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti fl-istrateġiji politiċi kollha fil-livelli u fl-istadji kollha, mill-atturi li normalment ikunu involuti fit-tfassil tal-politika;
- L-organizzazzjonijiet li jindirizzaw il-ħtiġiet tas-soċjetà b'mod sħiħ għandhom jiżguraw l-aċċess indaqs għall-programmi u għas-servizzi tagħhom għall-membri kollha ta' popolazzjoni li qed issir aktar differenti;
- Ġieli jistgħu jiġu adattati miżuri ġenerali biex jissodisfaw l-ħtiġiet ta' l-immigranti. Ġieli l-miżuri fil-mira jkunu meħtieġa fuq bażi temporanja jew permanenti. L-organizzazzjonijiet jistgħu jitgħallmu kif jibbilanċjaw dawn it-tipi ta' miżuri, idealment billi jikkonsultaw lill-partijiet interessati, inklużi lill-immigranti.

Il-*mainstreaming* ta' bejn is-sessi ġie definit f'numru ta' dokumenti, bħalma hija l-pubblikazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' l-1998 *Gender mainstreaming: conceptual framework, methodology and presentation of good practices: final report of the Group of Specialists on Mainstreaming (Il-*Mainstreaming *ta' Bejn is-Sessi: il-qafas konċettwali, il-metodoloġija u l-preżentazzjoni tal-prattika tajba: ir-rapport finali tal-Grupp ta' Speċjalisti dwar il-*Mainstreaming*).*

L-għan tal-'*mainstreaming* ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti' huwa fformulat fil-Prinċipju Bażiku Komuni (*Common Basic Principle* – CBP) Nru. 10, li jafferma li 'l-inklużjoni tal-politika u l-miżuri ta' integrazzjoni fl-oqsma rilevanti tal-politika ta' natura ġenerali u fil-livelli kollha ta' ggvernar u servizzi pubbliċi hija kunsiderazzjoni importanti fil-formazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika pubblika'. Prinċipju komplementari huwa l-CBP Nru. 6, li jiddikjara li 'l-aċċess ta' l-immigranti għall-istituzzjonijiet, kif ukoll għal prodotti u servizzi pubbliċi u privati, fuq bażi ndaqs bħal ċittadini nazzjonali u mingħajr diskriminazzjoni, huwa pedament kritiku għal integrazzjoni aħjar'.

Il-*mainstreaming* timplika l-aġġustament ta' strateġiji politiċi li jkollu impatt differenti fuq il-poplu, b'tali mod li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi kif ukoll in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni. Fi kliem ieħor, din hija strument li tippromwovi l-ugwaljanza. Kif innutat il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-2005 dwar 'Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni', il-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u ta' l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd hija punt prinċipali dwar l-integrazzjoni.

Il-leġiżlazzjoni ta' l-UE tipprovdi qafas sabiex ikun hemm liġijiet nazzjonali dwar l-anti-diskriminazzjoni li jkunu b'saħħithom. Hija tipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, l-or-



dnijiet għad-diskriminazzjoni u għat-turment, iżda tippermetti azzjoni pożittiva. Qed jiġu żviluppati inizjattivi rilevanti fuq il-livelli kollha ta' gvern u qed jiġu appoġġjati minn programmi bħalma huwa l-Programm Ewropew ta' Azzjoni kontra d-Diskriminazzjoni. Il-prattika tajba ta' *mainstreaming* tibbaża fuq il-liġi ta' l-anti-diskriminazzjoni iżda turi wkoll kif mekkaniżmi inqas legali, bħall-medjazzjoni u l-proċeduri ta' l-ilmenti, jistgħu jintużaw sabiex jiġu identifikati l-problemi u sabiex jingħata kumpens f'każijiet individwali.

Il-mexxejja, il-fornituri tas-servizzi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li huma attivi f'sensiela wiesgħa ta' oqsma jeħtieġ iħarsu b'lenti kritika lejn l-attivitajiet tagħhom stess. Sa liema livell il-programmi jirrikonoxxu, iwieġbu, u jippjanaw għall-ħtiġiet u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' l-immigranti? Jistgħu jiġu adattati proċessi u strutturi sabiex tittejjeb l-aċċessibilità għall-immigranti fuq il-bażi ta' ugwaljanza?

Il-programmi ġenerali jistgħu jippromwovu l-integrazzjoni ta' l-immigranti bħala parti integrali mill-attivitajiet li jkunu mmirati għas-soċjetà bħala ħaġa sħiħa. Fl-istess waqt, hemm ħtiġiet speċifiċi li jkunu jeħtieġu miżuri addizzjonali u mmirati. Dan il-kapitolu jesplora d-dinamika tal-*mainstreaming* bħala navigazzjoni kontinwa bejn il-miżuri ġeneralizzati u dawk immirati. Idealment, dawn ikunu komplementari u jaħdmu flimkien sabiex joħolqu ambjent li jiffaċilita l-aċċess u l-parteċipazzjoni mill-immigranti. L-atturi f'setturi differenti tas-soċjetà jistgħu jħarsu lejn in-numru ta' persuni affettwati, lejn iż-żmien opportun, u lejn il-kapaċità tagħhom stess sabiex jiddeċiedu meta japplikaw liema tip ta' miżura. Dawn il-kriterji qed jiġu esplorati aktar hawn taħt.

## 1.1. Il-gvern

L-isfida għall-gvern hija li jqajjem interess fl-integrazzjoni ta' l-immigranti fi ħdan l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' l-istrateġiji politiċi fl-oqsma rilevanti kollha. Dan il-kompitu jiddependi b'mod kruċjali fuq l-impenn u t-tmexxija politika minn fuq. Fl-istess waqt dan jiddependi fuq is-sjieda ta' dawk l-atturi li jeħtieġ jinbidlu sabiex iwettqu l-integrazzjoni ta' l-immigranti.

Fuq livell nazzjonali, it-tmexxija tista' tiġi minn ministeru nnominat jew minn aġenzija speċjalizzata ħafna. Pereżempju, Spanja għandha Segretarju ta' l-Istat għall-Immigrazzjoni u l-Emigrazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; l-Olanda għandha Ministru għall-Immigrazzjoni u għall-Integrazzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja; id-Danimarka għandha Ministeru għall-Affarijiet tar-Refuġjati, ta' l-Immigrazzjoni u ta' l-Integrazzjoni; u l-Portugall għandu Kummissarju Għoli għall-Immigrazzjoni u l-Minoranzi Etniċi. Fuq livell lokali, tista' tinħoloq taqsima ta' *mainstreaming* li tiġi maħtura fi ħdan amministrazzjoni muniċipali.





Fil-belt ta' Vjenna, iktar minn kwart tal-popolazzjoni ġejja minn sfond ta' immigrazzjoni. Fl-2004, il-kunsill tal-belt ta' Vjenna stabbilixxa dipartiment muniċipali għall-Integrazzjoni u d-Diversità (MA17). L-MA17 jappoġġja dipartimenti u taqsimiet muniċipali oħra fl-implimentazzjoni ta' strateġiji politiċi orjentati lejn id-diversità, fil-ħidma pereżempju ma' l-uffiċċji distrettwali biex jitjiebu s-servizzi ta' l-uffiċċju ewlieni għall-popolazzjoni diversa. Pereżempju, l-MA17 jinkoraġġixxi l-għajnuna reċiproka bejn l-uffiċċji distrettwali sabiex jiġu ttrattati domandi bħall-ġestjoni ta' kwistjonijiet komplessi, mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji kummerċjali sa problemi li jikkonċernaw id-drittijiet tal-pensjoni, fil-lingwi tal-migranti stess.

It-tim ta' l-MA17 li jikkonsisti minn 48 persuna jinkludi 20 membru impjegat li jaħdmu fl-uffiċċji deċentralizzati f'seba' partijiet differenti ta' Vjenna. Din il-qrubija ssaħħaħ l-għarfien ta' l-MA17 dwar il-komunitajiet u l-assoċjazzjonijiet lokali u dwar is-sitwazzjoni konkreta fid-distretti differenti tal-belt. Madwar żewġ terzi ta' l-impjegati ta' l-MA17 ġejjin minn sfond ta' immigrazzjoni; ħafna minnhom huma migranti ta' l-ewwel ġenerazzjoni. Dawn ġejjin minn 14-il pajjiż u jitkellmu b'aktar minn 23 lingwa.

Websajt: www.wien.gv.at/integration/ (bil-Ġermaniż)

Il-ministeru jew it-taqsima li jippromwovu l-*mainstreaming* jistgħu jużaw varjetà ta' teknika sabiex jinkludu partijiet oħra tal-gvern fl-integrazzjoni ta' l-immigranti. Pereżempju, din it-teknika qed tiġi murija taħt b'referenza għall-'Aġent ta' Integrazzjoni' ġeneriku (jiġifieri l-persuna jew l-organizzazzjoni li effettivament twettaq azzjoni partikolari).

L-esperjenza turi li l-prattika tal-mainstreaming tkun aktar effettiva jekk din tiġi bbażata fuq messaġġ politiku koerenti, jiġifieri li tiġi kkunsidrata l-integrazzjoni ta' l-immigranti mhuwiex 'lussu' iżda sempliċement element ta' mandat ta' istituzzjoni meta l-klijenti, il-membri jew il-partijiet interessati tagħha jkunu qed isiru dejjem iżjed diversi.

Punti fokali dwar l-integrazzjoni: F'kull dipartiment individwali tal-gvern, taqsima amministrattiva jew persuna tista' tingħata r-responsabbiltà sabiex tippromwovi l-*mainstreaming*. Idealment dawn il-punti fokali dwar l-integrazzjoni jiddependu fuq l-appoġġ politiku fl-ogħla livelli u jinteraġixxu regolarment ma' l-Aġent ta' Integrazzjoni.

Il-gvern tar-Renju Unit jippromwovi l-azzjoni fid-diversità billi jagħmel kull Segretarju Permanenti responsabbli personalment sabiex jiżgura li d-dipartiment tiegħu jew tagħha iwettaq b'mod sħiħ l-impenn tiegħu dwar id-diversità (is-Segretarju Permanenti ikun l-iktar impjegat taċ-ċivil anzjan ta' ministeru tal-gvern Ingliż, u jkun inkarigat mill-amministrazzjoni ta' kuljum tad-dipartiment). Barra minn hekk, inħolqu numru ta' postijiet u rwoli speċjalizzati ġodda sabiex jgħinu ħalli l-aġenda dwar il-ġestjoni tad-diversità tkun tista' titmexxa 'l quddiem. Pereżempju, diversi impjegati anzjani taċ-ċivil ingħataw rwoli bħala Sponsers tad-Diversità u bħala Ċampjins tad-Diversità sabiex imexxu x-xogħol tad-diversità fi ħdan u bejn id-dipartimenti.



Ir-reviżjoni tal-proposti dwar il-politika: l-Aġent ta' Integrazzjoni jista' jħares lejn l-istrateġiji politiċi proposti fl-oqsma kollha u jintervjeni mad-dipartimenti rilevanti jekk il-proposti jkunu jqajmu tħassib dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti. Dawn ir-reviżjonijiet jistgħu jsiru wkoll fil-qafas ta' kumitat interministerjali jew ta' grupp ta' ħidma. Id-Danimarka, l-Irlanda, il-Polonja u Franza huma eżempji ta' Stati Membri b'kumitati bħal dawn.

Fil-Polonja, it-Tim Interdipartimentali għall-Integrazzjoni tal-Barranin ġie maħtur mill-Prim Ministru f'Marzu 2005. Il-kompiti tiegħu huma li jipprepara l-proposti dwar il-modifikazzjoni jew dwar iż-żamma tal-kompetenzi preżenti fil-qasam ta' l-integrazzjoni soċjali ta' l-immigranti, li jikkoordina l-kooperazzjoni interdipartimentali li tikkonċerna l-integrazzjoni soċjali ta' l-immigranti, li jagħti opinjonijiet dwar proġetti leġiżlattivi li jimmodifikaw id-dispożizzjonijiet dwar l-integrazzjoni soċjali ta' l-immigranti, li jikkoopera ma' l-aġenziji mhux governattivi f'dan il-qasam, u li jiskambja opinjonijiet dwar ix-xejriet u l-istrateġiji li jkunu ttieħdu f'dipartimenti individwali li jikkonċernaw gruppi differenti ta' immigranti.

Il-president tat-tim huwa s-Segretarju ta' l-Istat fil-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali, li jissorvelja d-Dipartiment ta' l-Għajnuna Soċjali u l-Integrazzjoni. Il-membri huma r-rappreżentanti ta' disa' ministeri li jvarjaw mill-kultura għas-saħħa u jinkludu r-Rappreżentant tal-Plenipotenzjarju tal-Gvern għall-istat indaqs tan-nisa u l-irġiel.

Fl-2005 l-uffiċċju federali Ġermaniż għall-migrazzjoni ppubblika l-volum 'Integration activities at the federal level – inventory produced in the framework of the interministerial working group on integration' (L-attivitajiet ta' integrazzjoni fuq il-livell federali – inventarju magħmul fil-qafas tal-grupp ta' ħidma interministerjali dwar l-integrazzjoni). Dan il-kompendju jelenka l-attivitajiet kollha dwar l-integrazzjoni li twettqu minn ministeri u aġenziji differenti fuq livell federali, u jinkludi wkoll indiċi.

L-attivitajiet jinkludu programmi wiesgħa kif ukoll proġetti, kampanji, avvenimenti, proġetti ta' riċerka jew pubblikazzjonijiet individwali. Dawn huma elenkati fil-forma ta' tabella li tinkludi informazzjoni dwar il-linji u l-ammonti tal-baġit, l-għanijiet, l-imsieħba, il-gruppi fil-mira, il-qafas ta' żmien, il-firxa reġjonali, l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw, il-valutazzjonijiet, eċċ. Huma wkoll elenkati l-persuni ta' kuntatt għal kull attività.

Ir-reviżjonijiet tal-proposti għall-politika jistgħu jinkludu wkoll valutazzjonijiet ta' l-impatt prospettivi u formali, li jfittxu li jantiċipaw l-impatt potenzjali tal-miżuri fuq ċerti gruppi bħall-immigranti. Pereżempju, b'ħarsa lejn id-distribuzzjoni ta' l-ispazju u l-mudelli tal-mobilità ta' l-immigranti, il-valutazzjoni ta' l-impatt tista' tgħin sabiex tiddetermina jekk dawn il-gruppi humiex se jgawdu proporzjonalment minn investiment ġdid fit-trasport pubbliku. L-Aġent ta' Integrazzjoni tista' tuża l-kompetenza tagħha biex tagħti parir lil dipartimenti oħra dwar kif iwettqu dawn il-valutazzjonijiet, b'mod partikolari f'oqsma fejn l-istrateġiji politiċi jkunu komplessi u fejn il-konsegwenzi jistgħu ma jkunux intenzjonati u jkunu diffiċli sabiex tikkwantifikahom.





'Il-valutazzjonijiet ta' l-impatt' ġew żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea bħala għodda biex tikkunsidra l-effetti tal-proposti tal-politika fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom. Meta valutazzjoni ta' l-impatt tanalizza l-effett ta' l-istrateġiji politiċi dwar qasam partikolari jew grupp partikolari, wieħed ikun qed jitkellem dwar 'valutazzjonijiet ta' l-impatt parzjali'.

Eżempji ta' dawn huma l-valutazzjonijiet ta' l-ugwaljanza li jkejlu l-impatt ta' miżuri legali u miżuri oħrajn fit-tipi kollha ta' oqsma ta' politika dwar l-ugwaljanza (EQIAs). Eżempji oħrajn huma l-valutazzjonijiet ta' l-impatt dwar l-integrazzjoni ta' bejn is-sessi u ta' l-immigranti, li janalizzaw l-impatt ta' strateġiji politiċi ġenerali fuq il-pożizzjoni tan-nisa u ta' l-immigranti, rispettivament.

L-indikaturi: L-Aġent ta' Integrazzjoni jista' jiżviluppa indikaturi dwar id-diversità u l-integrazzjoni ta' l-immigranti li jinvolvu l-kompetenzi ta' ministeri differenti. Dawn l-indikaturi jistgħu jkunu soġġetti għar-rappurtaġġ regolari. Aktar milli jkun involut f'ippjanar dettaljat, l-Aġent ta' Integrazzjoni għandu jistabbilixxi miri ġenerali, joffri parir u kompetenza, u jissorvelja l-proċess. L-indikaturi użati biex jitkejjel il-progress jistgħu għalhekk ikunu pjuttost ġenerali sabiex iħallu r-responsabbiltà ewlenija u l-għażla tal-metodi f'idejn il-ministeru kkonċernat.

Il-baġit: Il-mekkaniżmi tar-rappurtaġġ dwar l-indikaturi ta' integrazzjoni jistgħu jintrabtu maċ-ċiklu baġitarju, b'tali mod li allokazzjonijiet baġitarji ulterjuri jsiru jekk ikun hemm rendiment sodisfaċenti. Il-kumitati parlamentari jistgħu jingħataw sehem ta' superviżjoni fi proċess bħal dan.

Il-finanzjament jista' jintuża wkoll bħala inċentiv biex tiġi promossa l-*mainstreaming*. Pereżempju, jistgħu jiġu allokati riżorsi addizzjonali għad-dipartimenti tas-saħħa jew ta' l-edukazzjoni sabiex l-istrateġiji politiċi jsiru aktar jirrispondu għall-ħtiġiet ta' l-immigranti. L-arranġamenti ta' finanzjament konġunt jistgħu jkunu ta' għajnuna sabiex jenfasizzaw ir-responsabbiltà komuni għall-integrazzjoni, waqt li jiġi mfakkar li t-trattament tal-ħtiġiet ta' l-immigranti jifforma parti mill-mandati ewlenin tad-dipartimenti kollha.

Il-kwistjoni tal-kriterji tal-finanzjament turi li kultant ikun hemm linja delikata bejn il-miżuri ġenerali u dawk fil-mira. Pereżempju, il-gvernijiet ta' l-Istat Membri jużaw kemm il-kriterji 'ġenerali' (soċjo-ekonomiċi) kif ukoll dawk 'speċifiċi' (immirati lejn l-immigranti) meta jkun hemm bżonn ta' miżuri ta' appoġġ finanzjarju fl-iskejjel.

Fir-Renju Unit, il-programm l-Eċċellenza fl-Ibliet (*Excellence in Cities*) jagħti fondi addizzjonali lil dawk l-iskejjel li jinstabu fi kwartieri żvantaġġati billi juża l-indikaturi ta' l-iżvantaġġ sabiex jivvaluta l-ħtieġa. Minħabba l-*overlap* tal-minoranzi etniċi u ta' l-iżvantaġġi fiż-żoni urbani, il-programm l-Eċċellenza fl-Ibliet jiffinanzja 70% ta' l-istudenti li ġejjin minn minoranzi etniċi. Programm ieħor, l-Għotja għas-Suċċess tal-Minoranzi Etniċi (*Ethnic Minority Achievement Grant*), jiffinanzja lill-Awtoritajiet Edukattivi Lokali skond in-numru ta' studenti li għandhom l-Ingliż bħala t-tieni lingwa tagħhom, skond in-numru ta' tfal li ġejjin minn xi minoranza etnika, u skond in-numru ta' tfal li huma intitolati għall-ikel b'xejn mill-iskola (indikatur ta' żvantaġġ).






Fl-Olanda, l-iskejjel bi studenti 'vulnerabbli' jirċievu finanzjament addizzjonali mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Il-miżura tal-'vulnerabilità' dan l-aħħar inbidlet mill-'isfond etniku' għal-'livell ta' l-edukazzjoni tal-ġenituri' minħabba riċerka li tindika li r-rendiment edukattiv kien effettwat aktar mil-livell ta' l-edukazzjoni tal-ġenituri milli mill-isfond etniku, kif ukoll sabiex ikun hemm miżuri ta' appoġġ speċjali li jkunu disponibbli għat-tfal Olandiżi b'rendiment edukattiv baxx.

B'mod ġenerali, l-għażliet tan-nefqa għandhom jirriflettu l-prijoritajiet u l-impenji ddikjarati tal-politika. Il-Kapitolu 4 dwar it-tmexxija ta' l-integrazzjoni jiddiskuti l-ġestjoni tar-riżorsi f'aktar dettall.

Titqajjem kuxjenza: L-assoċjazzjonijiet tal-migranti u l-NGOs li jgħinu lill-migranti għandhom esperjenza diretta ta' strateġiji politiċi li ma jkunux adegwati u tal-konsegwenzi tagħhom. Dawn jistgħu jiġbdu l-attenzjoni għall-problemi f'oqsma bħalma huma l-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni jew l-edukazzjoni, u jagħmlu suġġerimenti għat-titjib fil-ministeri rilevanti. L-Aġent ta' Integrazzjoni jista' jappoġġja x-xogħol ta' difiża ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

L-Aġent ta' Integrazzjoni jista' wkoll jikkummissjona riċerka li tenfasizza l-vojt fis-servizzi u tagħmel lil dipartimenti oħra aktar konxji mill-ħtiġiet ta' l-immigranti. Pereżempju, fin-Norveġja d-Dipartiment ta' l-Integrazzjoni u d-Diversità kkummissjona studju dwar l-interpreti li jintużaw fil-qrati. Ir-riżultati urew problemi bil-kwalità u bl-indipendenza ta' l-interpreti, u l-Ministeru tal-Ġustizzja ħa azzjoni biex itejjeb l-istandards.

Fejn ikun hemm kumitat Parlamentari jew kumitat organizzattiv għall-integrazzjoni ta' l-immigranti, dan jista' jikkontribwixxi għall-isforz tal-*mainstreaming* billi jorganizza seduti u inkjesti pubbliċi, billi jitlob evidenza mingħand esperti esterni, u billi jsejjaħ lid-dipartimenti kollha biex jiddikjaraw l-impenn tagħhom għall-integrazzjoni.

Fil-belt Ġermaniża ta' Stuttgart, id-Dipartiment għall-Integrazzjoni jirrapporta direttament lis-sindku, filwaqt li jpoġġi l-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-integrazzjoni fil-quċċata ta' l-aġenda politika. Id-Dipartiment għall-Integrazzjoni għandu rwol ta' monitoraġġ tekniku fir-rigward tat-taqsimiet dipartimentali ta' l-amministrazzjoni u tal-kumpaniji li huma proprjetà tal-belt, sabiex jiżgura li (pereżempju) iċ-ċentri għall-impjiegi jikkunsidraw b'mod attiv id-diversità tal-klijenti tagħhom. Fuq livell dipartimentali, il-kapijiet tad-dipartiment u l-viċi-sindki huma responsabbli għall-implimentazzjoni u għall-valutazzjoni tal-politika u tal-proġetti dwar l-integrazzjoni.

Id-Dipartiment għall-Integrazzjoni għandu l-baġit tiegħu stess u dan jagħti bidu għal proġetti mudell flimkien ma' numru kbir ta' imsieħba. Dawn il-proġetti mudell jenfasizzaw it-trasferiment ta' kompetenzi interkulturali fl-istrutturi regolari, u l-prattika tajba issir viżibbli bl-approvazzjoni uffiċjali tas-sindku. Dan il-monitoraġġ tekniku jiġi appoġġjat bil-monitoraġġ politiku tal-Kumitat Internazzjonali tal-kunsill tal-belt, kumitat konsultattiv li jinkludi 13-il Membru elett tal-parlament tal-belt u 12-il espert residenti. Ir-residenti jkunu kompetenti fl-oqsma li ġejjin:

it-taħriġ lingwistiku, l-edukazzjoni, l-isports: 3 siġġijiet





l-iżvilupp urban, il-koeżjoni, is-sigurtà: 3 siġġijiet

l-affarijiet soċjali, iż-żgħażagħ, is-saħħa: 2 siġġijiet

il-kwalifiki vokazzjonali, l-impjiegi, l-ekonomija: 2 siġġijiet

il-kultura, id-djalogu interreliġjuż: 2 siġġijiet

Il-Kumitat Internazzjonali mhuwiex primarjament rappreżentazzjoni ta' nazzjonalitajiet barranin, iżda pjuttost grupp espert li jqis l-oqsma kollha ta' azzjoni rilevanti għall-integrazzjoni. Sa mill-2005, l-amministrazzjoni ressqet ukoll lill-Kunsill tal-Belt rapporti biannwali dwar l-integrazzjoni.

## 1.2. Il-fornituri tas-servizzi

Il-*mainstreaming* jikkonċerna wkoll l-aċċess indaqs għas-servizzi f'kundizzjonijiet ta' diversità. Il-fornituri pubbliċi u privati jagħrfu d-diversità billi joffru servizzi li jirriflettu l-eżistenza ta' ħtiġiet ġodda u differenti. Dawn il-ħtiġiet mhumiex biss ta' natura kulturali jew lingwistika: id-diversità tal-popolazzjoni li dejjem qed tiżdied ħafna drabi timxi id f'id ma' l-iżvilupp ta' żoni urbani li huma ppopolati b'mod sfiq u li l-karattru soċjo-ekonomiku tagħhom ipoġġi ħtiġiet speċjali fuq il-provvediment tas-servizz pubbliku. Il-ħtiġiet għas-servizzi tal-kura tat-tfal jew tas-saħħa jkunu differenti f'żona diversa u popolata b'mod sfiq milli f'żona diversa iżda inqas popolata. Għalhekk, is-servizzi jeħtieġ ikunu magħmulin apposta għall-popolazzjoni mmirata, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi *kollha* tagħha inkluż il-preżenza ta' l-immigranti jew tar-refuġjati.

### 1.2.1 Nidentifikaw il-ħtiġiet u l-ostakli

Il-fornituri tas-servizzi jużaw strumenti differenti biex jiddeterminaw jekk is-servizzi eżistenti iservux lill-partijiet kollha tal-popolazzjoni b'mod adegwat. Mod wieħed ta' kif issir din il-valutazzjoni huwa billi jitqiesu s-servizzi nfushom: dawn qed jintużaw fil-mod li għalih ġew imfassla, jew qed jintużaw b'mod mhux xieraq, li jissuġġerixxi li jeżisti l-vojt fil-komunikazzjoni jew in-nuqqas ta' tlaqqigħ bejn il-ħtiġiet u l-offerti?

L-'Istrateġija Reġjonali tas-Saħħa għall-Minoranzi Etniċi', żviluppata mill-Awtorità Reġjonali tas-Saħħa tal-Lvant ta' l-Irlanda fl-2003, identifikat punti prijoritarji fir-rigward tal-klijenti ta' minoranzi etniċi billi kkunsidrat l-evidenza dwar l-użu mhux xieraq tas-servizzi tas-saħħa.

Id-domanda għolja li kellhom id-dipartimenti ta' l-Inċidenti u ta' l-Emerġenza ssuġġeriet li l-informazzjoni dwar is-sistema tar-referenzi, tal-*waiting lists*, ta' l-appuntamenti, u tal-proċessi relatati ma' l-użu tas-servizzi tas-saħħa ma kinitx aċċessibbli għal ħafna immigranti. L-użu baxx tal-programmi tal-kura ta' qabel it-tqala u ta' wara t-tqala issuġġerixxa li t-twassil tal-programmi tal-materjali ta' promozzjoni tas-saħħa ġew adattati b'mod insuffiċjenti għall-utenti immigranti. Bħala riżultat, l-Istrateġija tas-Saħħa sejħet (fost miżuri oħra) għall-iżvilupp ta' servizz ta' interpretazzjoni u għall-ftuħ ta' klinika tal-maternità li tilqa' lil kulħadd.

Websajt: www.hse.ie (fl-2005 l-Awtorità tas-Saħħa tar-Reġjun tal-Lvant ġiet inkluża fi ħdan l-Eżekuttiv tas-Servizzi tas-Saħħa)



Ir-reazzjoni mill-utenti tas-servizz huwa mod ieħor ta' kif wieħed jitgħallem dwar l-ostakli eżistenti għas-servizzi. Mill-inqas, l-ilmenti u l-inġustizzji relatati mal-forniment tas-servizz għandhom jiġu segwiti u indirizzati kif xieraq. L-utenti immigranti u refuġjati jistgħu wkoll jiġu involuti permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fi stħarriġ jew fi proġetti ta' riċerka, fil-waqt li jrid jibqa' mfakkar li jkun diffiċli li ċerti persuni jkunu jistgħu jintlaħqu mingħajr intermedjarju. Il-ħidma ma' l-assoċjazzjonijiet tal-migranti, l-involviment tal-mexxejja tal-komunità, jew it-taħriġ ta' ċerti membri tal-komunità biex jidentifikaw (pereżempju) il-ħtiġiet tas-saħħa, jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan ir-rigward. Fl-istess waqt, il-fornituri għandhom ikunu konxji li l-membri ta' grupp etniku jew kulturali mhux neċessarjament ikollhom l-istess esperjenza tas-servizzi. Il-klassi soċjo-ekonomika, il-ħila tal-lingwa, l-istat legali u fatturi oħra jista' jkollhom rwol ugwali jew anke akbar.

Il-proġett SEEM (Is-Servizzi għall-Anzjani minn Minoranzi Etniċi, 2003-2006), iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea taħt il-Programm ta' Azzjoni tal-Komunità sabiex Tiġi Miġġielda l-Esklużjoni Soċjali, qies l-aċċess ta' l-anzjani minn minoranzi etniċi għas-servizzi fl-oqsma tas-saħħa u tal-kura soċjali. Il-proġett ipproduċa ktejjeb b'eżempji ta' l-aħjar prattika kif ukoll elenku ta' verifika għall-awtoritajiet lokali u għall-fornituri tas-servizzi.

Waħda mill-prattiki tajba li ġew ippreżentati mis-SEEM hija l-Forum ta' l-Anzjani ta' Leeds, grupp ta' 110 organizzazzjoni volontarja li jirrappreżentaw u li jaħdmu ma' l-anzjani. Il-Forum ħatar impjegat ta' appoġġ għall-BME (is-suwed u l-minoranzi etniċi) u stabbilixxa *focus group* dwar l-anzjani tal-minoranzi etniċi u dwar l-organizzazzjonijiet tagħhom. Ir-rappreżentanti tal-*focus group* iltaqgħu, pereżempju, mad-Direttur tas-Servizzi Soċjali ta' Leeds biex jiddiskutu l-Pjan ta' Negozju tas-Servizzi Soċjali l-ġdid kif ukoll il-bidliet fil-forniment tas-servizzi tal-kura fid-djar. B'dan il-mod, il-*focus group* jagħti s-setgħa lill-anzjani u lill-organizzazzjonijiet tagħhom sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-servizzi, kif ukoll biex isaħħu l-għajnuna tagħhom infushom.

Kuntatt: seem@leeds.gov.uk, websajt: www.leeds.gov.uk/seem/

L-iżvilupp ta' servizzi mmirati, li ħafna drabi jiġu fornuti mill-NGOs u mill-organizzazzjonijiet ta' awto-assistenza ta' l-immigranti jew tar-refuġjati, huwa wieħed mill-indikaturi l-aktar ċari ta' ħtiġiet mhux sodisfatti.

Is-servizzi mmirati huma sensittivi għaċ-ċirkostanzi speċifiċi anke ta' gruppi żgħar. Dawn iwieġbu malajr hekk kif tinqala' l-ħtieġa, u jkunu flessibbli fil-mod kif jiġu implimentati. Ladarba l-fornituri mainstream isiru konxji mill-vojt tas-servizzi, l-isfida tkun li jinstab bilanċ tajjeb bejn is-servizzi mmirati u dawk ġenerali. Diviżjoni ċara tar-rwoli u tal-kompiti tista' tgħin sabiex jiġu evitati l-overlaps fis-servizzi u n-nuqqas ta' koordinazzjoni.

### 1.2.2 Nibbilanċjaw il-miżuri ġenerali u dawk fil-mira

Fid-dawl tad-dħul kontinwu ta' informazzjoni dwar l-udjenza fil-mira tagħhom, il-fornituri tas-servizzi jeħtieġ jiddeċiedu dwar jekk il-proċessi, l-istrateġiji politiċi, il-prattiki u l-istrutturi organizzattivi tas-soltu jistgħux jiġu aġġustati jew jekk ikunux meħtieġa miżuri addizzjonali.

Fit-teħid ta' dawn id-deċiżjonijiet, dawn jistgħu jikkunsidraw b'mod utli l-fatturi li ġejjin: iż-żmien opportun, in-numri u l-kapaċità.





## Iż-żmien opportun

Iż-żmien opportun huwa komponent prinċipali ta' strateġija ta' *mainstreaming* b'suċċess. L-ewwel perjodu wara l-wasla huwa tipikament iż-żmien meta l-immigranti u r-refuġjati x'aktarx ikunu jeħtieġu programmi speċifiċi. F'ċerti Stati Membri, l-akbar parti tal-popolazzjoni ta' l-immigranti u r-refuġjati tikkonsisti minn persuni li jkunu għadhom kif waslu.

Il-miżuri fil-mira bħall-korsijiet tal-lingwa għan-nies ġodda li jaslu u l-programmi ta' introduzzjoni x'aktarx ikollhom rwol importanti fil-politika dwar l-immigranti u r-refuġjati. Madankollu, is-servizzi ġenerali xorta jiġu effettwati peress li n-nies ġodda li jaslu xorta waħda jużaw is-servizzi '*mainstream*' bħall-isptarijiet. Il-pajjiżi reċenti ta' l-immigrazzjoni għalhekk jistgħu jgawdu billi jibdew minn kmieni bl-isforzi tal-*mainstreaming*. Il-programmi speċifiċi jistgħu jindirizzaw b'suċċess ċerti problemi fuq perjodu qasir ta' żmien, iżda l-problemi ta' perjodu itwal jistgħu jiġu ttrattati bi programmi ġenerali.

## In-numri

In-numri huma importanti biex jiġi deċiż sa liema livell is-servizzi eżistenti għandhom jiġu mmodifikati. Organizzazzjoni għandha tinbidel b'mod sinifikanti biex takkomoda grupp żgħir ta' immigranti jew refuġjati bi bżonnijiet speċifiċi ħafna (pereżempju, membri ta' grupp ta' lingwa żgħir ħafna fil-pajjiż jew fiż-żona lokali ospitanti)? Forsi minflok jistgħu jiġu żviluppati miżuri mmirati. Dawn il-miżuri mbagħad ikunu jistgħu jirrispondu b'mod sħiħ għall-ħtiġiet tal-grupp, aktar milli jaċċettaw kompromess x'aktarx mhux sodisfaċenti. Mill-banda l-oħra, fejn il-bidla tkun ta' importanza kbira għal numru kbir ta' migranti, il-fornitur *mainstream* għandu jagħmel sforz konsiderevoli biex iwettaqha.

Jistgħu jintużaw diversi kriterji sabiex wieħed jiddeċiedi bejn il-miżuri ġenerali u dawk fil-mira f'sitwazzjoni partikolari. Iż-żmien opportun huwa importanti, kif inhu n-numru ta' persuni li jiġu affettwati b'ċertu miżura. Meta jitqiesu dawn il-fatturi, dawk involuti għandhom jiġu ggwidati minn konsiderazzjoni għall-proporzjonalità.

L-edukazzjoni hija wieħed mill-oqsma prinċipali ta' l-integrazzjoni u għandha funzjoni ċentrali fit-titjib taċ-ċansijiet tal-ħajja tat-tfal immigranti. Diversi eżempji ta' *mainstreaming* jistgħu jinstabu fil-qasam ta' l-edukazzjoni, pereżempju dawk miġbura fil-pubblikazzjoni ta' l-2004 tan-Netwerk Eurydice 'Integration of Immigrant Children into Schools in Europe' (L-Integrazzjoni tat-Tfal Immigranti fl-Iskejjel ta' l-Ewropa).

Ir-rapport Eurydice jinnota li fil-Komunità Franċiża tal-Belġju, tal-Ġermanja, ta' Franza, ta' l-Iżvezja, u tar-Renju Unit (l-Ingilterra), bejn 5% u 12% ta' l-istudenti jattendu fi skejjel li fihom aktar minn 40% ta' l-istudenti l-ġodda jikkonsistu minn tfal immigranti. Ħafna minn dawn l-iskejjel jadattaw ruħhom f'termini ta' menù ta' l-iskola, ta' kodiċi ta' l-ilbies, ta' tagħlim ta' l-għawm u l-isports, ta' btajjel reliġjużi, u f'termini ta' kwistjonijiet oħra fil-ħajja ta' kuljum. Ħafna jimpjegaw ukoll konsulenti u/jew uffiċjali ta' kollegament ta' bejn id-dar u l-iskola, u jużaw "medjaturi interkulturali" sabiex jiżviluppaw rabtiet bejn id-dar, l-iskola u l-komunità aktar ġenerali. L-iskejjel jistgħu joffru jew jiffaċilitaw it-tagħlim tal-lingwa-omm, u jinkludu d-diversità fil-kurrikulu billi jgħallmu lill-istudenti dwar kulturi oħra u sabiex dawn jirrispet-



taw id-differenzi. Fl-Iżvezja u fil-Finlandja, il-ġenituri immigranti għandhom ukoll id-dritt statutarju għall-interpretu meta dawn ikollhom xi laqgħa fl-iskola.

Ir-rapport: http://www.eurydice.org/portal/page/portal/Eurydice/showPresentation?pubid=045EN

**Il-kapaċità**

Il-kapaċità u l-kompeteza huma kunsiderazzjonijiet ewlenin meta jkun irid jiġi deċiż jekk jintużawx miżuri aktar ġenerali jew miżuri aktar speċifiċi. Dawn jaġixxu bħala miżuri ta' kwalità: l-organizzazzjoni *mainstream* u l-impjegati tagħha huma kapaċi jakkommodaw il-ħtiġiet ta' l-immigranti b'mod effettiv? Għad għandhom bżonn jiżviluppaw il-kompetenza interkulturali tagħhom? Iż-żmien u l-baġit huma disponibbli biex isir dan, jew għandhom jintużaw miżuri mmirati minflok?

Il-proġett 'L-Isptarijiet li Jilqgħu l-Migranti' (*Migrant-friendly hospitals*), appoġġjat mid-DĠ għas-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, żviluppa l-'Kwestjonarju dwar il-Kwalità Tajba għall-Migranti' bħala strument ta' valutazzjoni għall-isptarijiet.

Il-kwestjonarju jagħmel valutazzjoni dwar l-istrutturi li huma tajba għall-migranti bħalma huma s-servizzi ta' interpretazzjoni, il-materjal ta' informazzjoni għall-pazjenti migranti, is-servizzi li huma kulturalment sensittivi (ir-reliġjon, l-ikel), kif ukoll komponenti mis-sistema tal-ġestjoni (tal-kwalità) li jippermettu u jiżguraw li s-servizzi jkunu tajbin għall-migranti, pereżempju l-inklużjoni tal-kwalità tajba għall-migranti f'dikjarazzjonijiet ta' missjoni, fil-baġit, u fi programmi għall-iżvilupp ta' l-impjegati.

Websajt: www.mfh-eu.net/public/home.htm

F'ċerti każijiet, l-għajnuna mmirata tista' tiġi offruta lil ċerti gruppi waqt li fl-istess ħin iżżid il-kompetenza interkulturali tas-servizzi *mainstream*.

Il-proġett Policesol huwa programm ta' taħriġ edukattiv imfassal bi sħab bejn id-Dipartiment tas-Sikurezza tal-Komunità tal-Pulizija ta' Cardiff u d-Dipartiment tat-Tagħlim għall-Gost u Tul il-Ħajja tal-Kunsill tal-Kontea ta' Cardiff. Policesol (ESOL tfisser l-Ingliż għal Dawk li Jitkellmu b'Lingwi Oħra (*English for Speakers of Other Languages*)) jipprovdi appoġġ fil-lingwa lil dawk l-individwi li ma jitkellmux bl-Ingliż. Il-proġett jgħaqqad it-tagħlim li jingħata mill-għalliema ta' l-ESOL ma' interventi li jsiru mill-uffiċjali tar-ronda tal-Komunità u minn persuni impjegati bi prova. Il-membri tal-pulizija jitkellmu mal-parteċipanti dwar kwistjonijiet bħal meta t-tfal jitħallew waħedhom fid-dar jew fil-ġonna, is-sewqan mingħajr dokumenti, il-vjolenza domestika, jew il-fastidju razzjali.

Bħala riżultat tal-proġett, il-parteċipanti tal-minoranza etnika żviluppaw fiduċja akbar fil-pulizija u kisbu wkoll opportunitajiet biex jaħdmu volontarjament jew biex jaħdmu bħala Uffiċjali ta' Appoġġ tal-Pulizija fil-Komunità. Dan tejjeb il-profil etniku tal-forza tal-pulizija. Fl-istess waqt, l-uffiċjali tal-pulizija li kienu involuti fit-twettiq ta' dawn is-sessjonijiet urew li





għalihom l-esperjenza prattika li jkunu involuti fi gruppi multi-etniċi kienet ta' valur kbir. Dawn żviluppaw apprezzament akbar tad-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-migranti, u sabu li din l-esperjenza kienet aktar effettiva minn 'taħriġ formali dwar id-diversità'.

Websajt: www.cardiff.gov.uk

L-ewwel edizzjoni tal-Ktejjeb dwar l-Integrazzjoni (Kapitolu 2) offriet numru ta' eżempji dwar kif tiġi żviluppata l-kompetenza interkulturali, li matul il-proċess issir 'organizzazzjoni miftuħa u inklużiva'. L-eżempji fl-ewwel edizzjoni u f'din l-edizzjoni jenfasizzaw li l-forniment tas-servizzi jrid jiġi msaħħaħ b'għarfien tajjeb dwar il-konsumaturi jew il-klijenti li huma immigranti: l-istorja tagħhom dwar fejn issetiljaw, il-profil dwar l-età u s-sess, il-ħtiġiet tal-lingwa, il-prattika kulturali u reliġjuża, u kwalunkwe ostaklu li dawn iltaqgħu miegħu f'termini ta' aċċess għal u/jew ta' esperjenza fis-servizzi. Dan jista' jgħin lill-immigranti sabiex ikollhom aċċess għas-servizzi *mainstream*.

L-għarfien dwar il-klijenti immigranti u refuġjati jista' jinkiseb b'diversi modi: billi tiġi analizzata u ġġenerata d-data, billi l-kompetenza interkulturali ssir prijorità fl-għażla, fit-taħriġ u fil-valutazzjoni ta' l-impjegati, billi jiġu involuti esperti minn barra, billi ssir konsultazzjoni ma' gruppi komunitarji jew ma' ċittadini individwali, u billi jsir tagħlim minn inizjattivi mmirati.

### 1.2.3 Ngħaqqdu l-poplu u l-istituzzjonijiet

Il-*mainstreaming* huwa dwar persuni li jbiddlu l-istituzzjonijiet li jinteraġixxu magħhom bħala ħaddiema, klijenti jew partijiet interessati oħra. L-istituzzjonijiet li jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni u għar-rispons ikunu jistgħu aktar jidentifikaw dawk l-oqsma fejn l-aċċess indaqs ma jkunx qed jinkiseb, u l-fornituri li jkollhom l-għan li jipprovdu servizzi personalizzati u ta' rispons isibuha aktar faċli li jwettqu l-bidla fl-attitudnijiet li timxi id f'id ma' *mainstreaming* b'suċċess.

Bil-maqlub, fejn il-fornituri tas-servizzi jkunu 'l bogħod mill-utenti tagħhom dawn jistgħu jdumu biex jidentifikaw il-ħtiġiet ta' l-immigranti. L-immigranti jistgħu ma jkunux konxji mill-offerti disponibbli, waqt li jassumu li l-fornitur *mainstream* se jkun inflessibbli jew ostili. Il-bidliet jistgħu jsiru iżda ma jiġux ippubbliċizzati b'mod effettiv.

L-NGOs jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji u jgħinu sabiex ibiddlu l-perċezzjonijiet li l-fornituri tas-servizzi u l-utenti għandhom dwar xulxin. Pereżempju, il-gruppi ta' appoġġ ta' komunità jista' jkollhom effett fuq x'jafu dwar u x'jistennew l-immigranti mill-forniment tas-servizz.

Il-*mainstreaming* għandu aspett soċjali relatat mal-ġustizzja kif ukoll aspett ta' effiċjenza. It-tnejn iridu jkunu riflessi fil-mod kif il-*mainstreaming* jiġi ddefinit u implimentat. Fi kliem ieħor, il-preżentazzjoni ta' politika effiċjenti trid timxi id f'id ma' l-attenzjoni għall-kwistjoni ta' l-ugwaljanza. Għalkemm ċerti mekkaniżmi involuti huma pjuttost tekniċi, il-*mainstreaming* huwa essenzjalment dwar il-'bidla fil-qlub u fl-imħuħ' u dwar il-bini ta' soċjetà li tkun konxja dwar u sensibbli għad-diversità.

Ta' importanza partikolari huma l-attitudnijiet ta' l-impjegati li jaħdmu fl-istituzzjonijiet li jfornu s-servizzi, li jridu jadattaw il-proċessi tax-xogħol tagħhom biex jakkommodaw id-di-



versità. Jistgħu dawn jiġu mmotivati biex jisimgħu lill-utenti, biex jirrivedu l-metodi tagħhom u biex jaħdmu fuq il-kompetenzi tagħhom?

Kultant, il-pressjoni tax-xogħol fuq l-impjegati twassal għad-deterjorament fir-relazzjonijiet mal-klijenti. L-impjegati '*front-desk*' b'mod partikolari jistgħu jkunu inqas kapaċi u lesti li jqattgħu aktar ħin mal-klijenti immigranti matul perjodi impenjattivi ħafna. Fil-Belġju, il-gvern federali stabbilixxa programm ta' medjazzjoni interkulturali li permezz tiegħu huwa jissussidja medjaturi jew koordinaturi interkulturali f'madwar ħamsin sptar Belġjan. Il-programm jibbaża fuq servizz ipprovdut minn għoxrin organizzazzjoni voluntiera mill-pajjiż kollu.

Websajt: www.cofetis.be

Ir-rieda politika hija waħda mill-mezzi li tixpruna l-mainstreaming. Aktar ma' l-organizzazzjonijiet u l-korpi politiċi jkunu marbuta ma' l-immigranti, aktar dawn ikunu attivi sabiex jinsistu fuq il-*mainstreaming*.

Il-kwistjoni tad-dritt tal-vot għall-immigranti fuq livell lokali tista' titqajjem hawn, peress li ħafna mill-forniment tas-servizzi jsir fuq livell lokali. Ħafna drabi s-servizzi jiġu ffinanzjati mill-muniċipalità, u d-deċiżjonijiet dwar kif dawn isiru jittieħdu fuq livell lokali. Il-Prinċipju Bażiku Komuni Nru. 9 jinnota li l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti fil-proċessi demokratiċi, inkluż l-involviment fl-elezzjonijiet, id-dritt għall-vot u s-sħubija f'partiti politiċi, tappoġġja l-integrazzjoni u għandha tiġi inkoraġġita kulfejn ikun possibbli.

## 1.3. Għaqdiet non-governattivi

Fir-relazzjoni dinamika bejn is-servizzi ġenerali u dawk immirati, l-NGOs u l-fornituri *mainstream* jiżviluppaw mudelli ta' interazzjoni li jinbidlu. Dawn jistgħu jkunu kkaratterizzati mill-kumplementarjetà jew mill-kompetizzjoni, mill-koordinazzjoni jew mir-repetizzjoni, mit-trasparenza jew mill-ineffiċjenza. L-isfida hija li tibni fuq l-interessi komuni u fuq il-forzi relattivi sabiex tinħoloq relazzjoni li fiha tkun possibbli sħubija ndaqs.

Normalment l-NGOs jiġu stabbiliti għal raġuni jew għal interess partikolari, pereżempju meta jinħass li jkun hemm vojt fil-politika tal-gvern jew fil-forniment ta' servizz. Dawn ta' spiss ifornu servizzi mmirati lil gruppi speċifiċi ta' immigranti jew refuġjati. Dawn is-servizzi ġieli jitqiesu bħala 'soluzzjonijiet biex jimlew il-vojt' għal żmien qasir għaliex dawn ikunu msejsa b'mod tipiku fuq proġett u jkunu jiddependu minn finanzjament minn donaturi li jkun limitat biż-żmien. Madankollu, is-sostenibilità hija importanti għall-NGOs. Jistgħu l-attivitajiet immirati jwasslu lill-fornituri *mainstream* biex japplikaw it-tagħlim? It-tħassib ta' l-immigranti u tar-refuġjati se jiġi integrat fl-ippjanar fit-tul?

Il-każ li ġej juri l-importanza tat-'termini ta' kooperazzjoni' bejn l-NGOs u s-servizzi *mainstream*. Kif jistgħu jinbnew pontijiet organizzattivi b'tali mod li jiġi fornut l-aħjar servizz lill-utenti u li jippermetti lill-organizzazzjonijiet li jżommu l-identità tagħhom?





L-għoti ta' pariri soċjali għar-refuġjati fl-Ungerija

- L-NGO Menedék – l-Assoċjazzjoni Ungeriża għall-Migranti – ġiet stabbilita fl-1995 bħala inizjattiva ċivili b'finanzjament mill-UNHCR.

- Fl-1998, Menedék nediet proġett iffinanzjat mill-UNHCR li l-għan tiegħu kien li jagħmilha ta' medjatur bejn l-utenti u l-fornituri tas-servizzi tal-gvern jew tal-muniċipalità. Matul il-proġett, Menedék skopriet li ħafna każijiet ma kinux effettivament ittrattati mis-sevizzi *mainstream*. Għalhekk, din bdiet is-servizzi ta' għoti ta' pariri tagħha stess għar-refuġjati.

- Is-servizz ta' għoti ta' pariri sar magħruf fost l-aġenziji *mainstream*, u l-utenti refuġati ġew referuti lilha f'numru li dejjem beda jiżdied.

- Fl-2002-2003, il-UNHCR irtirat il-finanzjament tagħha. Menedék imbagħad ippruvat tqajjem l-interess fost il-fornituri *mainstream* fis-servizz, iżda mingħajr suċċess. B'mod partikolari, is-suġġeriment li l-aġenziji *mainstream* għandhom jaħdmu huma stess mar-refuġjati u ma' l-immigranti waqt li Menedék tibqa' bħala 'ċentru ta' riżorsi' ma ġiex aċċettat.

- Fl-2005, Menedék żviluppat sistema ta' 'ġestjoni tal-każ' fejn din għandha rwol ta' koordinazzjoni u ta' medjazzjoni bejn l-utenti refuġjati u l-fornituri tas-servizz. Wieħed mill-għanijiet tagħha kien ir-rikonoxximent tal-pożizzjoni u tal-kompetenzi ta' Menedék fuq livell ta' politika.

L-attivitajiet immirati maħsuba għall-immigranti huma sors ewlieni ta' għarfien għall-organizzazzjonijiet mainstream. Il-mexxejja għandhom ikunu proattivi fit-talbiet tagħhom għal informazzjoni mingħand organizzazzjonijiet volontarji u komunitarji li huma f'kuntatt dirett ma' gruppi partikolari.

L-informazzjoni tista' tinġabar billi jiġu kkummissjonati studji kwalitattivi jew permezz tal-konsultazzjoni diretta tal-professjonisti involuti. Jistgħu jiġu organizzati seminars dwar l-aħjar prattika għal inizjattivi mmirati, li jressqu flimkien lil dawk li jwettqu l-miżuri mmirati u lill-impjegati minn aġenziji li jkunu għadhom ma ġewx involuti fil-*mainstreaming* ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti. Fejn l-attivitajiet immirati jkunu ffinanzjati mill-Istat, l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw jistgħu jintalbu biex jadattaw ir-rapporti tal-valutazzjoni tagħhom għall-qsim ta' l-esperjenzi. Pereżempju, ir-rapporti jistgħu jinkludu taqsima dwar 'it-tagħlim li kisbu għall-aġenziji *mainstream*'. F'dan il-kuntest il-valutazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala opportunitajiet ta' tagħlim utli. Dawn qed jiġu diskussi f'aktar dettall fil-Kapitolu 4 ta' dan il-ktejjeb.

B'mod indipendenti minn proġetti speċifiċi, l-NGOs, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-migranti, jistgħu jsiru 'ċentri ta' kompetenza' u jagħmlu kapital mill-għarfien tagħhom dwar il-komunitajiet billi jsiru ħarrieġa u konsulenti għall-fornituri *mainstream* jew għall-awtoritajiet governattivi. Dawn jistgħu jiżviluppaw ukoll materjali biex jintużaw fil-kurrikula *mainstream* għall-impjegati ta' l-amministrazzjoni pubblika, għall-ħaddiema soċjali, eċċ. It-talba għal dawn l-attivitajiet x'aktarx li se tikber aktar peress li l-kompetenzi interkulturali qed jingħataw aktar valur.

   

L-NGOs jistgħu jkunu wkoll organizzazzjonijiet ta' konsulenza legali u ta' tmexxija ta' kampanji. Minħabba li jiffokaw l-attenzjoni fuq aspetti speċifiċi ta' integrazzjoni ta' l-immigranti, dawn jgħinu biex isaħħu l-profil tal-kwistjoni. Il-prattika tajba tissuġġerixxi li l-gvernijiet għandhom jirrikonoxxu r-rwoli varjati ta' l-NGOs bħala organizzazzjonijiet ta' konsulenza legali, bħala fornituri ta' servizzi bħall-interpretazzjoni jew il-forniment ta' informazzjoni, u bħala faċilitaturi tad-djalogu. Il-finanzjament ta' l-aspetti kollha ta' l-attivitajiet tagħhom jista' jappoġġja l-awtonomija ta' l-NGOs filwaqt li jesprimi l-impenn tal-gvernijiet għall-komunikazzjoni u għall-involviment attiv bħala elementi importanti ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti.





## Kapitolu 1: Konklużjonijiet

1. Il-mexxejja, il-fornituri tas-servizzi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li huma attivi f'sensiela wiesgħa ta' oqsma jeħtieġ iħarsu b'lenti kritika lejn l-attivitajiet tagħhom stess. Sa liema livell il-programmi jirrikonoxxu, iwieġbu, u jippjanaw għall-ħtiġiet u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' l-immigranti? Jistgħu jiġu adattati proċessi u strutturi sabiex titjieb l-aċċessibilità għall-immigranti fuq il-bażi ta' ugwaljanza?

2. L-esperjenza turi li l-prattika tal-mainstreaming tkun aktar effettiva jekk din tiġi bbażata fuq messaġġ politiku koerenti, jiġifieri li tiġi kkunsidrata l-integrazzjoni ta' l-immigranti mhuwiex 'lussu' iżda sempliċement element ta' mandat ta' istituzzjoni meta l-klijenti, il-membri jew il-partijiet interessati tagħha jkunu qed isiru dejjem iżjed diversi.

3. Il-fornituri tas-servizzi jużaw strumenti differenti biex jiddeterminaw jekk is-servizzi eżistenti iservux lill-partijiet kollha tal-popolazzjoni b'mod adegwat. Mod wieħed ta' kif issir din il-valutazzjoni huwa billi jitqiesu s-servizzi nfushom: dawn qed jintużaw fil-mod li għaliha ġew imfassla, jew qed jintużaw b'mod mhux xieraq, li jissuġġerixxi li jeżisti l-vojt fil-komunikazzjoni jew in-nuqqas ta' tlaqqigħ ħażin bejn il-ħtiġiet u l-offerti?

4. Is-servizzi mmirati huma sensittivi għaċ-ċirkostanzi speċifiċi anke ta' gruppi żgħar. Dawn iwieġbu malajr hekk kif tinqala' l-ħtieġa, u jkunu flessibbli fil-mod kif jiġu implimentati. Ladarba l-fornituri mainstream isiru konxji mill-vojt tas-servizzi, l-isfida tkun li jinstab bilanċ tajjeb bejn is-servizzi mmirati u dawk ġenerali. Diviżjoni ċara tar-rwoli u tal-kompiti tista' tgħin sabiex jiġu evitati l-overlaps fis-servizzi u n-nuqqas ta' koordinazzjoni.

5. Fid-dawl tad-dħul kontinwu ta' informazzjoni dwar il-pubbliku fil-mira tagħhom, il-fornituri tas-servizzi jeħtieġ jiddeċiedu dwar jekk il-proċessi, l-istrateġiji politiċi, il-prattiki u l-istrutturi organizzattivi tas-soltu jistgħux jiġu aġġustati jew jekk ikunux meħtieġa miżuri addizzjonali.

6. Jistgħu jintużaw diversi kriterji sabiex wieħed jiddeċiedi bejn il-miżuri ġenerali u dawk fil-mira f'sitwazzjoni partikolari. Iż-żmien opportun huwa importanti, kif inhu n-numru ta' persuni li jiġu affettwati b'ċertu miżura. Meta jitqiesu dawn il-fatturi, dawk ikkonċernati għandhom jiġu ggwidati minn konsiderazzjoni għall-proporzjonalità.

7. L-għarfien dwar il-klijenti immigranti u refuġjati jista' jinkiseb b'diversi modi: billi tiġi analizzata u ġġenerata d-data, billi l-kompetenza interkulturali ssir prijorità fl-għażla, fit-taħriġ u fil-valutazzjoni ta' l-impjegati, billi jiġu involuti esperti minn barra, billi ssir konsultazzjoni ma' gruppi komunitarji jew ma' ċittadini individwali, u billi jsir tagħlim minn inizjattivi mmirati.

8. L-NGOs jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji u jgħinu sabiex ibiddlu l-perċezzjonijiet li l-fornituri tas-servizzi u l-utenti għandhom dwar xulxin. Pereżempju, il-gruppi ta' appoġġ ta' komunità jista' jkollhom effett fuq x'jafu dwar u x'jistennew l-immigranti mill-forniment tas-servizz.

9. Ta' importanza partikolari huma l-attitudnijiet ta' l-impjegati li jaħdmu fl-istituzzjonijiet li jfornu s-servizzi, li jridu jadattaw il-proċessi tax-xogħol tagħhom biex jakkommodaw



id-diversità. Jistgħu dawn jiġu mmotivati biex jisimgħu lill-utenti, biex jirrivedu l-metodi tagħhom u biex jaħdmu fuq il-kompetenzi tagħhom?

10. Ir-rieda politika hija waħda mill-mezzi li tixpruna l-mainstreaming. Aktar ma' l-organizzazzjonijiet u l-korpi politiċi jkunu marbuta ma' l-immigranti, aktar dawn ikunu attivi sabiex jinsistu fuq il-mainstreaming.

11. L-attivitajiet immirati maħsuba għall-immigranti huma sors ewlieni ta' għarfien għall-organizzazzjonijiet mainstream. Il-mexxejja għandhom ikunu proattivi fit-talbiet tagħhom għal informazzjoni mingħand l-organizzazzjonijiet volontarji u komunitarji li huma f'kuntatt diretta ma' gruppi partikolari.





## Kapitolu 2

# L-akkomodazzjoni f'ambjent urban





L-akkomodazzjoni hija importanti ħafna għall-individwi, għall-familji u għall-komunitajiet, u hija fattur kritiku sabiex tiġi inkoraġġita l-integrazzjoni. Dan il-kapitolu jiddeskrivi l-prattika li għandha l-għan li twessa' l-għażliet ta' l-immigranti għall-akkomodazzjoni billi tnaqqas l-ostakli għall-aċċess u billi ttejjeb il-kwalità ta' l-akkomodazzjoni. Waqt li dawn il-miżuri huma l-aktar ta' skala żgħira u mmirati, dawn jiġu implimentati fl-isfond ta' strateġiji politiċi u strutturi urbani aktar wiesgħa. Illum f'ċerti bliet Ewropej, iktar minn nofs ir-residenti ġejjin minn sfond ta' migrazzjoni, li jwassal għal kondizzjonijiet ġodda ta' diversità. Dawn l-ibliet ħafna drabi jkunu pijunieri fl-iżvilupp ta' miżuri li jikkonċernaw ir-riġenerazzjoni urbana, l-okkupanza mħallta u l-kiri tal-proprjetà, l-istituzzjonijiet u s-servizzi inklużivi, u l-komunikazzjoni u l-parteċipazzjoni, li jistgħu jikkontribwixxu għal ambjent ta' għajxien aħjar għall-popolazzjoni li qed issir iktar diversa.

> Il-Prinċipju Bażiku Komuni Nru. 7 jipprovdi l-kuntest biex l-istrateġiji politiċi ta' l-akkomodazzjoni jitpoġġew fi ħdan il-qafas ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti. Dan jgħid hekk: 'L-interazzjoni ta' spiss bejn l-immigranti u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri hija mekkaniżmu fundamentali għall-integrazzjoni. Il-fora komuni, id-djalogu interkulturali, l-edukazzjoni dwar l-immigranti u l-kulturi tagħhom, u l-istimolu tal-kundizzjonijiet ta' l-għajxien f'ambjenti urbani kollha jtejbu l-interazzjonijiet bejn l-immigranti u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.'

## 2.1 Inwessgħu l-għażliet ta' l-akkomodazzjoni għall-immigranti

L-immigranti, bħar-residenti kollha, jiżviluppaw strateġiji ta' akkomodazzjoni bbażati fuq il-ħtiġiet tagħhom u fuq l-opportunitajiet li jiġu offruti mill-ambjent. L-istrateġiji politiċi għandhom ifittxu li jwessgħu l-għażliet tagħhom billi jiżguraw opportunitajiet indaqs fis-suq ta' l-akkomodazzjoni, f'termini ta' aċċess kif ukoll ta' kwalità.

### L-aċċess għall-akkomodazzjoni

Ħafna immigranti jġarrbu diskriminazzjoni diretta u indiretta fis-suq ta' l-akkomodazzjoni. Is-sidien tad-djar jistgħu ma jkunux iridu jbigħu jew jikru l-proprjetà tagħhom lill-immigranti. Oħrajn jistgħu jitolbu kirjiet u depożiti bil-quddiem eċċessivi, jirrifjutaw milli jaċċettaw garanti, jew inkella jitolbu dokumenti u referenzi mhux meħtieġa. Minħabba d-diffikultajiet biex ikollhom aċċess għall-akkomodazzjoni privata, id-domanda għal akkomodazzjoni soċjali mikrija tkun ħafna drabi għolja fost l-immigranti. Madankollu, l-akkomodazzjoni soċjali hija riżorsa skarsa u l-*waiting lists* huma twal. L-iżvantaġġi u d-diskriminazzjoni li jaffettwaw lill-immigranti u lill-minoranzi fl-UE15 huma dokumentati fil-pubblikazzjoni ta' l-EUMC ta' l-2005 *Migrants, Minorities and Housing: Exclusion, Discrimination and Anti-Discrimination in 15 Member States of the European Union (Il-Migranti, il-Minoritajiet u l-Akkomodazzjoni: L-Esklużjoni, id-Diskriminazzjoni u l-Anti-Diskriminazzjoni fil-15-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea)*, li hija bbażata fuq ir-rapporti nazzjonali tal-punti fokali tal-EUMC.

Il-liġi tal-Komunità tipprovdi għat-trattament indaqs tar-residenti fit-tul bħaċ-ċittadini fejn jikkonċerna l-aċċess għall-prodotti u għas-servizzi, u tipproteġi kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza u etniċità fil-forniment ta' prodotti u servizzi (inkluża l-akkomodazzjoni).

Jista' jsir użu aktar intensiv mil-leġiżlazzjoni li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-qasam tal-forniment tas-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.



L-użu tal-liġi ta' l-anti-diskriminazzjoni fi Franza

Il-każ: Hamida u Audrey Brahmia, il-Qorti Kriminali ta' Grenoble, l-14 ta' Settembru 2004

F'dan il-każ il-qorti kkundannat lil sid ta' art għal diskriminazzjoni razzjali bbażata fuq l-Artikolu 225-2 tal-Kodiċi Penali talli ċaħad milli jbigħ biċċa art minħabba raġunijiet ta' razza. Wara li aċċetta l-offerta għall-bejgħ ta' biċċa art, is-sid irrifjuta li jtemm it-tranżazzjoni, billi argumenta li kien qed jibża' li jqajjem problemi mal-ġirien minħabba li x-xerrej kien 'Għarbi'. Wara li talab kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ tax-xerrej sabiex jivverifika l-'imġiba tajba tiegħu', ir-ritratti tat-tieġ biex jivvaluta l-imġiba tiegħu, u wara li talab għal prezz ogħla u naqqas l-erja li kellha tinbiegħ, dan xorta waħda rrifjuta milli jtemm it-tranżazzjoni, fejn qajjem problemi tekniċi u oħrajn li jirrigwardaw il-liġi ta' l-art u l-proprjetà sabiex tiġi evitata t-tkomplja tal-bejgħ.

Sid l-art ġie kkundannat mill-Qorti Kriminali ta' Grenoble iżda appella mid-deċiżjoni. Fis-27 ta' Ottubru 2005, il-Qorti ta' l-Appell żiedet il-verdett għal sitt xhur sospiżi, flimkien ma' multa ta' 6,000 euro, kif ukoll ir-rekwiżit li l-kundanna tiġi ppubblikata fit-taqsimiet dwar il-proprjetà taż-żewġ gazzetti lokali ewlenin u fl-iktar pubblikazzjoni importanti dwar l-industrija tal-proprjetà, 'la Revue Bleue'.

*European Anti-discrimination Law Review* (Ir-Rivista tal-Liġi Ewropea dwar l-Anti-diskriminazzjoni), Ħarġa Nru. 3, April 2006, p.66
http://europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/policy/aneval/legnet_en.htm

Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-akkomodazzjoni normalment ikunu maqsuma fuq firxa kbira ta' liġijiet u jiddefinixxu, ħafna drabi f'lingwaġġ kompless, x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tas-sidien tad-djar u ta' l-okkupanti tagħhom.

Il-kodiċijiet ta' mġiba dwar l-akkomodazzjoni jistgħu jispjegaw f'termini prattiċi xi tfisser fil-prattika l-leġiżlazzjoni dwar l-akkomodazzjoni.

Il-Kodiċijiet ta' Prattika dwar l-Ugwaljanza fl-Akkomodazzjoni jista' jkollhom erba' għanijiet wesgħin:

a. Li jistabbilixxu standards sabiex ikun hemm l-ugwaljanza u li jfornu gwida prattika dwar kif għandha tiġi evitata d-diskriminazzjoni razzjali illegali u dwar kif għandha tinkiseb l-ugwaljanza fl-opportunità fil-qasam ta' l-akkomodazzjoni u tas-servizzi relatati ma' l-akkomodazzjoni;

b. Li jgħinu lill-organizzazzjonijiet ta' l-akkomodazzjoni u lill-oħrajn li jridu jwettqu dmirjiethom taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-akkomodazzjoni u l-ippjanar ta' diversi liġijiet nazzjonali sabiex jifhmu r-responsabbiltajiet u d-drittijiet tagħhom;

ċ. Li jgħinu lill-avukati u lil konsulenti oħra biex jagħtu parir lill-klijenti tagħhom, u biex jassistu lill-qrati u lit-tribunali fl-interpretazzjoni ta' kunċetti legali; u

d. Li jiżguraw li kull persuna li tikkontempla li tressaq proċedimenti legali jkollha fehma ċara kemm dwar il-liġi kif ukoll dwar il-prattika tajba fil-qasam ta' l-akkomodazzjoni u tas-servizzi relatati ma' l-akkomodazzjoni.





Hemm sensiela ta' miżuri li jistgħu jiġu applikati biex l-immigranti jiġu appoġġjati direttament jew indirettament. Għajnuna prattika tista' tingħata fil-forma ta' referenzi lis-sidien ta' l-art, ta' depożiti bil-quddiem jew ta' garanziji fuq il-kera. Fi Spanja, ħafna mill-pjanijiet reġjonali għall-immigrazzjoni u l-integrazzjoni issa jinkludu programmi li fihom istituzzjoni pubblika tipprovdi garanzija lil sid il-proprjetà li l-kera se tiġi mħallsa u li l-ħsarat li jista' jkun hemm se jiġu msewwija. Il-gvern Katalan ħoloq in-Netwerk ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali (Red Bolsa de Vivienda Social), li jforni garanziji tekniċi u legali, polza ta' assigurazzjoni komprensiva kif ukoll self fuq id-depożiti.

Elenku ta' strumenti li ġew ippruvati b'suċċess fuq livell lokali sabiex jipprovdu appoġġ għall-immigranti fil-proċess biex jikru jew jixtru dar ġie ppreżentat fi studju li sar mill-istitut Taljan CENSIS, li ġie kkummissjonat mill-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali fil-qafas tal-Programm ta' Azzjoni tal-Komunità biex Tiġi Miġġielda d-Diskriminazzjoni. L-istudju jidentifika 99 servizz u jiġborhom f'diversi kategoriji: l-informazzjoni u l-gwida; il-medjazzjoni; il-ġestjoni tal-proprjetà jew ix-xiri ta' djar; il-kostruzzjoni jew ir-restawr tal-proprjetà; il-fondi tal-garanzija u s-self. Ġew ippreżentati erba' eżempji bħala l-aħjar prattika: il-programm għall-irkupru tad-Distrett ta' Stadera f'Milan, 'Un tetto per tutti' ta' Peruġja, il-Kooperattiva 'Nuovo Villaggio' ta' Padova, u l-aġenzija tal-kiri ta' djar ta' Rimini. Il-gvern Taljan u atturi oħra huma impenjati biex ixerrdu din il-prattika fuq livelli nazzjonali u Ewropew.

Eżempju: 'Un tetto per tutti'
Il-proġett 'Un Tetto per Tutti' ġie żviluppat fir-reġjun ta' l-Umbria u mbagħad ġie estiż għar-reġjun tal-Lombardia.

Is-sidien tal-futur, kemm immigranti kif ukoll Taljani, jibnu jew jirrestawraw djar fuq art provduta mill-muniċipalitajiet. L-esperti u l-assoċjazzjonijiet lokali jikkoordinaw il-proġett u jipprovdu appoġġ loġistiku u tekniku, inkluż l-aċċess għas-self.

Mill-2001 'il hawn, inbnew 52 dar ġdida u 72 familja, li nofshom huma immigranti, ipparteċipaw fil-proġett. Fil-futur, is-self mill-banek u l-kirjiet li jitħallsu mill-ħaddiema immigranti jistgħu jgħinu sabiex il-proġett ikunu jista' jsostni lilu nnifsu.

CENSIS, Il-Politika u s-Servizzi ta' l-Akkomodazzjoni għall-Immigranti fl-Italja, Taqsira bl-Ingliż, Ruma, Novembru 2005, pp. 38-40

L-immigranti u ċ-ċittadini bi dħul baxx u irregolari jiffaċċjaw għażliet ristretti u ostakli għall-mobilità fis-suq ta' l-akkomodazzjoni. Din is-sitwazzjoni ġieli tiġi aggravata bil-kwistjoni ta' l-istat legali ta' l-immigranti. Pereżempju, dawk li għandhom permess ta' residenza temporanju jistgħu jsibu ruħhom mhux kapaċi li jissodisfaw ir-rekwiżit ta' 'akkomodazzjoni adegwata', li huwa pre-rekwiżit għall-istat ta' residenza aktar fit-tul, għaliex is-sidien jirrifjutaw li jikru l-proprjetà tagħhom għall-perjodu kollu tal-kuntratt jekk ma jkunx hemm permess ta' residenza garantit. Bl-istess mod, l-awtoritajiet jistgħu jeħtieġu li applikant li jkun irid jingħaqad mal-familja jkollu jforni evidenza ta' akkomodazzjoni li titqies bħala normali, għal familja komparabbli fl-istess reġjun, u li tkun tilħaq l-istandards ġenerali tas-saħħa u tas-sikurezza li jkunu fis-seħħ.



Ir-rekwiżiti tar-residenza għandhom jiġu vvalutati fuq il-konsistenza tagħhom ma' l-istrateġiji politiċi ta' l-akkomodazzjoni u fuq l-impatt tagħhom fuq il-pożizzjoni ta' l-immigranti fis-suq ta' l-akkomodazzjoni.

**Il-kwalità ta' l-akkomodazzjoni**

L-akkomodazzjoni li wieħed ikun jiflaħ iħallas għaliha ġieli tkun ta' kwalità ħażina. Pereżempju, uħud mill-oqsma tad-djar (*housing estates*) ta' wara l-gwerra li nbnew f'diversi Stati Membri jbatu minn ħsarat minħabba l-ilma, minn problemi ta' insulazzjoni, minn liftijiet li ma jaħdmux sew jew minn problemi oħra assoċjati ma' materjali li jintużaw fil-kostruzzjoni. Proprjetajiet iżgħar jistgħu wkoll ma jkunux miżmuma sew, speċjalment fejn is-sid li jikri l-proprjetà tiegħu lill-immigranti ma jwettaqx it-tiswijiet meħtieġa. Ċerti immigranti u refuġjati jiddependu fuq akkomodazzjoni prekarja li tista' tkun fi stat ta' telqa jew anke perikoluża.

L-awtoritajiet nazzjonali u lokali għandhom ifittxu li jidentifikaw problemi serji relatati mal-kwalità ta' l-akkomodazzjoni u jsejsu l-inizjattivi fuq data kredibbli dwar is-sitwazzjoni ta' l-akkomodazzjoni ta' l-immigranti. Jista' jintuża stħarriġ għal dak il-għan. Dan l-istħarriġ jista' jiġi mfassal b'tali mod li jippermetti li jsiru paraguni fl-Ewropa u li jiġu stabbiliti standards Ewropej.

Is-sidien jistgħu jiġu inkoraġġiti biex itejbu l-kwalità tal-proprjetajiet tagħhom waqt li fl-istess ħin jagħmluhom aċċessibbli għall-immigranti. Pereżempju, il-muniċipalità Taljana ta' Scicli (fil-provinċja ta' Ragusa, Sqallija) toffri kontribuzzjoni sa 50% ta' l-ispejjeż għar-rinovazzjoni u t-tiswijiet lil dawk is-sidien li jaqblu li jikru dawn il-proprjetajiet lill-immigranti bi prezzijiet baxxi miftiehma għal mill-inqas ħames snin. Mill-inizjattiva jgawdu madwar 15-il grupp ta' familji u din l-inizjattiva tinkludi investiment ta' 50.000 euro għall-muniċipalità.

Li l-għażla ta' l-akkomodazzjoni tkun 'taqbel' mal-ħtiġiet ta' l-immigranti huwa wieħed mill-aspetti tal-kwalità ta' l-akkomodazzjoni. F'diversi Stati Membri, l-akkomodazzjoni li wieħed jiflaħ iħallas għaliha ma taħsibx għall-fatt li l-familji immigranti jew refuġjati jistgħu jkunu ikbar mil-medja. Pereżempju, fl-Iżvezja appartamenti kbar jinstabu kważi biss f'bini qadim li jinkera mill-privat, u li hu għali biex tikrih jew biex tixtrih. F'ċerti każijiet, dan it-tlaqqigħ ħażin bejn id-domanda u l-provvista ta' l-akkomodazzjoni jwassal għall-iffullar eżaġerat, flimkien ma' problemi respiratorji u oħrajn ta' saħħa kif ukoll ma' diffikultajiet soċjali. Fir-Renju Unit sar studju dwar l-'esperjenzi ta' l-akkomodazzjoni tal-Musulmani' fuq il-bażi tad-data taċ-ċensiment. Dan żvela li madwar 42% tat-tfal Musulmani qed jgħixu f'akkomodazzjonijiet iffullati ħafna, meta mqabbla mat-12% ġenerali.

Akkomodazzjoni soċjali li għadha kif inbniet tista' tikkunsidra l-ħtiġiet differenti ta' l-immigranti jew tar-refuġjati, pereżempju billi jiġu fornuti appartamenti għal familji akbar. L-unitajiet ta' akkomodazzjoni eżistenti jistgħu jiġu mmodifikati wkoll billi jiġu kkonsultati l-kerrejja immigranti, waqt li jistgħu jiġu pprovduti servizzi addizzjonali bħal kmamar tal-ħasil komunali, ġonna fuq il-bjut jew dixxijiet tas-satellita komunali. Pereżemju, is-Sozialbau AG fi Vjenna, qasam tad-djar li l-okkupanti tiegħu huma mħalltin nofshom barranin (mill-pajjiżi kollha) u nofshom ċittadini Awstrijaċi, jappoġġja l-ħajja komunali permezz ta' inizjattivi bħal dawn.





Il-kumpaniji ta' l-akkomodazzjoni li jfittxu b'mod proattiv li jtejbu s-servizz għall-klijenti immigranti se jkollhom aktar suċċess fit-twettiq tal-ħtiġiet u tal-preferenzi ta' dawn. Il-kumpaniji ta' l-akkomodazzjoni jistgħu jipprovdu taħriġ lill-impjegati tagħhom għal dan il-għan jew inkella jimpjegaw ħaddiema bi sfond ta' immigrazzjoni.

Fir-Renju Unit, diversi assoċjazzjonijiet ta' l-akkomodazzjoni għas-'Suwed u l-Minoranzi Etniċi' (BME) jispeċjalizzaw fil-forniment ta' servizzi ta' akkomodazzjoni lill-grupp fil-mira tagħhom. Pereżempju, l-Assoċjazzjoni ta' l-Akkomodazzjoni ta' Ashram hija l-akbar assoċjazzjoni tal-BME fil-West Midlands. Din għandha u tmexxi 727 dar bil-maġġoranza ta' dawn (543) jinstabu f'Birmingham. Disgħa u erbgħin fil-mija tal-kerrejja ta' l-Assoċjazzjoni huma mill-Asja, 27 fil-mija huma bojod, 13 fil-mija huma suwed u 8 fil-mija huma ta' razza mħallta. L-Assoċjazzjoni tiddefinixxi l-għan ewlieni tagħha bħala li tilħaq speċifikament iżda mhux eżklużivament il-ħtiġiet tal-gruppi tal-BME.

Iktar minn 20 fil-mija tal-proprjetà ta' l-Assoċjazzjoni tikkonsisti minn akkomodazzjoni għal familji kbar b'erba' kmamar tas-sodda jew aktar (il-massimu huwa sa seba' kmamar tas-sodda). Ashram żviluppat ukoll sensiela ta' akkomodazzjonijiet b'appoġġ speċjalizzat biex jiġu sodisfatti l-ħtiġiet ta' l-anzjani Asjatiċi u ta' dawk in-nisa li jaħarbu minħabba vjolenza domestika, kif ukoll proġett ta' saħħa mentali għan-nisa Asjatiċi. Bħalma jinnota rapport reċenti tal-Kummissjoni ta' Verifika, 75 fil-mija tal-membri tal-bord ta' Ashram u 71 fil-mija ta' l-impjegati anzjani ġejjin minn gruppi ta' BME. B'mod ġenerali, il-100 impjegat ta' l-Assoċjazzjoni jirriflettu l-profil demografiku tal-komunità tagħha, u l-organizzazzjoni żżomm elenku tal-ħiliet lingwistiċi ta' l-impjegati sabiex tintlaħaq id-domanda għall-interpretazzjoni. Erbgħin fil-mija tal-kuntratturi ta' l-Assoċjazzjoni wkoll ġejjin minn organizzazzjonijiet ta' BME.

Ashram Housing Association Limited, www.ashramha.org.uk
Ir-Rapport ta' l-Ispezzjoni dwar l-Akkomodazzjoni, www.audit-commission.gov.uk.

## 2.2 Integrazzjoni fl-ambjent urban

Ħafna bliet Ewropej għandhom żoni ta' faqar ikkonċentrat li ħafna drabi jkunu emarġinati mill-bqija tal-belt. F'ħafna każijiet, dawn ikollhom proporzjon għoli ta' residenti immigranti. L-immigranti, bħar-residenti l-oħrajn, jiġu affettwati bid-distanza mis-suq tax-xogħol formali, min-nuqqas ta' faċilitajiet tas-settur privat bħal ħwienet u banek, mid-domanda għolja fuq is-servizzi pubbliċi u mill-kwalità ħażina tagħhom, mil-livell ta' kriminalità u mġiba antisoċjali, u mir-reputazzjoni ħażina li tikkaratterizza lil dawn il-kwartieri żvantaġġati. Barra minn hekk, il-konċentrazzjoni ta' l-ispazju jista' jkollha l-effett li temarġina lill-immigranti mis-soċjetà b'mod aktar wiesa'u li tforni ftit opportunitajiet ta' tagħlim tal-lingwa, partikolarment għat-tfal.

Il-politika u l-prattika jfittxu li jikkontrobattu l-esklużjoni u s-segregazzjoni soċjali li hija karatteristika ta' kwartieri żvantaġġati. Fl-istess waqt, dawn jistgħu jsaħħu l-aspetti pożittivi li jħossu ħafna residenti immigranti: l-appoġġ permezz ta' netwerks soċjali, tal-familji u etniċi, il-possibilitajiet ipprovduti mis-suq tax-xogħol etniku, l-għajnuna immedjata għan-nies ġodda li jaslu, u l-preżenza ta' assoċjazzjonijiet etniċi.



Fit-taqsimiet li ġejjin se jingħataw eżempji dwar ir-riġenerazzjoni urbana, dwar l-okkupanza mħallta u l-kiri tal-proprjetà, dwar l-istituzzjonijiet u s-servizzi inklużivi, u dwar il-komunikazzjoni u l-parteċipazzjoni. Il-prattika tajba tissuġġerixxi li għalkemm l-infrastruttura fiżika hija importanti, l-istrateġiji politiċi għandhom jenfasizzaw wkoll l-aspetti soċjali, ekonomiċi u kulturali. Il-ħwienet, il-kliniċi tas-saħħa, iċ-ċentri reliġjużi u kulturali, u istituzzjonijiet u servizzi oħra huma partijiet neċessarji ta' żona urbana li tiffunzjona. Ir-relazzjonijiet ta' bejn is-sessi huma importanti biex ifasslu l-interazzjonijiet fl-ambjent urban, u l-inizjattivi speċifiċi għas-sessi jista' jkollhom impatt sinifikanti.

Il-miri tal-politika għall-kwartieri żvantaġġati għandhom ikunu kumpatibbli ma' l-ippjanar tal-belt kollha, u l-kunċetti urbani għandhom jipprivileġġjaw il-bini ta' 'pontijiet' bejn id-distretti tal-belt. Kwalunkwe inugwaljanza fil-forniment tas-servizz f'oqsma differenti għandha tiġi indirizzata bħala prijorità.

### Ir-riġenerazzjoni urbana

Il-programmi ta' riġenerazzjoni jimmiraw tipikament dawk iż-żoni tal-belt li jkunu demarkati b'mod ċar. Ħafna drabi dawn jirrappreżentaw investiment finanzjarju sinifikanti, waqt li jirrinovaw u jimmodernizzaw l-infrastruttura fiżika. Il-benessri tar-residenti jista' jiġi msaħħaħ b'mod konsiderevoli b'dawn il-miżuri, peress li l-ħmieġ, l-iskart u t-tniġġis tal-ħsejjes jistgħu ħafna drabi jiġu attribwiti għall-bini. It-titjib fl-oqsma tad-djar jista' jinkludi arranġamenti ta' galleriji u terrazzi li jiżguraw il-privatezza, l-eliminazzjoni ta' l-irbumbjar fil-btieħi u fl-entrati, id-dwal ta' barra, żoni spazjużi għad-disponiment ta' l-iskart bi ġbir frekwenti u bi ġbir regolari ta' skart goff. L-ispazji vojta mhux użati ta' bejn il-bini jistgħu jingħataw struttura u ż-żona residenzjali, inkluż iż-żoni tad-dħul, il-plejgrawnds u żoni oħra semi-pubbliċi, ikunu jistgħu jiġu mmarkati b'mod ċar.

Il-programmi ta' infrastruttura jistgħu jinkludu wkoll investiment fil-konnessjonijiet tat-trasport, pereżempju billi jiġu estiżi l-linji tal-metro jew billi żona partikolari tiġi fornuta bl-istazzjon tal-ferrovija tagħha stess. L-aċċess għall-mobilità huwa kruċjali għall-abitanti taż-żoni foqra u jista' jgħaqqadhom mal-fluss tar-riżorsi, tal-prodotti u tas-servizzi fil-belt.

Il-programmi ta' riġenerazzjoni urbana ħafna drabi jġibu bidliet sinifikanti fl-ambjent residenzjali ta' popolazzjoni ta' distrett. Idealment, l-ippjanar għandu jsir b'mod parteċipattiv u għandha tingħata attenzjoni għall-involviment tar-residenti immigranti. L-impjegati ta' kumpanija ta' l-akkomodazzjoni jistgħu jinteraġixxu direttament ma' l-abitanti billi jfittxu li jagħmlu kuntatt personali f'postijiet ta' komunikazzjoni ta' kuljum bħalma huma l-ħwienet tal-merċa, il-ħwienet tal-kafè, iċ-ċentri tal-kura tat-tfal jew f'postijiet ta' qima. Il-parteċipazzjoni aktar strutturata ħafna drabi tinvolvi investiment sinifikanti fil-preparazzjoni u fil-bini tal-kapaċità.

Il-FORUM Olanda: L-'Olimpjadi Soċjali' (*Social Olympics*)

L-inizjattiva 'Olimpjadi Soċjali' ġiet użata f'żoni fejn qed isiru pjanijiet ta' bini fit-tul, inkluż it-twaqqigħ ta' djar u ċ-ċaqliq mandatarju ta' persuni. L-'Olimpjadi Soċjali' huwa metodu ta' konferenza li ġie żviluppat sabiex ikun żgurat li ċerti gruppi jkollhom rwol indaqs fit-teħid tad-deċiżjonijiet.





Il-parteċipanti ta' l-'Olimpjadi Soċjali' ġew maqsuma f'ħames gruppi jew 'ċrieki': il-mexxejja, il-professjonisti (bħalma huma l-ħaddiema tal-komunità), ir-residenti, il-politikanti, u l-esperti mhux involuti (pereżempju l-akkademiċi jew persuni minn belt/żona oħra). Fil-konferenza kull grupp l-ewwel jifforma l-opinjoni fiċ-ċirku tiegħu stess. Imbagħad dawn jiġu infurmati dwar l-opinjonijiet ta' l-oħrajn u jkollhom iċ-ċans li jibdlu l-opinjoni tagħhom. Wara dan, dawn jinġabru lkoll flimkien biex jippruvaw ifittxu qbil dwar il-prijoritajiet għall-pjanijiet ta' bini fit-tul. Dan il-metodu jagħti lir-residenti, li jista' jkollhom inqas esperjenza f'diskussjonijiet pubbliċi, iċ-ċans li jiffurmaw opinjoni qabel ma dawn ikollhom 'jikkompetu' ma' l-oħrajn. L-esperjenza tal-FORUM, il-possibilità li jingħata *input* f'ambjent aktar protett u ta' skala żgħira, huwa metodu ppruvat ta' kif tiżdied il-parteċipazzjoni ta' ċerti gruppi.

Dawn il-konsultazzjonijiet estensivi jeħtieġu preparazzjoni u investimenti sinifikanti kif ukoll *chairpersons* bi kwalifiki għolja. Madankollu, fl-ippjanar urban l-investimenti huma ħafna drabi għolja u r-riżorsi involuti jiġġustifikaw l-isforz tal-konsultazzjoni, li x'aktarx tagħmel is-soluzzjonijiet aktar xierqa, aċċettati u li jagħtu aktar profitt meta jitqiesu l-flus li ntefqu. Pereżempju, il-FORUM organizza konferenza ta' 'Olimpjadi Soċjali' fil-belt ta' Arnhem, (Malburgen), fejn kien qed isir l-iżvilupp mill-ġdid ta' distretti segregati u fejn il-baġit għall-metodi soċjali 'ta' sostenn' kien ta' 1 miljun euro.

Websajt: www.forum.nl

**L-okkupanza mħallta u l-kiri tal-proprjetà**

F'diversi Stati Membri, il-prinċipju ta' okkupanza mħallta għandu rwol importanti fl-istrateġiji politiċi ta' l-akkomodazzjoni. Inċentivi ta' taxxa u inċentivi oħrajn jistgħu jingħataw lill-iżviluppaturi jew lis-sidien privati li jinvestu f'żoni li huma ddominati bl-akkomodazzjoni soċjali. Bini ġdid jista' jintuża biex jiġbor flimkien tipi differenti ta' akkomodazzjoni bi prezzijiet differenti u b'arranġamenti differenti ta' okkupanza. Il-bini eżistenti li jintuża bħala akkomodazzjoni soċjali jista' wkoll jitwaqqa' sabiex minfloku tinbena akkomodazzjoni privata. Fejn l-akkomodazzjoni okkupata u fejn l-akkomodazzjoni soċjali mikrija jkunu mħallta, tkun prattika tajba li d-differenzi fl-arkitettura ta' bejniethom ikunu l-inqas possibbli. Dan huwa l-każ ta' Ħelsinki, fejn il-prinċipju tat-taħlit ilu jintuża fl-ippjanar ta' żoni ta' akkomodazzjoni sa mis-Sittinijiet.

Fir-Renju Unit, l-awtoritajiet ta' l-ippjanar jistgħu jużaw l-Artikolu 106 ta' l-Att ta' l-1990 dwar l-Iżvilupp Urban u Rurali sabiex jirrikjedu lill-iżviluppaturi biex jikkontribwixxu għal akkomodazzjoni li wieħed ikun jiflaħ iħallas għaliha jew għal faċilitajiet pubbliċi oħra bħal skejjel jew parks, li jirrifletti l-impatt usa' ta' l-iżvilupp il-ġdid ta' l-akkomodazzjoni privata. Dan wassal għall-ħolqien ta' żviluppi ġodda fl-akkomodazzjoni li jinkludu akkomodazzjonijiet b'rati tas-suq kif ukoll akkomodazzjonijiet li wieħed jiflaħ iħallas għalihom.

Hemm evidenza li akkomodazzjoni privata f'żoni urbani mħallta tkun attraenti għall-immigranti tal-klassi tan-nofs, u b'mod tipiku din tkun aktar affordabbli minn akkomodazzjoni f'żoni oħra waqt li tippermettilhom li jibqgħu jgħixu qrib il-familji tagħhom. Billi tiġi offruta sensiela ta' għażliet ta' akkomodazzjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja, dawn il-komunitajiet b'okkupan-



za mħallta jkunu jistgħu jikkontribwixxu sabiex iwessgħu l-għażliet ta' l-akkomodazzjoni għall-immigranti.

Tip ieħor ta' politika mħallta tikkonċerna l-kompożizzjoni tal-kerrejja f'akkomodazzjoni pubblika mikrija. Il-grad li għalih il-muniċipalitajiet (jew atturi governattivi oħra) jistgħu jinfluwenzaw dawn il-proċessi jiddependi fuq l-istrutturi tat-tmexxija u ta' l-okkupanza. L-inċentivi jistgħu jkunu ta' għajnuna: pereżempju f'Hamburg, jingħataw sussidji fuq il-kera lil studenti li jmorru jgħixu f'żona abitata l-aktar mill-immigranti. Il-prattika li tfittex li jkun hemm strutturi ta' residenza mħallta f'akkomodazzjoni soċjali trid tkun bil-ħsieb sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni. Pereżempju, l-għan li jiġu evitati konċentrazzjonijiet ta' immigranti jista' jwassal biex l-assoċjazzjonijiet ta' l-akkomodazzjoni jibdew jittrattaw l-oriġini tal-kandidati bħala wieħed mill-kriterji ta' l-għażla tagħhom.

Minħabba li kwistjonijiet ta' l-akkomodazzjoni jaffettwaw direttament il-ħajja personali ta' l-individwi u tal-familji, l-intervent f'dan il-qasam irid ikun partikolarment bil-ħsieb sabiex tiġi rispettata l-privatezza, sabiex jiġu kkonsultati dawk li huma affettwati kif ukoll sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni.

### L-istituzzjonijiet u s-servizzi inklużivi

Ħafna mill-prattika li jkollha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni f'oqsma ta' konċentrazzjoni għolja ta' immigranti tiffoka fuq l-aċċessibilità u fuq is-sensibilità ta' l-istituzzjonijiet u s-servizzi lokali. B'mod partikolari fl-ibliet b'persentaġġ għoli ta' residenti immigranti, l-amministrazzjonijiet ħafna drabi jżommu f'post wieħed numru ta' distretti li jgħaqqdu diversi funzjonijiet. Din il-prattika ġġib is-servizzi muniċipali aktar qrib iċ-ċittadin u tippermetti lill-amministrazzjonijiet li jittrattaw direttament il-problemi hekk kif dawn jiżviluppaw.

F'ħafna distretti differenti, l-iskejjel saru istituzzjonijiet komunitarji li jkollhom rabtiet multipli ma' atturi lokali oħra mis-setturi pubbliċi, privati jew mhux governattivi. Il-fondi tal-karità jew l-NGOs jistgħu joffru klassijiet ta' filgħaxija fil-bini ta' l-iskejjel, inkluż faċilitajiet ta' kura għat-tfal. L-assoċjazzjonijiet tar-residenti jew l-għaqdiet tal-migranti ukoll jistgħu jużaw l-iskola bħala post fejn jiltaqgħu. L-amministrazzjonijiet muniċipali jistgħu jiksbu 'amministrazzjoni mill-qrib' billi jużaw l-iskejjel bħala punt ta' kuntatt mar-residenti. In-negozji lokali wkoll jistgħu jiġu involuti, pereżempju billi jagħtu lill-istudenti l-opportunità li jżuruhom matul l-attivitajiet ta' gwida għall-karrieri.

Il-Karlschule fil-belt Ġermaniża ta' Hamm hija involuta mill-qrib fil-ħajja tad-distrett. Pereżempju, l-istudenti għenu biex jirranġaw plejgrawnd lokali, waqt li l-klabb sportiv ta' l-iskola jorganizza diskows għaż-żgħażagħ lokali. L-iskola pparteċipat ukoll fil-parati li fakkru is-750 anniversarju tad-distrett. Korsijiet tal-ħjata għal nisa Torok jiġu organizzati fil-laboratorju ta' l-ekonomija domestika. L-imsieħba esterni wkoll huma attivi fl-iskola: pereżempju, il-maniġers ta' proġetti mill-organizzazzjoni tal-*welfare Arbeiterwohlfahrt* jipprovdu gwida għall-karrieri, il-*Caritas* tmexxi l-faċilità tal-kura għat-tfal ta' wara l-ħin ta' l-iskola ta' Karlschule, u l-uffiċċju tal-ġnien muniċipali jgħin biex iħaddar il-bejt ta' l-iskola.

Websajt: www.karlschule.schulnetz.hamm.de/





Il-Karlschule huwa wieħed mill-eżempji ta' l-aħjar prattika li ġew identifikati fil-pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Schader *Immigrants in the City* (L-Immigranti fil-Belt), li hija parti minn proġett aktar wiesa' li jittratta l-integrazzjoni soċjo-spazjali ta' l-immigranti fil-Ġermanja. Il-proġett huwa ffinanzjat mill-Ministeru Federali ta' l-Edukazzjoni u r-Riċerka u tmexxa bejn Jannar 2004 sa Awissu 2006. Imsieħba oħra huma l-Assoċjazzjoni ta' l-Ibliet tal-Ġermanja (DST), il-Federazzjoni Ewlenija ta' l-Assoċjazzjonijiet ta' l-Akkomodazzjoni u l-Proprjetà tal-Ġermanja (GdW), l-Istitut Ġermaniż għall-Affarijiet Urbani (Difu) u l-Istitut għall-Akkomodazzjoni, il-Proprjetà, l-Iżvilupp Urban u Reġjonali fi ħdan ir-Ruhr-University Bochum (InWIS).

Il-ġabra ta' l-aħjar prattika f''L-Immigranti fil-Belt' ittrattat b'kollox 232 proġett u kkompilat 136 deskrizzjoni estensiva dwar il-proġetti. Minn 136 proġett, 28 ġew identifikati bħala l-aħjar prattika.

Il-ġabra tiddeskrivi 't-tipi tal-proġetti' minħabba d-diversi similaritajiet li jeżistu bejn l-inizjattivi. Pereżempju, ħafna proġetti huma kkonċernati mal-ħolqien ta' punti ta' tlaqqigħ li ftit li xejn ikollhom ostakli għall-aċċess, li jirreferu lir-residenti għas-servizzi xierqa jew li jagħtu spazju lill-assoċjazzjonijiet lokali.

Websajt: www.schader-stiftung.de/docs/immigrants_in_the_city.pdf

L-iskejjel ta' distrett jistgħu jintużaw bħala siti ta' integrazzjoni u bħala postijiet edukattivi għad-distrett kollu – inkluż l-adulti.

Il-libreriji pubbliċi wkoll jistgħu jsiru punti fokali għall-komunità billi joffru attivitajiet u programmi addizzjonali.

Taħt il-programm URBAN, żewġ libreriji pubbliċi fil-belt Daniża ta' Aarhus offrew korsijiet fl-IT immirati għar-residenti tad-distrett li m'għandhomx aċċess għall-kompjuter fid-dar. Ingħatat attenzjoni speċjali lin-nisa migranti u lil gruppi oħra li jista' ma jkollhomx iż-żmien jew ir-riżorsi biex jiksbu tagħrif bażiku fl-IT.

Il-programm ta' 18-il xahar, li beda f'Mejju 2003, offra taħriġ fil-kompjuter u introduzzjonijiet għall-internet, iżda wkoll ħarreġ parteċipanti magħżula bħala 'Gwidi ta' l-IT' biex ikunu kapaċi jgħallmu lill-oħrajn. L-Assoċjazzjoni tal-Gwidi ta' l-IT ġiet stabbilita f'Ġunju 2004. Għar-residenti, il-proġett ħoloq aktar opportunitajiet ta' parteċipazzjoni flimkien mal-ħiliet fl-IT infushom.

Websajt: www.urbanbydel.dk

Il-muniċipalitajiet jistgħu jikkomplementaw l-attivitajiet ta' kollaborazzjoni ta' organizzazzjonijiet individwali u jieħdu sehem biex jgħaqqdu lill-immigranti ma' gruppi jew assoċjazzjonijiet lokali.



Il-belt Ġermaniża ta' Münster tgħin lill-familji etniċi Ġermaniżi (Aussiedler) biex isibu akkomodazzjoni wara li dawn ikunu ħallew iċ-ċentru kollettiv li jkun laqagħhom, filwaqt li tappoġġjahom ħalli jintegraw fil-ħajja tal-komunità fid-distrett il-ġdid tagħhom.

L-ewwel il-familji jiltaqgħu ma' l-impjegat ta' kollaborazzjoni tal-muniċipalità. Flimkien dawn ifasslu profili individwali dwar l-isfond edukattiv u okkupazzjonali, dwar l-attivitajiet tal-komunità qabel il-migrazzjoni, dwar l-għarfien rigward il-faċilitajiet lokali, kif ukoll dwar l-għanijiet u l-interessi professjonali u soċjali. Fuq il-bażi ta' dawn il-profili, isir elenku ta' l-istituzzjonijiet u ta' l-organizzazzjonijiet lokali rilevanti li jridu jiġu kkuntattjati. Dawn jinkludu għaqdiet sportivi, parroċċi, għaqdiet taż-żgħażagħ, eċċ. L-immigranti jagħmlu kuntratt ta' Integrazzjoni mal-muniċipalità u jwiegħdu li jattendu għal-laqgħat ta' kull ħmistax ma' l-impjegat ta' kollaborazzjoni. Fil-fatt, il-frekwenza tal-laqgħat kienet ogħla partikolarment fil-perjodu inizjali.

Matul l-2004, 21 familja ġew akkumpanjati biex isibu akkomodazzjoni. Valutazzjoni reċenti żvelat li l-grupp ta' immigranti involut f'dan il-proġett kien, wara madwar sentejn, qrib 2.5 darbiet aktar attiv fis-suq tax-xogħol mill-grupp dominanti. L-individwi fil-grupp tal-proġett dehru wkoll li kienu mdaħħla sew fil-proċess ta' integrazzjoni u issa għandhom inqas xewqa li jmorru lura. Münster issa qed tikkunsidra li testendi l-proġett lil gruppi migranti oħrajn (aktar eteroġeni).

L-inizjattiva hija parti mill-proġett Interreg – IIIa li fih Münster qed tikkoopera ma' Enschede u ma' Twente fl-Olanda. L-imsieħba Olandiżi u Ġermaniżi tal-proġett qed jiżviluppaw il-programmi tagħhom b'mod parallel u qed jiskambjaw l-esperjenzi kontinwament.

Websajt: www.muenster.de/stadt/zuwanderung/interreg.html

**Il-komunikazzjoni u l-parteċipazzjoni**

L-interazzjoni frekwenti bejn l-immigranti u r-residenti ta' Stat Membru hija mekkaniżmu fundamentali għall-integrazzjoni. Ħafna prattika lokali jkollha l-għan li tagħmel din l-interazzjoni aktar ta' ġid u inqas konfliġġenti, billi tkattar sens ta' appartenenza għad-distrett u billi tbiddel il-perċezzjonijiet kemm ġewwa u kemm barra d-distretti żvantaġġati. Fl-ibliet u l-irħula Ewropej, qed jiġu implimentati proġetti iżgħar u ikbar sabiex jistimolaw il-komunikazzjoni u jsolvu t-tensjonijiet. Pereżempju, tista' tiġi offruta medjazzjoni bejn il-kerrejja migranti u dawk li mhumiex dwar kwistjonijiet bħalma huma d-deterjorament tal-bini, il-vjolenza u t-theddidiet ta' vjolenza. Ir-residenti, inkluż iż-żgħażagħ, jistgħu jiġu mħarrġa wkoll fit-teknika ta' kif ikun solvut kunflitt.

Fil-Portugall il-proġett 'Escolhas' dwar l-integrazzjoni taż-żgħażagħ tat-tieni u tat-tielet ġenerazzjoni ġie stabbilit fl-2001 sabiex jirreaġixxi għall-inċidenzi ta' vjolenza f'ħamsin distrett diffiċli, inkluż serq li involva ħafna migranti tat-tieni u tat-tielet ġenerazzjoni.

Wara reviżjoni fl-2003, l-attenzjoni tal-proġett inbidlet mit-trażżin tal-vjolenza għall-inklużjoni, fejn bdew jiġu indirizzati punti bħas-sens ta' appartenenza, il-konsegwenzi tal-liġi taċ-ċittadinanza u l-valur tal-kultura tal-familja/nattiva. L-età fil-mira issa tinkludi tfal u żgħażagħ ta' bejn 6 u 19-il sena, bil-possibilità li jiġu inklużi żgħażagħ sa 24 sena. Il-proġetti





m'hemmx għalfejn ikunu mmirati lejn il-migranti iżda l-mexxejja kollha tal-proġett jirċievu taħriġ fl-interkulturalità permezz ta' kors b'tagħlim elettroniku. Dan ġie stabbilit biex joħloq komunità ta' prattika, u biex iħejji mexxejja tal-proġett f'komuntajiet fejn s'issa għad m'hemmx il-preżenza ta' l-immigranti iżda fejn din tista' sseħħ fil-futur.

Mill-inqas tliet imsieħba, inklużi skejjel u organizzazzjonijiet oħra, iridu jikkooperaw sabiex iressqu proposta ta' proġett. Fit-tieni fażi tiegħu, il-programm irċieva 500 applikazzjoni, li minnhom ġew magħżula 80 b'finanzjament ta' madwar 60.000 euro/sena. Il-proġett se jibqa' għaddej sa l-2009.

Il-belt ta' Rotterdam qed tfittex li ssaħħaħ ir-rabta taċ-ċittadini ta' Rotterdam ma' xulxin u mal-belt permezz ta' varjetà ta' inizjattivi.

- Il-proġett 'Mixen aan de Maas' jgħaqqad lir-residenti l-ġodda u l-qodma tal-belt u jappoġġjahom fit-twettiq ta' attivitajiet komuni. It-tim tal-proġett jipprovdi t-'tlaqqigħ' permezz ta' suġġerimenti dwar l-attivitajiet u jħallas lura spejjeż żgħar.
- Il-pjan ta' azzjoni 'L-Iżlam u l-Integrazzjoni', żviluppat mid-Dipartiment tal-Proġett Integrazzjoni Soċjali, huwa proċess li minn Ottubru 2004 'l hawn diġà involva madwar 8000 persuna. 'L-Iżlam u l-Integrazzjoni' evolva permezz ta' laqgħat esperti, b'sensiela ta' dibattiti 'interni' bejn il-Musulmani (l-aktar Torok, Marokkini u Somali) f'Rotterdam, b'laqgħat ta' informazzjoni dwar l-Iżlam indirizzati għaċ-ċittadini kollha ta' Rotterdam, u permezz ta' 9 dibattiti pubbliċi miftuħa għal kulħadd. Is-suġġetti tad-dibattiti kienu bbażati fuq id-dibattiti interni u fuq il-laqgħat esperti u inkludew:
  - Is-sens ta' 'aħna u huma' bejn il-Musulmani u dawk mhux Musulmani
  - Il-valuri u n-normi fl-istat kostituzzjonali u fl-Iżlam
  - Il-pożizzjoni tan-nisa/l-ugwaljanza ta' bejn is-sessi/l-omosesswalità
  - L-Iżlam bħala reliġjon ġdida f'Rotterdam/il-Knisja u l-Istat
  - L-edukazzjoni u s-sitwazzjoni ekonomika
  - Is-sikurezza u l-biża'

Id-dibattiti pproduċew bażi soda għall-'karta soċjali' ta' Rotterdam, li bħalissa qed tiġi mfassla mill-eżekuttiv muniċipali. Se jiġu organizzati diskussjonijiet fuq livell distrettwali kemm maċ-ċittadini Musulmani u mhux Musulmani ta' Rotterdam sabiex jissaħħaħ l-appoġġ għall-karta.

- Il-proġett Mensenbieb ('Il-librerija tal-poplu') ġie żviluppat sabiex jistimola l-kuntatt bejn gruppi differenti ta' nies u sabiex iħajjar lin-nies jitkellmu dwar il-preġudizzji tagħhom stess. Grupp ta' voluntiera bi sfond kulturali u etniku differenti jiltaqgħu flimkien sabiex 'jiġu mislufa' lil persuni interessati. Il-laqgħat jistgħu jsiru f'ambjenti differenti: f'librerija mobbli, f'ħanut tal-kafè, fi skola eċċ., skond xi jkun eżatt il-grupp fil-mira. Permezz ta' bords u stikers immarkati bi preġudizzji bħal 'Il-barranin ma jridux jintegraw' u 'Il-Musulmani huma estremisti', il-pubbliku ġenerali jiġi inkoraġġit biex jidħol fi djalogu dwar il-preġudizzji u biex jiltaqa' ma' voluntiera differenti sabiex jivverifika l-ideat tiegħu. Matul il-ħames festivals ġew magħduda aktar minn 1000 viżitatur għal-'librerija'. Il-proġett ġie promoss b'mod kreattiv u b'mod effettiv meta jitqiesu l-flus li ntefqu, bil-konsegwenza li wassal għal interess wiesa' tal-medja u fit-tixrid ta' l-idea.

  Websajt: www.mensenbieb.nl.






Ċerti proġetti jħarsu speċifikament lejn l-interazzjonijiet li qed iseħħu f'postijiet pubbiċi bħat-toroq, il-pjazez u l-ġonna. L-immigranti fl-ibliet Ewropej ħafna drabi jagħtu ħajja mill-ġdid lill-ispazji pubbliċi bħall-ġonna, iżda l-użu tagħhom ta' dawn l-ispazji jista' jiġi interpretat ukoll bħala li huwa differenti. Fi Vjenna, l-amministrazzjoni muniċipali rreaġixxiet billi ħarrġet u ħallset għall-'impjegati tal-barbikjus fil-ġonna' bi sfond ta' migrazzjoni, li fil-Ħdud u fil-btajjel pubbliċi jkunu preżenti fil-ġonna biex jgħinu fil-komunikazzjoni ta' bejn l-utenti migranti u dawk mhux migranti.

Attivitajiet komuni jistgħu jgħinu biex jitmexxa 'l quddiem il-kuntatt ta' bejn ir-residenti u biex titkabbar l-'identità tad-distrett'. Pereżempju, fl-oqsma tad-djar jew f'distretti ffullati ħafna, jista' jinstab l-ispazju għall-'ġonna ta' integrazzjoni' fejn ir-residenti jkunu jistgħu jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw l-art u jieħdu ħsieb il-pjanti.

Il-parteċipazzjoni f'assoċjazzjonijiet u fi gruppi ta' appoġġ tista' tikkontribwixxi biex ir-residenti immigranti jkollhom ċerta awtorizzazzjoni. Pereżempju, l-assoċjazzjonijiet tal-kerrejja tipikament jittrattaw kwistjonijiet ta' rinnovazzjoni u regoli komuni. Dawn jilqgħu fihom lir-residenti kollha bil-ħlas ta' miżata żgħira. L-istituzzjonijiet eżistenti tal-komunità, bħall-iskejjel, jistgħu jservu wkoll bħala punti fokali għall-organizzazzjoni tagħhom stess.

Fin-Nytorpsskolan, fis-subborg ta' Hammarkullen f'Göteborg, hemm 450 student li għandhom bejn 6 u 16-il sena. Ħafna minnhom m'għandhomx l-Iżvediż bħala l-lingwa nativa tagħhom. L-ambjent irrekwiet u kaotiku fil-klassijiet ġiegħel lil xi ġenituri biex isiru aktar involuti fl-iskola. Wara fażi preparatorja ta' sena, il-bord tad-distrett iddeċieda fl-2001 li Nytorpsskolan tista' tistabbilixxi 'bord tal-ġenituri' – bord ta' l-iskola fejn il-maġġoranza tkun okkupata mill-ġenituri.

Il-bord għandu r-responsabbiltà formali għad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-Iżvediż bħala t-tieni lingwa, it-tagħlim tal-lingwa-omm, il-ħolqien ta' ambjent tajjeb fejn l-istudenti jistgħu jaħdmu, forom ta' kooperazzjoni bejn id-dar u l-iskola, u temi oħrajn. Madankollu, il-bord m'għandux dritt li jieħu deċiżjonijiet dwar l-impjegati jew dwar il-finanzi ta' l-iskola.

Il-bord tal-ġenituri kellu effett kbir fuq l-iskola. Il-ġenituri kienu kapaċi jinfluwenzaw dak li kien qed iseħħ fl-iskola, u l-bord tal-ġenituri jaħdem tajjeb ħafna mal-kunsill ta' l-istudenti li huwa attiv ukoll. Ċerti ġenituri jħossu li l-parteċipazzjoni tagħhom ippermettiet li huma jiġu rispettati aktar minn uliedhom, peress li dawn għandhom għarfien aħjar dwar l-iskola Żvediża u jista' jkollhom impatt fuqha. Mill-banda l-oħra, il-fatt li d-deċiżjonijiet finanzjarji ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-bord jitqies bħala limitazzjoni importanti.

Dan huwa proġett URBACT. Ibbażat fuq it-tema 'L-Ibliet, l-immigranti u l-minoranzi etniċi', dan is-seminar tematiku URBACT, li sar f'Palermo f'Ottubru 2005, laqqa' 16-il rappreżentant minn bliet Ewropej, waqt li ġabar flimkien 13-il proġett URBACT.

Websajt: www.urbact.org, http://hem.passagen.se/nytorpsskolan

L-esperjenza tissuġġerixxi li l-immigranti x'aktarx li jkunu aktar involuti bħala membri ta' grupp (pereżempju l-ġenituri) milli bħala individwi. Il-gruppi li huma bbażati fuq sfond etniku jistgħu wkoll jiffaċilitaw l-involviment, waqt li jżidu l-awto-kunfidenza ta' l-individwi billi jagħtuhom l-opportunità li jiddiskutu kwistjonijiet ma' sħabhom u biex jaslu fi ftehim.





Peress li proporzjon għoli ta' immigranti jew refuġjati f'distrett ħafna drabi jipprovdi l-'massa kritika' meħtieġa biex tiġi stabbilita assoċjazzjoni etnika, il-konċentrazzjoni ta' l-ispazju ġieli jista' jkollha influwenza pożittiva fuq il-parteċipazzjoni u fuq l-involviment, partikolarment tal-migranti nisa.

## 2.3 Skambju ta' prattiċi tajbin rigward l-akkomodazzjoni

Minħabba li ħafna prattika dwar l-akkomodazzjoni u l-integrazzjoni fl-ibliet tkun lokali, huwa importanti b'mod partikolari li jiġu stabbiliti mekkaniżmi tajba għall-iskambju ta' l-esperjenzi u ta' l-ideat lokali.

Il-mexxejja nazzjonali, l-uffiċjali tal-gvern lokali u partijiet interessati oħra mis-setturi kollha tas-soċjetà jistgħu jirrikorru għall-għarfien disponibbli dwar dawn il-punti minn ġabriet ta' l-aħjar prattika, minn programmi ta' riċerka, jew minn netwerks formalizzati.

Il-manwali jistgħu jkunu utli b'mod partikolari fejn l-esperjenza tad-diversità f'żona lokali tkun relattivament riċenti, jew fejn l-integrazzjoni s'issa tkun għadha mhux prijorità.

Fl-Estonja, il-Fondazzjoni għall-Integrazzjoni ta' Persuni Mhux Estonjani fl-2003 nediet proġett sabiex ittejjeb il-kapaċità amministrattiva tal-gvernijiet lokali ħalli dawn ikunu jistgħu jittrattaw kwistjonijiet ta' integrazzjoni fuq livell lokali. Il-proġett irreaġixxa għal si-twazzjoni fejn ftit gvernijiet lokali kellhom pjanijiet ta' azzjoni fit-tul li kienu relatati ma' l-in-tegrazzjoni. Il-Fondazzjoni ħarġet ktejjeb għall-impjegati tal-gvern lokali, li bħala parti mir-riċerka ġew ukoll intervistati.

Il-gvernijiet lokali ġew maqsuma fi tliet sotto-gruppi:

(a) dawk fejn is-sehem ta' persuni mhux Estonjani huwa ogħla mill-medja;

(b) dawk fejn is-sehem ta' persuni mhux Estonjani huwa iktar baxx mill-medja iżda xorta ta' aktar minn 5%, u

(ċ) dawk fejn is-sehem ta' persuni Estonjani huwa ta' inqas minn 5%.

Il-ktejjeb inkluda eżempji ta' prattika minn awtoritajiet lokali differenti kif ukoll minn pajjiżi oħra, partikolarment il-Litwanja, l-Iżvejza, id-Danimarka, l-Italja u l-Ġermanja.

Il-kompetenzi jistgħu jinġabru wkoll f'organizzazzjonijiet speċjalizzati, li jistgħu jagħtu parir lill-atturi lokali skond il-ħtieġa.

Fl-Olanda, l-Inizjattiva tal-Bord dwar il-Koeżjoni Soċjali tinkludi enfasi fuq il-politika urbana u l-integrazzjoni.

F'dan il-kuntest, l-organizzazzjoni FORUM tirċievi finanzjament mill-gvern biex tmexxi 'Uffiċċju ta' Servizz għall-Politika dwar l-Integrazzjoni Muniċipali'. Dan l-uffiċċju ta' servizz jappoġġja lill-impjegati taċ-ċivil fl-amministrazzjonijiet tal-gvern lokali għall- iżvilupp u t-twettiq tal-politika ta' integrazzjoni. L-esperti jagħtu parir dwar problemi speċifiċi li jiżviluppaw fuq livell lokali. Fl-istess waqt, websajt interattiv jipprovdi bażi għall-impjegati taċ-ċivil biex jiddiskutu d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom.



In-netwerks jagħtu l-opportunità għall-iskambju kontinwu ta' l-aħjar prattika. Fuq livell Ewropew, dawn jippermettu wkoll li jkun hemm rabta effettiva bejn l-esperjenzi lokali u l-mekkaniżmi tal-politika ta' l-UE, bħalma huma l-Proċess ta' l-Inklużjoni Soċjali kif ukoll programmi oħra ta' politika jew finanzjament.

Numru ta' netwerks qed jiffokaw l-attenzjoni fuq ir-rabta bejn l-integrazzjoni ta' l-immigranti u l-akkomodazzjoni. Il-membri tagħhom jinkludu r-reġjuni (ERLAI); ir-reġjuni u l-muniċipalitajiet (CEMR); il-muniċipalitajiet, l-awtoritajiet pubbliċi lokali u l-NGOs (Quartiers en Crise); iċ-ċentri urbani ewlenin (l-Ewrobliet) jew l-organizzazzjonijiet ta' l-akkomodazzjoni soċjali (CECODHAS), fost oħrajn.

Fl-2004-2006, il-CECODHAS u l-Ewrobliet organizzaw b'mod konġunt tliet seminars dwar l-integrazzjoni u l-akkomodazzjoni. Is-seminars saru f'Amsterdam, fi Stokkolma u f'Aarhus rispettivament. Pereżempju, is-seminar ta' Stokkolma li sar f'April 2005 iffoka fuq l-'Integrazzjoni permezz ta' akkomodazzjoni u awtorizzazzjoni mtejba' u ġabar flimkien lill-parteċipanti mill-organizzazzjonijiet ta' l-akkomodazzjoni soċjali u mill-amministrazzjonijiet tal-belt, kif ukoll partijiet interessati oħra.

Websajts: www.eurocities.org, www.cecodhas.org





## Kapitolu 2: Konklużjonijiet

1. L-immigranti, bħar-residenti kollha, jiżviluppaw strateġiji ta' akkomodazzjoni bbażati fuq il-ħtiġiet tagħhom u fuq l-opportunitajiet li jiġu offruti mill-ambjent. L-istrateġiji politiċi għandhom ifittxu li jwessgħu l-għażliet tagħhom billi jiżguraw opportunitajiet indaqs fis-suq ta' l-akkomodazzjoni, f'termini ta' aċċess kif ukoll ta' kwalità.

2. Jista' jsir użu aktar intensiv mil-leġiżlazzjoni li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-qasam tal-forniment tas-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

3. Il-kodiċijiet ta' mġiba dwar l-akkomodazzjoni jistgħu jispjegaw f'termini prattiċi xi tfisser fil-prattika l-leġiżlazzjoni dwar l-akkomodazzjoni.

4. Ir-rekwiżiti tar-residenza għandhom jiġu vvalutati fuq il-konsistenza tagħhom ma' l-istrateġiji politiċi ta' l-akkomodazzjoni u fuq l-impatt tagħhom fuq il-pożizzjoni ta' l-immigranti fis-suq ta' l-akkomodazzjoni.

5. L-awtoritajiet nazzjonali u lokali għandhom ifittxu li jidentifikaw problemi serji relatati mal-kwalità ta' l-akkomodazzjoni u jibbażaw l-inizjattivi fuq data kredibbli dwar is-sitwazzjoni ta' l-akkomodazzjoni ta' l-immigranti. Jista' jintuża stħarriġ għal dak il-għan. Dan l-istħarriġ jista' jiġi mfassal b'tali mod li jippermetti li jsiru paraguni fl-Ewropa u li jiġu stabbiliti standards Ewropej.

6. Il-kumpaniji ta' l-akkomodazzjoni li jfittxu b'mod proattiv li jtejbu s-servizz għall-klijenti immigranti se jkollhom aktar suċċess fit-twettiq tal-ħtiġiet u tal-preferenzi ta' dawn. Il-kumpaniji ta' l-akkomodazzjoni jistgħu jipprovdu taħriġ lill-impjegati tagħhom għal dan il-għan jew inkella jimpjegaw ħaddiema bi sfond ta' immigrazzjoni.

7. Il-politika u l-prattika jfittxu li jikkontrobattu l-esklużjoni u s-segregazzjoni soċjali li hija karatteristika ta' kwartieri żvantaġġati. Fl-istess waqt, dawn jistgħu jsaħħu l-aspetti pożittivi li jħossu ħafna residenti immigranti: l-appoġġ permezz ta' netwerks soċjali, tal-familji u etniċi, il-possibilitajiet ipprovduti mis-suq tax-xogħol etniku, l-għajnuna immedjata għan-nies ġodda li jaslu, u l-preżenza ta' assoċjazzjonijiet etniċi.

8. Il-miri tal-politika għall-kwartieri żvantaġġati għandhom ikunu kumpatibbli ma' l-ippjanar tal-belt kollha, u l-kunċetti urbani għandhom jipprivileġġjaw il-bini ta' 'pontijiet' bejn id-distretti tal-belt. Kwalunkwe inugwaljanza fil-forniment tas-servizz f'oqsma differenti għandha tiġi indirizzata bħala prijorità.

9. Minħabba li kwistjonijiet ta' l-akkomodazzjoni jaffettwaw direttament il-ħajja personali ta' l-individwi u tal-familji, l-intervent f'dan il-qasam irid ikun partikolarment bil-ħsieb sabiex tiġi rispettata l-privatezza, sabiex jiġu kkonsultati dawk li huma affettwati kif ukoll sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni.

10. L-iskejjel ta' distrett jistgħu jintużaw bħala siti ta' integrazzjoni u bħala postijiet edukattivi għad-distrett kollu – inkluż l-adulti.

11. *L-esperjenza tissuġġerixxi li l-immigranti x'aktarx li jkunu aktar involuti bħala membri ta' grupp (pereżempju l-ġenituri) milli bħala individwi. Il-gruppi li huma bbażati fuq sfond etniku jistgħu wkoll jiffaċilitaw l-involviment, waqt li jżidu l-awto-kunfidenza ta' l-individwi billi jagħtuhom l-opportunità li jiddiskutu kwistjonijiet ma' sħabhom u biex jaslu fi ftehim.*



12. Minħabba li ħafna prattika dwar l-akkomodazzjoni u l-integrazzjoni fl-ibliet tkun lokali, huwa importanti b'mod partikolari li jiġu stabbiliti mekkaniżmi tajba għall-iskambju ta' l-esperjenzi u ta' l-ideat lokali.





# Kapitolu 3

# L-integrazzjoni ekonomika





**Dan il-kapitolu jiddiskuti l-integrazzjoni ekonomika ta' l-immigranti, waqt li jinkludi kemm l-impjiegi kif ukoll l-impjieg indipendenti. L-ewwel dan jittratta d-dħul u jikkunsidra kif il-mudelli ta' immigrazzjoni jistgħu jinkoraġġixxu t-tlaqqigħ tal-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol. Imbagħad dan jittratta l-valutazzjoni u l-akkwist tal-ħiliet tul il-karriera ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol, waqt li jirreferi għall-kwalifiki formali, għall-kompetenzi okkupazzjonali jew lingwistiċi oħra, u għall-għarfien dwar il-ħajja fuq il-post tax-xogħol u dwar il-proċess ta' tiftix għall-impjieg. Il-kapitolu jesplora wkoll kif l-istrateġiji ta' kontra d-diskriminazzjoni u tad-diversità jistgħu jippromwovu l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol, jinkoraġġixxu ż-żamma u l-promozzjoni ta' l-impjiegi u joħolqu klima li fiha d-diversità tingħata prominenza. Fl-aħħarnett, il-kapitolu jiddeskrivi metodi ta' kif jiġu appoġġjati l-intraprendituri etniċi permezz ta' pariri, l-aċċess iffaċilitat għas-servizzi finanzjarji, jew bl-involviment f'netwerks fornituri.**

Dan il-kapitolu jibbaża partikolarment fuq il-Prinċipju Bażiku Komuni Nru. 3, li jinnota li 'l-impjieg huwa parti prinċipali mill-proċess ta' integrazzjoni u huwa ċentrali għas-sehem ta' l-immigranti, għall-kontribut li l-immigranti jagħtu lis-soċjetà ospitanti, u biex kontributi bħal dawn ikunu jidhru'. Il-Prinċipji Bażiċi Komuni Nru. 5 dwar l-edukazzjoni, Nru. 6 dwar l-aċċess għall-istituzzjonijiet, għall-prodotti u għas-servizzi, u Nru. 9 dwar il-parteċipazzjoni jistabbilixxu wkoll il-qafas għad-diskussjoni dwar l-integrazzjoni ekonomika.

Il-gvernijiet jidentifikaw b'mod konsistenti l-integrazzjoni ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħhom fil-qasam ta' l-integrazzjoni. Dan għaliex f'ħafna pajjiżi l-immigranti, inklużi u b'mod speċjali l-immigranti żgħażagħ u nisa, ibatu minn effetti spoporzjonalment mhux favorevoli fejn jikkonċerna r-rati ta' impjiegi, ir-rati ta' qgħad, il-pagi, jew l-impjieg skond il-kwalifiki. Fl-istess waqt, l-immigranti jiffurmaw ukoll parti mill-forza tax-xogħol li permezz tagħha l-Ewropa u l-Istati Membri tagħha jfittxu li jiksbu l-'għanijiet ta' Liżbona'. L-immigrazzjoni u l-integrazzjoni ta' l-immigranti għandhom posthom fl-aġenda ta' l-Impjiegi u t-Tkabbir mhux biss għaliex dawn joħolqu sfidi partikolari għall-għanijiet stabbiliti, iżda wkoll għaliex dawn jistgħu jikkontribwixxu biex jinkisbu.

## 3.1. Mill-ammissjoni sa l-integrazzjoni fis-suq ta' l-impjiegi: bilanċ bejn id-domanda u l-provvista

Ir-regoli li jikkonċernaw id-dħul jistgħu jitqiesu bħala punti tat-tluq għall-integrazzjoni li jistabbilixxu b'mod kruċjali kundizzjonijiet importanti għall-proċess ta' integrazzjoni.

Bħalissa fil-25 Stat Membru hemm japplikaw regoli tad-dħul differenti. Diversi pajjiżi qed jagħtu aktar attenzjoni lill-migrazzjoni ekonomika, billi jużaw taħlita ta' mudelli differenti ta' għażla:

- Il-mudell tal-'kapital uman' li jinvolvi l-valutazzjoni ta' l-immigranti prospettivi fuq kriterji li l-gvernijiet iqisu bħala indikaturi tajbin ta' suċċess ekonomiku fit-tul
- Il-mudell 'immexxi minn min iħaddem' li jħares lejn l-impjieg attwali aktar milli lejn dak prospettiv, u li jlaqqa' l-ħtiġiet ta' min iħaddem ma' kandidat immigrant speċifiku.



- Il-mudell tan-'nuqqas' li jidentifika ċerti oqsma jew okkupazzjonijiet li għalihom min iħaddem ikun jista' jirrekluta mill-provvista globali ta' l-impjiegi.

Il-Ministeru Ċek għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jmexxi l-programm dwar il-migrazzjoni 'L-Għażla Attiva tal-Ħaddiema Barranin' (*Active Selection of Foreign Workers*). Iċ-ċittadini tal-Bulgarija, tal-Kroazja, tal-Każakistan, tal-Belarus, tal-Moldova, tas-Serbja u l-Montenegro, tal-Kanada u ta' l-Ukrajna jistgħu japplikaw. Il-gradwati barranin ta' l-universitajiet u ta' l-iskejjel sekondarji Ċeki huma eleġibbli wkoll.

L-applikanti jridu juru li huma jkunu diġà kisbu viża ta' aktar minn 90 ġurnata għal skopijiet ta' xogħol. Dawn jiġu magħżula permezz ta' sistema ta' punti bbażata fuq seba' kriterji: l-impjieg, l-esperjenza ta' xogħol, l-edukazzjoni, l-età, l-esperjenza ta' għajxien fir-Repubblika Ċeka, il-kompetenzi lingwistiċi u l-membri tal-familja. Wara sentejn u nofs, dawn jistgħu japplikaw għall-permess ta' residenza permanenti.

Il-kwota għall-programm żdiedet minn 300 (2003-2004) għal 700 (2004-2005) u mbagħad għal 1000 (2005-2006). Madankollu, il-limiti tal-kwota s'issa għadhom ma ntlaħqux.

L-esperjenza f'diversi pajjiżi tissuġġerixxi li l-impjieg bikri jsaħħaħ b'mod sinifikanti s-suċċess fit-tul ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol. Sabiex jiġi ffaċilitat it-tlaqqigħ bejn l-immigranti u min jista' jħaddem fil-proċess tal-migrazzjoni ekonomika, l-Istati Membri qed jużaw varjetà ta' miżuri, inkluż il-pre-selezzjoni fil-pajjiżi ta' l-oriġini jew il-viżas għal dawk li qed ifittxu impjieg.

Il-programm Spanjol dwar il-migrazzjoni, li huwa bbażat fuq l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet, qed jitmexxa f'konsultazzjoni mat-*trade unions*, ma' l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u ma' l-awtoritajiet reġjonali. Ladarba l-elenku tal-postijiet battala jiġi approvat mill-gvern ċentrali, dan jintbagħat lill-pajjiżi li magħhom Spanja kienet ikkonkludiet ftehimiet speċjali dwar il-migrazzjoni: l-Ekwador, il-Kolombja, ir-Repubblika Dominikana, il-Marokk, il-Polonja, ir-Rumanija, u l-Bulgarija.

L-awtoritajiet tax-xogħol ta' dawn il-pajjiżi jwettqu għażla minn qabel tal-kandidati prospettivi għall-impjiegi li jiġu offruti. L-għażla finali ssir permezz ta' kummissjoni bilaterali bil-parteċipazzjoni ta' min iħaddem. Il-ħaddiema jirċievu viża kif ukoll permess ta' xogħol u ta' residenza għal sena. It-tiġdid huwa possibbli bil-kondizzjoni li jkun hemm prova li l-possessur ikun fil-fatt ħadem għal mill-inqas sitt xhur fis-settur u fir-reġjun li għalihom il-permess ikun inħareġ.

Il-kuntatt dirett bejn dawk li jfittxu l-impjieg u min iħaddem huwa importanti u kultant indispensabbli. Waqt li l-kumpaniji l-kbar għandhom il-mezzi biex jirreklutaw minn barra, l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju jew l-individwi li jkunu qed ifittxu li jimpjegaw lill-immigranti (pereżempju bħala purtinara) rari jkollhom il-possibilità li jagħmlu hekk. Ħafna drabi l-kuntatt jiġi stabbilit jew għaliex l-immigranti jkunu diġà fil-pajjiż f'sitwazzjoni irregolari jew permezz tar-rakkomandazzjonijiet mill-familja jew mill-membri tal-komunità. Il-viżas ta' dawk li jfittxu l-impjieg jistgħu jgħinu sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' xogħol mhux iddikjarat.





Bħala parti mill-programm dwar il-migrazzjoni li qed jiġi ġestit, Spanja toħroġ viża ta' impjieg għal tliet xhur, li matulhom il-persuna tkun tista' tfittex impjieg fis-settur u fir-reġjun assenjat lilha. Jekk il-possessur tal-viża jirnexxilu jsib impjieg, il-viża tinbidel f'permess ta' impjieg u residenza għal sena. 98% ta' dawk li jidħlu jsibu impjieg fis-settur li għalih tkun ingħatat il-viża lil dak li jkun qed ifittex l-impjieg.

Minkejja l-importanza tal-programmi dwar il-migrazzjoni li jiġu organizzati, ta' min jinnota li l-mod kif jidħol il-migrant mhux neċessarjament indikazzjoni tal-potenzjal tiegħu jew tagħha fis-suq tax-xogħol. L-immigranti mhux ekonomiċi għandhom jingħataw permessi ta' residenza u xogħol li jippermettulhom isibu impjiegi li jkunu jikkorrispondu mal-motivazzjoni u l-kwalifiki tagħhom. Il-permessi b'sigurtà akbar ta' residenza jinkoraġġixxu lill-immigranti biex jinvestu ferm iżjed fl-integrazzjoni tagħhom stess fis-soċjetà u fil-ħajja fuq il-post tax-xogħol. Min iħaddem ikollu t-tendenza wkoll li jkun aktar lest li jikri persuni b'permessi li jkunu għal perjodu itwal. B'mod ġenerali, ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq tax-xogħol għandhom ikunu minimizzati, waqt li jiġi kkunsidrat li s-suq tax-xogħol huwa wieħed mit-toroq ewlenin għall-integrazzjoni ta' l-immigranti, kemm jekk dawn jiġu għal raġunijiet ekonomiċi u kemm jekk le.

Il-kundizzjonijiet għall-għaqda mill-ġdid mal-familji qed jiġu armonizzati fuq livell Ewropew, kif qed issir ukoll fil-leġiżlazzjoni dwar l-istat tar-refuġjati. L-aċċess għas-suq tax-xogħol huwa komponent importanti ta' leġiżlazzjoni bħal din. Kif jiġi nnutat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni, l-Istati Membri li jittrasportaw id-Direttiva dwar id-dritt għall-għaqda mill-ġdid mal-familji għandhom jiżguraw li r-restrizzjonijiet fl-aċċess għas-suq tax-xogħol ikunu minimizzati, biex b'hekk jiġi inkoraġġit l-impjieg għan-nisa immigranti.

Il-qafas legali għad-dħul għandu jiġi eżaminat minħabba l-impatt tiegħu fuq l-integrazzjoni (soċjo-) ekonomika ta' l-immigranti, waqt li l-ostakli għall-integrazzjoni li hemm fir-regoli ta' l-immigrazzjoni għandhom jiġu indirizzati.

**It-taħriġ ta' qabel il-wasla**

Diversi Stati Membri qed jesploraw it-taħriġ ta' qabel il-wasla bħala mod biex itejbu l-prospetti ta' integrazzjoni għall-immigranti. Dawn l-inizjattivi ta' taħriġ jistgħu wkoll japprofondixxu r-relazzjonijiet mal-pajjiżi ta' l-oriġini u jenfasizzaw il-possibilitajiet ta' migrazzjoni legali.

Taħt il-liġi Taljana dwar l-immigrazzjoni, iċ-ċittadini barranin li jattendu għal taħriġ vokazzjonali u għal korsijiet edukattivi fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom jistgħu jiksbu prijorità għall-viża tad-dħul. Il-korsijiet iridu jiġu approvati mill-awtoritajiet Taljani. Ġew konklużi ftehimiet qafas ma' ċerti pajjiżi (bħat-Tuneżija u l-Moldova) u dawn jistgħu jinvolvu reġjuni u persuni li jħaddmu speċifiċi fl-Italja.



Il-proġett pilota 'Minn Sri Lanka sat-Toskana' (*From Sri Lanka to Tuscany*) ġie organizzat mill-gvern Taljan flimkien ma' l-IOM. Dan forna taħriġ ta' qabel il-wasla lil ċittadini ta' Sri Lanka li xtaqu jemigraw lejn l-Italja bħala *carers* personali għat-tfal jew għall-anzjani.

L-għażla minn qabel tal-kandidati għamlet użu minn *database* li ġiet stabbilita mid-Dipartiment għall-Impjiegi Esterni ta' Sri Lanka. Il-provinċja tat-Toskana l-ewwel għażlet 160 mill-250 kandidat li kien hemm fid-*database*. It-tim tal-proġett imbagħad ikkuntattja lill-familji li kienu qed ifittxu *carers* personali u intervista 85 kandidat li kienu jissodisfaw il-profili meħtieġa. Ġew magħżula 60 applikant.

Dawn irċevew 60 siegħa ta' taħriġ fil-lingwa Taljana f'Kolombo u kors ta' 25 siegħa fil-qasam tal-kura personali. Dan it-taħriġ imbagħad tkompla fl-Italja, li wassal għall-kwalifika Taljana ta' 'Assistent tal-Kura Personali'.

Il-Pjan ta' Politika tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni Legali ukoll jagħmel referenza għat-taħriġ fil-pajjiżi ta' l-oriġini. Dan iħabbar li l-fattibilità li jiġi appoġġjat, b'finanzjament mill-UE, l-istabbiliment ta' strutturi ta' taħriġ taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet lokali u/jew ta' atturi mhux governattivi se tiġi esplorata mill-qrib.

## 3.2. Snajja' u kwalifiki

L-akkwist u l-valutazzjoni tal-kompetenzi huma fost il-fatturi ewlenin li jiffurmaw l-aspetti differenti tal-ħajja fuq il-post tax-xogħol: it-tranżizzjoni mill-iskola għat-taħriġ vokazzjonali, u mit-taħriġ għax-xogħol; il-perjodi ta' qgħad; il-promozzjoni jew ir-riorjentament professjonali. Fl-ekonomiji li qed jinbidlu ta' l-Ewropa, it-tagħlim attiv kontinwu qed ikun aktar meħtieġ f'diversi okkupazzjonijiet u f'ħafna livelli ta' ħiliet.

In-nies ġodda li jaslu, l-immigranti residenti fit-tul u l-migranti tal-'ġenerazzjoni li jmiss' ilkoll huma ffaċċjati bl-isfida li jistabbilixxu u li jżommu l-possibilità ta' l-impjieg tagħhom, u dawn għandhom ikollhom aċċess sħiħ għall-miżuri ta' appoġġ ġenerali u speċifiċi.

### Insaħħu l-possibilità ta' l-impjieg għall-immigranti u r-refuġjati

L-integrazzjoni b'suċċess tiddependi fuq it-tlaqqigħ tajjeb bejn il-provvista u d-domanda. Il-programmi li jippromwovu l-opportunitajiet professjonali ta' l-immigranti u r-refuġjati jeħtieġ jittrattaw mill-qrib is-swieq tax-xogħol lokali kif ukoll it-tipi speċifiċi ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa. Din l-informazzjoni tista' tgħin fl-ippjanar ta' korsijiet ta' taħriġ, u tista' tgħin ukoll lill-immigranti biex ikollhom mira fit-tiftix għall-impjieg tagħhom.

Fil-kontea ta' Ida-Virumaa fl-Estonja, ġiet identifikata d-domanda għal ċertu xogħol partikolari u ġie offrut taħriġ vokazzjonali f'dawn l-okkupazzjonijiet lil persuni qiegħda li jitkellmu bir-Russu. Dawn l-okkupazzjonijiet partikolari kienu jinkludu bennejja, welders, koki, assistenti fil-ħwienet, gwardji tas-sigurtà, amministraturi ta' sistemi tal-kompjuters, naddafa, u sefturi.

Fil-muniċipalità Taljana ta' Forlì, l-għażla ta' korsijiet ta' taħriġ mogħtija taħt il-programm 'Integra' (ara l-Kapitolu 4.1) inkludiet ħajjata tal-ħwejjeġ, welders-mastrudaxxi, ħaddiema tal-*fibreglass*, u impjegati amministrattivi. F'Ruma, l-għażla inkludiet elettriċisti, mastrudaxxa, tekniċi tar-refriġerejters, koki u barmen.





Barra milli jiksbu ħiliet vokazzjonali speċifiċi, l-immigranti li jkunu qed ifittxu impjieg jeħtieġ ukoll ikunu jafu kif jiktbu CV, kif ifittxu impjieg fuq l-internet, kif jikkuntattjaw lil min iħaddem, kif iwieġbu domandi komuni waqt l-intervisti, eċċ. Il-'korsijiet għal dawk li jfittxu impjieg', li jipprovdu għarfien speċifiku għall-pajjiż dwar il-proċessi ta' reklutaġġ, jiffurmaw parti mill-programmi ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol f'diversi pajjiżi.

It-trawwim tal-kunfidenza ħafna drabi għandu rwol importanti f'dawn il-korsijiet, b'mod partikolari fejn dawn ikunu mmirati għan-nisa immigranti jew għar-refuġjati. Pereżempju, is-Sħubija għall-Integrazzjoni fil-Komunità (CIP) fil-West Midlands għandha l-għan li tgħin lin-nisa refuġjati biex isibu impjieg billi torganizza *workshops* ta' konsulenza, billi toffri attivitajiet ta' trawwim tal-kunfidenza, billi tipprovdi informazzjoni dwar inizjattivi ta' impjieg *mainstream*, eċċ. Mill-2003 'l hawn, il-proġett ħadem direttament ma' iktar minn 350 mara.

Il-possibilità ta' impjieg hija aspett ewlieni tal-proġett Belġjan SIDE (*Service d'intervention directe sur l'emploi*), li l-uffiċċju reġjonali għall-impjiegi ta' Bruxelles-Capitale ilu jmexxi għal erba' snin. Il-grupp fil-mira tiegħu huwa n-nies ġodda li jaslu, li ħafna minnhom ikollhom ftit edukazzjoni formali u jkollhom għarfien mhux sħiħ tal-lingwa. In-nies ġodda li jaslu u li jissieħbu fil-proġett l-ewwel jiġu referuti lill-NGOs li jagħmlu verifika tal-ħiliet, jipprovdu t-taħriġ, u jgħinu biex dawn jiksbu dokumenti bħalma huma l-permessi tax-xogħol u ċ-ċertifikati ta' kondotta tajba. Dawn jipprovdu wkoll konsulenza psikoloġika.

Ladarba l-parteċipanti jkunu għaddew mill-fażi ta' introduzzjoni, SIDE jgħin biex ilaqqa' lil dawn ma' postijiet battala speċifiċi. It-tim tal-proġett javviċina lill-kumpaniji u flimkien magħhom jikkompila deskrizzjonijiet konkreti ta' impjieg. Imbagħad dan jipproponi lill-kandidati immigranti li l-kwalifiki tagħhom ikunu jikkorrispondu sew ma' l-offerta ta' impjieg disponibbli. Persuna waħda biss tiġi proposta għal kull post battal li jiġi identifikat. Minn Diċembru 2002 'l hawn, madwar 30% tal-parteċipanti ta' SIDE sabu impjieg.

### Il-kwalifiki formali

Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali huwa parti essenzjali mill-aċċess għal u mill-mobilità fis-suq tax-xogħol peress li dan jippermetti lill-persuni biex isibu impjieg f'livell li jixraq. Iċ-ċittadini ta' pajjiż terz ħafna drabi ma jkunux koperti b'arranġamenti ta' rikonoxximent jew inkella jkollhom jiddependu fuq ftehimiet bilaterali *ad-hoc*. Minħabba ż-żmien involut, kif ukoll l-ostakli li jġarrbu ta' sikwit l-applikanti, il-proċess ta' rikonoxximent jista' joħloq problemi soċjali u oħrajn. Il-proġetti li jappoġġjaw lill-immigranti kkwalifikati fil-proċess ta' rikonoxximent għandhom għalhekk jikkunsidraw l-aspett ħolistiku tas-sitwazzjoni ta' l-individwu.

Bejn l-2002 u l-2005, il-JRS (is-Servizz tal-Ġiżwiti għar-Refuġjati) tal-Portugall u l-Fondazzjoni Gulbenkian wettqu proġett biex jappoġġjaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tat-tobba immigranti.

Il-parteċipanti kollha kellhom impjieg fil-Portugall li ma kienx jaqbel mal-kwalifiki akkademiċi tagħhom, b'ħafna minnhom li kienu jaħdmu fis-settur tal-kostruzzjoni. Dawn kienu jinkludu tobba ġenerali kif ukoll pedjatriċi, kirurgi, u speċjalisti oħra. Ħafna mill-



parteċipanti kienu ta' ċittadinanza Ukraina, Russa jew tal-Moldova u kienu għamlu l-ewwel kuntatt mal-JRS permezz ta' tagħlim fil-Portugiż offrut mill-organizzazzjoni stess.

Il-proċess ta' rikonoxximent involva korsijiet fi skola medika, apprendistat fi sptar ta' 4-9 xhur, eżami, u s-sħubija fil-Kunsill Mediku Portugiż. Il-proġett kopra l-miżati ta' l-applikazzjonijiet u tat-traduzzjonijiet għal kull parteċipant, li rċevew ukoll boroż ta' studju ta' xahar (sa massimu ta' 9 xhur) u għotja għall-kotba. Il-kontinwazzjoni tat-tagħlim fil-lingwa Portugiża, kif ukoll l-appoġġ soċjali u psikoloġiku kkomplementaw l-offerta.

Il-proġett beda b'10 tobba u spiċċa b'105 tobba li uffiċjalment bħalissa qed jipprattikaw l-professjoni medika fil-Portugall. Biex jiġu megħluba d-diffikultajiet ta' viża, il-proġett żviluppa protokolli speċjali mas-servizzi ta' l-immigrazzjoni. Il-kuntatti informali mal-ministeru tas-saħħa u mal-Kunsill Mediku Portugiż ukoll kienu ta' għajnuna. Madankollu, il-perjodi ta' stennija kienu konsiderevoli. Minħabba f'hekk, il-proġett kellu jestendi l-perjodu ta' appoġġ finanzjarju permezz ta' sistema ta' self, u identifika wkoll impjiegi temporanji fil-qasam mediku (pereżempju ma' l-Istitut tad-Demm).

### Il-valutazzjoni u l-akkreditament tal-kompetenzi

Sabiex jingħelbu d-diffikultajiet assoċjati mar-rikonoxximent formali tal-kwalifiki, min iħaddem, l-assoċjazzjonijiet professjonali u l-gvernijiet jistgħu jfittxu li jiżviluppaw metodi aktar flessibbli ta' kif il-kompetenzi jistgħu jiġu valutati u validati.

Jistgħu jiġu identifikati żewġ sfidi ewlenin: l-ewwel, miżuri xierqa u innovattivi huma meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-ħiliet u l-kompetenzi ta' l-immigranti, u t-tieni, kwalunkwe forma ta' akkreditament għandha tiġi aċċettata u rikonoxxuta mill-organizzazzjonijiet *mainstream* u minn min iħaddem.

Metodi tajba ta' valutazzjoni jirnexxilhom jagħmlu viżibbli l-kompetenzi kollha ta' l-immigranti: okkupazzjonali, komunikattivi, soċjali, eċċ. Dawn jikkunsidraw il-valuri aktar milli l-iżbilanċi, u jiffokaw b'mod konkret fuq ir-rendiment (potenzjali) tal-persuna fuq il-post tax-xogħol.

Sabiex jiġi promoss ir-rikonoxximent tal-ħiliet ta' l-immigranti minn min iħaddem, jistgħu jissemmew numru ta' strateġiji:

Nintensifikaw id-dehra ta' tip ġdid ta' valutazzjoni jew ċertifikat bit-trawwim ta' kuxjenza u b'appoġġ politiku ta' livell għoli.

Ċertifikati distinti għall-immigranti jistgħu jkunu importanti biex jenfasizzaw l-ispeċifiċità tal-kompetenzi tal-migranti kif ukoll il-kontribut li dawn jistgħu jagħtu lis-suq tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, it-trawwim ta' kuxjenza għal min iħaddem x'aktarx tkun sforz fit-tul u intensiv għar-riżorsa.





Fid-Danimarka, il-'Karti ta' Kompetenza' issa qed jinħarġu minn ħames *Ċentri Reġjonali ta' Għarfien għall-Kjarifikazzjoni tal-Kompetenzi tar-Refuġjati u ta' l-Immigranti*. Iċ-Ċentri ġew stabbiliti fl-2004 biex jgħinu lill-muniċipalitajiet u lil min iħaddem fit-tlaqqigħ tal-ħiliet tar-refuġjati u ta' l-immigranti mal-ħtiġiet tas-suq tax-xogħol.

Iċ-Ċentri jaħdmu mal-kumpaniji sabiex jiġu organizzati korsijiet ta' valutazzjoni tal-kompetenzi fuq il-post tax-xogħol. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni u ta' attivitajiet oħra ta' kjarifikazzjoni tal-kompetenzi, l-immigrant jirċievi Karta ta' Kompetenza li tiddikjara l-ħiliet tiegħu jew tagħha. F'perjodu ta' erba' xhur inħarġu 129 Karta ta' Kompetenza. Dawn huma disponibbli onlajn biex min iħaddem ikollu aċċess għalihom. Barra minn hekk, iċ-Ċentri ta' Għarfien jaġixxu bħala referenza għall-immigranti li jkollhom nuqqas ta' esperjenza preċedenti ta' xogħol fid-Danimarka.

Għall-kjarifikazzjoni tal-kompetenzi ċ-Ċentri għandhom ukoll għodda bbażata fuq l-IT. Se jsiru aktar sforzi biex jitjieb il-funzjonament ta' din l-għodda, li l-muniċipalitajiet sabu diffiċli biex jintegrawha fir-rutini tax-xogħol tagħhom ta' kuljum.

Hemm il-ħtieġa ta' valutazzjoni dwar jekk il-Karta ta' Kompetenza effettivament tgħinx lill-possessur tagħha biex isib impjieg, iżda min iħaddem jidher li sar aktar konxju dwar l-inizjattiva minħabba l-isforzi kontinwi li saru sabiex titkattar il-viżibilità tagħha. Iċ-Ċentri ta' Għarfien jirċievu appoġġ ministerjali kontinwu għar-rwol tagħhom sabiex jinkiseb l-għan tal-gvern ta' '25.000 immigrant iktar li jiġu impjegati fl-2010'. Il-baġit ġenerali tagħhom huwa ta' madwar 10 miljun euro għall-perjodu 2004-2007.

F'diversi Stati Membri, ċerti gruppi ta' immigranti jipparteċipaw f'korsijiet ta' introduzzjoni fuq bażi volontarja jew obbligatorja. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni tisħaq li ċ-ċertfikati li jinkisbu f'dawn il-korsijiet għandhom jippromwovu l-aċċess għas-suq tax-xogħol jew għal opportunitajiet ta' taħriġ, u li l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil min iħaddem u lill-istituzzjonijiet edukattivi dwar il-valur u l-kontenut tagħhom.

Ninvolvu l-istituzzjonijiet edukattivi *mainstream* u nisfruttaw l-'isem tajjeb' tagħhom ma' min iħaddem sabiex l-immigranti jsibu posthom.

L-atturi speċjalizzati bħalma huma l-assoċjazzjonijiet ta' l-immigranti jew l-NGOs jistgħu jaħdmu ma' l-istituzzjonijiet edukattivi *mainstream* biex jagħmluhom aktar aċċessibbli għall-immigranti u għar-refuġjati.

Pereżempju, korsijiet addizzjonali jew programmi fil-lingwi jistgħu jiġu offruti flimkien mal-kurrikulu *mainstream*. B'dan il-mod, il-migranti jkunu jistgħu jiksbu l-akkreditament minn istituzzjoni li tkun familjari ma' min iħaddem lokalment.

Fi Vjenna, is-Sħubija EQUAL bl-isem InterCulturExpress tippromwovi opportunitajiet professjonali għall-immigranti u għar-refuġjati kkwalifikati. L-NGOs speċjalizzati jaħdmu ma' kulleġġi *mainstream* ta' edukazzjoni ogħla, ma' min iħaddem u ma' esperti professjonali tal-lingwi sabiex jiżviluppaw programm ta' taħriġ li jibbaża fuq il-kompetenzi eżistenti tal-migranti. Il-migranti jattendu għal korsijiet regolari li jkunu msaħħa b'elementi speċifiċi għall-



esperjenza ta' migrazzjoni tagħhom, bħat-tagħlim fil-lingwi jew taħriġ okkupazzjonali addizzjonali. L-akkreditament formali jista' jkun jew ma jkunx parti mill-proċess.

L-apprendistati jiffurmaw parti mill-programm ta' studju okkupazzjonali, u l-InterCulturExpress irnexxielu jlaqqa' lill-parteċipanti immigranti u refuġjati mal-persuni lokali li jimpjegaw. Il-pożizzjoni tajba tal-kulleġġi *mainstream* fil-komunità tan-negozju lokali tiffaċilita dan il-kompitu, li tipikament jinvolvi li jiġi megħlub grad ta' riluttanza min-naħa ta' min iħaddem.

Websajt: www.interculturexpress.at

Nappoġġjaw mudelli fejn l-impjegar jista' jwassal direttament għal aktar esperjenza ta' xogħol jew impjiegi fi ħdan l-istess kumpanija.

L-involviment mill-bidu ta' min iħaddem fil-proċessi tal-valutazzjoni tal-ħiliet jista' jżid il-probabilità ta' aktar impjiegi li jissoktaw mill-fażi tal-valutazzjoni u l-akkreditament.

Il-persuni li jħaddmu li jsibuha bi tqila biex jaċċettaw iċ-ċertifikati mogħtija mill-istituzzjonijiet edukattivi jew governattivi x'aktarx li jirreaġixxu b'mod aktar pożittiv meta huma stess ikollhom kontroll fil-proċess tal-valutazzjoni.

Is-sussidji fuq il-pagi provduti mill-gvernijiet ukoll jistgħu jkunu inċentivi utli.

Fl-Iżvezja, il-programm 'il-valutazzjonijiet tal-ħiliet fuq ix-xogħol' joffri lill-immigranti kkwalifikati apprendistat ta' tliet ġimgħat fil-professjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu juru l-ħiliet tagħhom fuq ix-xogħol. Fi tmiem it-tliet ġimgħat, dawn jirċievu ċertifikat li jista' jintuża fl-applikazzjonijiet għall-impjieg fil-futur.

Bl-istess mod, il-programm 'l-opportunità bi prova' jinvolvi impjiegi sorveljati għal tliet xhur għal dawk l-immigranti li ma jkollhomx esperjenza ta' xogħol fl-Iżvezja. Jekk dan ma jwassalx għall-impjieg, il-persuna tirċievi ċertifikat. Il-persuni li jħaddmu privati jew pubbliċi kif ukoll l-organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitti wkoll **jistgħu joffru l-**'opportunitajiet bi prova'.

Iż-żewġ programmi ffinanzjati mill-gvern bdew fi Frar 2005. F'Settembru 2005, 50 persuna kienu rreġistrati fil-'valutazzjoni tal-ħiliet fuq ix-xogħol' waqt li 450 persuna kienu rreġistrati f''l-opportunità bi prova'. Nofs il-parteċipanti ta' 'l-opportunità bi prova' sabu impjieg sa sitt xhur wara t-tmiem tal-programm. Mal-programmi l-oħra tal-bidu ta' impjieg, iż-żewġ skemi se jiġu valutati f'aktar dettall mill-Istitut għall-Valutazzjoni tal-Politika dwar is-Suq tax-Xogħol (IFAU).

Il-'proġett ta' integrazzjoni orjentata lejn l-intrapriża' Daniż (2003-2006) jappoġġja l-integrazzjoni tan-nies ġodda li jaslu fil-post tax-xogħol permezz ta' dak li jissejjaħ il-'mudell taraġ' ('*stair model*'). Il-mudell taraġ jinvolvi erba' fażijiet ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol:

1. Matul il-perjodu ta' 'bidu attiv' li jdum bejn 3-6 xhur, in-nies ġodda li jaslu jirċievu taħriġ intensiv fil-lingwa kif ukoll korsijiet dwar il-kultura u s-soċjetà Daniża.





2. In-nies ġodda li jaslu jibdew it-taħriġ, waqt li xorta jibqgħu jirċievu l-benefiċċji soċjali u jkomplu bit-tagħlim fil-lingwi. Għalhekk, il-kumpaniji jkollhom l-opportunità li jivvalutaw il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom.

3. In-nies ġodda li jaslu jirċievu kuntratt ta' xogħol mal-kumpanija iżda l-muniċipalità tissussidja s-salarji tagħhom. In-nies ġodda li jaslu xorta jistgħu jibqgħu jirċievu t-taħriġ fil-lingwi jew it-taħriġ vokazzjonali li jkun rilevanti għax-xogħol tagħhom.

4. In-nies ġodda li jaslu jiksbu impjieg regolari. Il-muniċipalità tista' tiffinanzja s-servizz tal-konsulent, fejn impjegat ieħor jiġi mħallas għal ċertu numru ta' sigħat sabiex jintroduċi lill-persuna li tkun għadha kif waslet għall-post tax-xogħol.

Il-proġett jibni fuq ftehim ta' erba' partijiet bejn il-gvern, l-assoċjazzjoni tal-gvernijiet lokali (KL), il-konfederazzjoni tad-*Trade Unions* Daniżi (LO) u l-Konfederazzjoni Daniża ta' Min Iħaddem (DA). Is-sħubiji lokali korrispondenti jinvolvu 13-il muniċipalità fi tliet reġjuni, kumpaniji, u atturi rilevanti oħra bħall-iskejjel tal-lingwi.

Fil-Litwanja, l-iskambju territorjali ta' l-impjiegi u l-muniċipalità jipprovdu l-ewwel punt ta' dħul għar-refuġjati billi jimpjegawhom f'xogħlijiet pubbliċi. Il-fond għall-impjiegi jissussidja wkoll il-pagi li jitħallsu lill-ħaddiema refuġjati minn persuni li jħaddmu mhux statali. Barra minn hekk, din il-prattika tgħin biex jiġi indirizzat wieħed mill-ostakli għad-dħul tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol, jiġifieri li l-pagi fis-settur ta' ħiliet baxxi jkunu baxxi ħafna, bil-konsegwenza li jwasslu għal nuqqas ta' inċentiv għar-refuġjati biex jaħdmu.

Nagħtu importanza lill-ħiliet li huma speċifiċi għall-migranti

Uħud mill-karatteristiċi ta' l-immigranti, bħall-multilingwiżmu, l-esperjenza interkulturali, il-flessibilità u l-mobilità, huma speċifiċi għall-esperjenza tal-migrazzjoni tagħhom u għandhom jiġu rikonoxxuti bħala valuri rilevanti għall-impjieg.

'Inter-nation' huwa programm tas-servizz pubbliku għall-impjiegi fil-Vallonja (FOREM) li huwa appoġġjat mill-EFS.

Il-programm huwa mmirat għal immigranti kkwalifikati li jkollhom rabtiet sodi mal-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom, inkluż għarfien tal-lingwa. Dan ilaqqagħhom mal-kumpaniji tal-Vallonja li jkunu interessati li jiżviluppaw id-dimensjoni internazzjonali tagħhom, pereżempju billi jkollhom aċċess għal swieq ġodda jew billi jidħlu fi sħubija ma' kumpaniji barra l-pajjiż. Dawn il-kumpaniji jkollhom domanda għall-ħaddiema bi sfondi nazzjonali rilevanti sabiex jgħinuhom jagħmlu l-kuntatti jew sabiex jittrattaw ma' l-awtoritajiet.

Il-FOREM jipprepara lill-immigranti għal dan ir-rwol billi jagħtihom taħriġ dwar temi bħalma huwa l-kummerċ internazzjonali. Il-parteċipanti fil-programm isegwu wkoll apprendistati fil-Belġju u f'pajjiż li mhux ta' l-UE (tipikament il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom). Ħafna drabi, il-kuntatt mal-persuna potenzjali li se tħaddem isir matul dawn l-apprendistati.



Id-deskrizzjonijiet ta' l-impjiegi f'ċerti professjonijiet jistgħu jiġu mmodifikati biex jinkludu 'l-kompetenza interkulturali' bħala waħda mill-kwalifiki mitluba mill-kandidati. Dan jinvolvi li tingħata forma oħra lill-profili tal-ħiliet u f'terminu itwal jista' jkollu wkoll impatt fuq il-kwalifiki formali.

## 3.3. Anti-diskriminazzjoni u diversità

L-edukazzjoni u l-akkwist tal-ħiliet fihom infushom mhumiex biżżejjed biex jimtela l-vojt bejn l-immigranti u ċ-ċittadini fis-suq tax-xogħol. Attitudnijiet razzisti u ta' ksenofobija kif ukoll prattika diskriminatorja għandhom is-sehem tagħhom ukoll. Għalkemm id-diskriminazzjoni dwar ix-xogħol hija ħafna drabi diffiċli biex tiġi identifikata u ddokumentata, hemm sorsi ta' evidenza li jistgħu jintużaw sabiex din tkun aktar viżibbli. Pereżempju, evidenza statistika ta' diskriminazzjoni tiġi minn settijiet ta' data li juru differenzi sinifikanti fir-rati talqgħad bejn l-immigramti u ċ-ċittadini, anke meta l-varjabbli bħalma huma l-livell ta' l-edukazzjoni, il-kwalifiki, l-esperjenza jew l-età jkunu kostanti. L-Istati Membri jistgħu jaħdmu flimkien sabiex jiżviluppaw sistemi effettivi ta' kejl, waqt li jikkunsidraw li evidenza qawwija ta' diskriminazzjoni żżid l-appoġġ pubbliku għall-miżuri u għall-programmi ta' kontra d-diskriminazzjoni.

It-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u d-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol wasslet għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni evidenti kontra d-diskriminazzjoni f'bosta Stati Membri. B'mod ġenerali, il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe waħda mirraġunijiet tad-Direttivi ma tiddependix min-nazzjonalità, iċ-ċittadinanza jew l-istat ta' residenza. L-immigranti residenti fit-tul jiġu wkoll protetti bid-dispożizzjonijiet ta' trattament indaqs previsti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/109/KE, li jkopru l-aċċess għall-impjieg kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali u r-rikonoxximent tad-diplomi professjonali.

Id-dispożizzjonijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni jikkonċernaw il-fażijiet kollha ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol. F'termini ta' aċċess, il-punt fokali huwa fuq il-prattika ta' reklutaġġ diskriminatorju b'mod dirett jew indirett. Ladarba l-immigrant jiġi impjegat, itturment jew l-ostakli disrkiminatorji għall-promozzjoni jkunu jistgħu jiġu ttrattati.

Il-mekkaniżmi sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni għandhom jiġu kkumplementati b'miżuri ta' azzjoni pożittiva sabiex jitjiebu l-effetti għall-immigranti, pereżempju billi jiġu stabbiliti miri li jikkonċernaw ir-reklutaġġ ta' l-immigranti. F'terminu itwal, il-kultura organizzattiva ta' min iħaddem tista' tinbidel biex issir aktar addattata għad-diversità. Dan jinkludi kwistjonijiet ta' ġestjoni tad-diversità u t-trattatament ta' forza tax-xogħol diversa.

### Ir-reklutaġġ

L-ewwel pass hawnhekk huwa li jiġu stimolati l-applikazzjonijiet ta' l-immigranti. Uħud millpersuni li jimpjegaw jattiraw ftit applikazzjonijiet mill-immigranti għaliex dawn jitiqiesu bħala persuni li 'jimbuttawk' jew anke istituzzjonalment razzisti. L-attivitajiet ta' involviment





jista' jirnexxilhom jibdlu dawn il-perċezzjonijiet matul iż-żmien. F'diversi Stati Membri, il-pulizija, id-dipartimenti tat-tifi tan-nar u persuni oħra li jħaddmu fis-settur pubbliku jinvolvu ruħhom biex jilħqu lill-immigranti u lill-minoranzi etniċi. Madankollu, ir-rekwiżiti ta' l-eliġibilità għall-impjiegi fis-settur pubbliku ġieli jwaqqfu lill-immigranti milli japplikaw.

Il-gvernijiet għandhom jiflu bir-reqqa l-prattika tagħhom stess bħal min iħaddem u, fejn ikun possibbli, għandhom ineħħu l-ostakli bħalma huma r-rekwiżiti tan-nazzjonalità.

Ċerti impjiegi jistgħu jattiraw ftit applikazzjonijiet għaliex dawn ikunu f'qasam li l-immigranti ftit li xejn ikunu jafu dwaru, inkluż il-ġenituri immigranti li jistgħu jinfluwenzaw l-għażliet professjonali ta' uliedhom. L-NGO QED li hija bbażata fi Bradford (websajt: www.qed-uk.org) għalhekk fittxet li tgħolli l-profil tat-toroq ta' karrieri 'mhux tas-soltu' permezz ta' sensiela televiżiva maqsuma f'għaxar puntati li xxandru fuq Yorkshire TV. L-identifikazzjoni ta' eżempji mudelli ta' immigranti jew ta' konsulenti oħra f'varjetà ta' karrieri jista' jħeġġeġ ukoll lill-istudenti li jħallu l-iskola sabiex jikkunsidraw sensiela aktar wiesgħa ta' għażliet professjonali. Dan jista' jgħin biex tiġi ribattuta l-istratifikazzjoni etnika fis-suq tax-xogħol, fejn l-immigranti ħafna drabi jkunu kkonċentrati f'setturi bi ftit li xejn mobilità vertikali.

Il-proġett immexxi mill-EQUAL 'Il-Migranti jintegraw lill-Migranti' (*Migrants integrate Migrants*) (2002-2004, Ostwestfalen-Lippe fil-Ġermanja) bena netwerk ta' konsulenti immigranti nisa sabiex jipprovdu orjentament professjonali lit-tfajliet immigranti li jħallu l-iskola. Il-konsulenti inkludew nisa professjonisti stabbiliti sew kif ukoll studenti. Dawn taw pariri lil dawk li ħallew l-iskola u lit-tfajliet qiegħda u offrew ukoll li jitkellmu mal-membri tal-familja. Barra minn hekk, grupp ta' nisa professjonisti lokali offrew taħriġ jew forom oħra ta' appoġġ lil dawk li kellhom bżonn l-għajnuna. Il-proġett organizza *workshops* ta' taħriġ għall-konsulenti voluntiera, li inkluda aspetti psikoloġiċi kif ukoll legali u amministrattivi. Il-konsulenti rċevew ukoll ċertifikat.

Fi Franza, is-sistema ta' *mentoring*, tintuża biex tiftaħ firxa ikbar ta' prospetti professjonali għaż-żgħażagħ migranti. Persuni Franċiżi li jkunu rtirati jagħmluha ta' konsulenti (jew 'parrains') għall-migranti żgħażagħ li jiġu identifikati permezz ta' 'missions locales' (punti ta' aċċess għall-impjieg u s-servizzi soċjali). Waqt li l-konsulenti jkunu voluntiera, dawn jingħataw it-taħriġ mill-istat. 18,000 żagħżugħ bħalissa jinstabu f'sitwazzjoni ta' *mentoring*, bl-għan ġenerali jkun ta' 20,000.

Is-servizzi pubbliċi għall-impjiegi jistgħu wkoll jagħmlu sforzi speċifiċi biex jipprovdu gwida aħjar lill-klijenti immigranti. Pereżempju, fl-Italja l-proġett 'Is-Servizzi ta' Impjiegi għall-Immigranti', iffinanzjat mill-Ministeru għax-Xogħol u l-Politika Soċjali u implimentat minn Ernst and Young, ipprovda taħriġ lill-impjegati taċ-ċentru għall-impjiegi f'ħames lokalitajiet. Biex tittejjeb il-kollaborazzjoni ma' l-immigranti li qed ifittxu impjieg, ġew stabbiliti punti ta' informazzjoni kompjuterizzati f'postijiet pubbliċi bħalma huma l-istazzjonijiet tal-ferrovija.

Ladarba l-immigrant iressaq l-applikazzjoni, hu jew hi jista' jew tista' tispiċċa vittma ta' diskriminazzjoni fil-proċess tar-reklutaġġ. Minħabba evidenza ta' diskriminazzjoni diretta sinifikanti (li nkisbet pereżempju minn stħarriġ tas-sitwazzjoni) ċerti Stati Membri qed jikkunsidraw li jinkludu l-anonimità fil-proċess tar-reklutaġġ sal-fażi tal-pre-selezzjoni.



Il-proċessi tar-reklutaġġ jistgħu jkunu wkoll diskriminatorji b'mod indirett. Pereżempju, id-Dipartiment Nazzjonali Olandiż għal Kontra d-Diskriminazzjoni Razzjali u l-Istitut Olandiż tal-Psikologi analizzaw il-metodi ta' ttestjar psikoloġiku li jintużaw komunement mill-kumpaniji Olandiżi waqt ir-reklutaġġ. Waqt li dawn it-testijiet huma mfassla biex ikunu oġġettivi, dawn jistgħu jiżvantaġġaw lill-minoranzi etniċi billi jużaw lingwa astratta u komplessa fl-istruzzjonijiet, jew billi jużaw espressjonijiet u proverbji lokali. L-analiżi tisħaq li l-lingwa m'għandhiex tkun fattur rilevanti jekk din ma tkunx b'mod espliċitu s-suġġett tal-prova. L-istruzzjonijiet għandhom jiġu espressi b'mod ċar jew jinqraw b'vuċi għolja sabiex jiġu żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet indaqs.

Jistgħu jintużaw miżuri ta' azzjoni pożittiva ta' tipi differenti sabiex jippromwovu b'mod attiv id-diversità fil-forza tax-xogħol. Dawn jistgħu jkunu volontarji jew statutarji.

Il-miri jistgħu jiġu stabbiliti minn organizzazzjonijiet individwali jew mill-gvern b'mod sħiħ. Pereżempju, id-Danimarka ddikjarat, fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Impjiegi tagħha ta' l-2004, li qed tipprova żżid is-sehem ta' l-impjegati tas-settur pubbliku bi sfond ta' migrazzjoni għal 3.5%. F'diversi pajjiżi, l-aġenziji tas-settur pubbliku huma obbligati li jimplimentaw miżuri ta' azzjoni pożittiva. Fis-settur privat, ir-rabtiet volontarji huma aktar mifruxa.

Fin-Norveġja, l-aġenziji kollha tal-gvern issa huma mitluba li jintervistaw mill-inqas applikant wieħed bi sfond ta' migrazzjoni meta jkunu qed jagħmlu l-ħatriet il-ġodda, kemm-il darba l-applikant ikkonċernat ikun ikkwalifikat. Il-miżura hija parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern biex Jiġu Miġġielda r-Razziżmu u d-Diskriminazzjoni Etnika, u fil-bidu din ġiet introdotta bħala skema bi prova.

Bejn l-1 ta' Ġunju 2004 sa l-1 ta' Ġunju 2005 ġew intervistati 1,600 persuna bi sfond mhux mill-Punent u 430 (28%) ġew impjegati.

Fi Franza, aktar minn 300 kumpanija ffirmaw ix-'Charte de la Diversité dans l'entreprise', li ġiet imnedija fl-2004. Il-firmatarji ntrabtu li jagħmlu n-non-diskriminazzjoni u d-diversità bħala l-għan strateġiku tagħhom. L-ewwel li ffirmaw kienu 40 kumpanija kbira, li kienu wkoll attivi biex ixerrdu aktar din l-inizjattiva. Bħalissa qed isiru sforzi sabiex jinkiseb l-impenn ta' l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

### L-anti-diskriminazzjoni u d-diversità fuq il-post tax-xogħol

Il-post tax-xogħol jista' jkun is-sit ta' azzjonijiet diskriminatorji bħat-turment. Dawn huma pprojbiti permezz tal-liġi ta' kontra d-diskriminazzjoni, li hija nfurzata permezz ta' taħlita ta' proċedimenti ġudizzjali – skond it-tip ta' liġi, ċivili, kriminali, tax-xogħol u/jew ta' l-amministrattiv – u ta' proċedimenti mhux ġudizzjali li għandhom it-tendenza li jkunu iktar faċilment aċċessibbli. L-immigranti u r-refuġjati jistgħu jużaw dawn il-mekkaniżmi b'mod aktar effettiv meta jkollhom informazzjoni tajba dwarhom, u dawn qed jiġu appoġġjati sabiex iressqu l-ilmenti tagħhom jew biex jesprimu ruħhom dwar id-diskriminazzjoni.

It-*trade unions* huma wieħed mill-fornituri ta' informazzjoni ewlenin dwar id-drittijiet tal-ħaddiema inkluż id-drittijiet ta' l-immigranti u tar-refuġjati. Ħafna drabi dawn ikunu l-ewwel





punt ta' kuntatt f'każijiet ta' turment jew ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Dawn jagħtu wkoll taħriġ dwar kwistjonijiet ta' anti-diskriminazzjoni u jindirizzaw il-preġudizzji u l-isterjotipi li jista' jkollhom dawk li jħaddmuhom jew il-kollegi mhux immigranti tagħhom. Pereżempju, is-Soċjetà tat-*Trade Unions* Irlandiżi qed tqajjem kuxjenza dwar id-diversità fost il-ħaddiema fl-industrija tar-ristorazzjoni, li rat influss kbir ta' ħaddiema barranin. Għal dawn l-attivitajiet, it-*trade unions* jistgħu jiffurmaw sħubiji ma' l-assoċjazzjonijiet ta' l-immigranti jew jagħmlu kapital mir-rwol attiv ta' l-immigranti bħala membri.

Min iħaddem jista' jagħmel il-postijiet tax-xogħol aktar miftuħa għad-diversità billi jintroduċi modifikazzjonijiet kulturali fil-ħajja ta' kuljum fuq il-post tax-xogħol. Pereżempju, li l-ħaddiema jkunu jistgħu jiċċelebraw btajjel reliġjużi għajr dawk Insara, li jiġu rikonoxxuti r-restrizzjonijiet reliġjużi dwar l-ikel fil-kantin ta' kumpanija, jew li dawn jitħallew jilbsu ċertu lbies bħalma huwa l-velu tan-nisa.

Idealment, dawn il-miżuri jiġu introdotti f'konsultazzjoni mal-ħaddiema immigranti u mhux immigranti kif ukoll mar-rappreżentanti tat-*trade unions*. Dawn jistgħu jiġu formalizzati f'kodiċi ta' kondotta jew fi ftehimiet konġunti.

Electrolux, il-manifattur Taljan ta' tagħmir domestiku, fl-1998 stabbilixxa il-'Kunsill ta' l-Integrazzjoni', l-ewwel wieħed ta' l-għamla tiegħu fl-Italja. Dan huwa kumitat konġunt b'rappreżentazzjoni ndaqs ta' rappreżentanti tal-kumpanija u tat-*trade union*, u li jista' jesprimi opinjonijiet li jorbtu.

Fl-1999, Electrolux adottat 'Ftehim Kollettiv dwar l-Integrazzjoni' fuq il-bażi ta' riżoluzzjoni mill-Kunsill ta' l-Integrazzjoni. Bħala waħda minn diversi miżuri, il-Ftehim jagħti lill-ħaddiema migranti flessibilità dwar il-btajjel, li permezz tagħha dawn ikunu jistgħu jagħmlu użu middrittijiet tal-btajjel, minn kontijiet ta' 'ffrankar tal-ħin' u minn lif bla ħlas sabiex iqattgħu perjodi estiżi sa 50 ġurnata mal-familji tagħhom fil-pajjiżi ta' l-oriġini. Minħabba f'hekk din naqqset l-assenza mhux awtorizzata.

**Il-ġestjoni tad-diversità**

Strateġiji politiċi komprensivi dwar il-ġestjoni tad-diversità jinkludu inizjattivi ta' azzjoni pożittiva dwar ir-reklutaġġ u l-promozzjoni kif ukoll adattamenti kulturali fuq il-post tax-xogħol u element qawwi ta' anti-diskriminazzjoni.

Dawn jagħmlu d-diversità problema marbuta man-negozju u huma bbażati fuq viżjoni ċara tal-benefiċċji li forza tax-xogħol varjata tista' tagħti lill-kumpanija.

Stħarriġ li sar fl-2005 mill-Kummissjoni Ewropea (*The Business Case for Diversity: Good Practices in the Workplace* – Il-Każ tan-Negozju għad-Diversità: Il-Prattika Tajba fuq il-Post tax-Xogħol*) jiżvela li min iħaddem jidentifika numru ta' benefiċċji tanġibbli, inkluż is-soluzzjoni tan-nuqqas fix-xogħol u fir-reklutaġġ* kif ukoll iż-żamma ta' impjegati ta' kwalità għolja. *Il-kapaċità* li tissaħħaħ ir-reputazzjoni ta' kumpanija u l-pożizzjoni tagħha fil-komunitajiet lokali huwa wkoll kontribut importanti ieħor, kif inhi wkoll l-opportunità sabiex jiġu żviluppati prodotti u servizzi ġodda jew sabiex din tidħol fi swieq ġodda.



Kif tista' tiġi mmonitorjata l-politika tad-diversità? Ċerti kumpaniji introduċew sistemi komprensivi ta' monitoraġġ li jinkludu l-identifikazzjoni tal-forza tax-xogħol skond l-etniċità, innazzjonalitajiet, ir-reliġjonijiet, il-lingwi mitkellma, is-sess u t-taħlita ta' l-etajiet biex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni ta' oqsma partikolari li għandhom nuqqas ta' rappreżentanza. Uħud jistabbilixxu wkoll *database* tal-ħiliet ta' l-impjegati biex janalizzaw il-mobilità u l-progress ta' l-impjegati. Jistgħu jsiru reviżjonijiet ta' ħlas indaqs, u l-kwistjonijiet tad-diversità jistgħu jiġu inklużi fir-reviżjonijiet normali kollha tan-negozju.

Dawn is-sistemi aktar vasti ta' ġestjoni tar-rendiment jistgħu jintużaw biss f'kumpaniji kbar, ħafna drabi f'dawk multinazzjonali. L-għanijiet għall-politika ta' diversità jistgħu jiġu stabbiliti wkoll b'mod inqas komprensiv. Huwa importanti li jiġu żviluppati għodod ta' diversità għal kumpaniji iżgħar, li ħafna drabi ma jkollhomx riżorsi umani ddedikati jew speċjalisti dwar l-ugwaljanza. Jista' jingħata appoġġ lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) biex dawn jiġu megħjuna fl-impjieg ta' (pereżempju) aktar nisa immigranti. Dan ikun jinvolvi r-reviżjoni ta' l-istrateġiji politiċi tagħhom tar-reklutaġġ kif ukoll ta' prattika oħra dwar ir-riżorsi umani.

L-organizzazzjoni Fjamminga tal-persuni li jħaddmu li huma sidien ta' l-SMEs, UNIZO, stabbiliet 'Punt ta' Servizz dwar id-Diversità' li jforni servizzi magħmulin apposta rigward ittrawwim ta' kuxjenza dwar u l-appoġġ għall-ġestjoni tad-diversità fl-SMEs. Din qed taħdem ukoll fuq metodoloġija xierqa għat-tagħlim tal-lingwa (l-Olandiż) fuq il-post tax-xogħol f'organizzazzjonijiet żgħar. Il-proġett huwa parti minn programm ikbar tal-gvern Fjamming dwar il-parteċipazzjoni ndaqs fis-suq tax-xogħol u d-diversità, li stabbilixxa għanijiet ambizzjużi li jridu jintlaħqu fl-2010.

Fl-Olanda, in-Netwerk Nazzjonali għall-Ġestjoni tad-Diversità (Div) stabbilixxa netwerk ta' Ambaxxaturi tad-Diversità b'finanzjament mill-Ministeru tal-Ġustizzja. L-Ambaxxaturi tad-Diversità nfushom huma persuni li jħaddmu li huma sidien ta' l-SMEs, u dawn intrabtu li jistabbilixxu programm dwar id-diversità fi ħdan il-kumpaniji tagħhom stess. Dawn ukoll javviċinaw, jistimolaw u jappoġġjaw lil SMEs oħra biex idaħħlu d-diversità fl-intrapriżi tagħhom, u jmexxu l-prattika tajba dwar id-diversità fis-settur tagħhom stess.

Websajt: www.div-management.nl (bl-Olandiż)

## 3.4. Intraprenditorija ta' l-immigranti

L-intraprenditorija ta' l-immigranti hija 'triq' oħra għall-integrazzjoni, bl-isfidi u bl-opportunitajiet tagħha għall-inklużjoni, partikolarment għall-migranti residenti għal perjodu itwal.

In-negozji ta' l-immigranti u tal-minoranzi etniċi qed jiġu meqjusa dejjem iżjed bħala parti importanti mill-kultura intraprenditorjali ta' l-Ewropa. B'mod partikolari, dawn qed jagħtu kontribut importanti għall-ħolqien ta' l-impjiegi.

### Nappoġġjaw lill-intraprendituri immigranti

L-awtoritajiet tal-gvern, l-NGOs ta' l-immigranti u oħrajn, il-Kmamar tal-Kummerċ, l-assoċjazzjonijiet professjonali u organizzazzjonijiet oħra jistgħu jgħinu lill-intraprendituri





immigranti (potenzjali) sabiex janalizzaw u jiżviluppaw idea ta' negozju, sabiex jiktbu pjan ta' negozju u sabiex ifittxu finanzjament mill-banek u mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn jistgħu joffru *workshops* u korsijiet pereżempju fil-kontabbiltà, fil-*marketing* jew fil-liġi tan-negozju. Jista' jingħata wkoll appoġġ sabiex jinkisbu l-brevetti, il-liċenzji jew l-għodod tax-xogħol.

L-Assoċjazzjoni Żvediża ta' l-Intraprendituri tal-Minoranzi Etniċi (IFS) ilha teżisti sa mill-1996 u għandha 32 konsulent etniku tan-negozju li jittrattaw mill-inqas 4000 każ fis-sena. Il-klijenti jiġu minn firxa wiesgħa ta' sfondi etniċi. Ħafna drabi dawn ikunu immigranti qiegħda li jkunu ilhom fl-Iżvezja għal perjodu relattivament qasir.

Is-servizzi ta' appoġġ offruti mill-IFS jinkludu konsultazzjonijiet fi 23 lingwa, informazzjoni dwar is-sistema fiskali Żvediża, għajnuna fil-formulazzjoni ta' pjan u ta' baġit ta' negozju, riċerka dwar is-swieq, kuntatti ma' istituzzjonijiet finanzjarji u ma' awtoritajiet pubbliċi (għall-permessi jew għar-reġistrazzjonijiet), aċċess għan-netwerks u d-*databases* rilevanti, korsijiet fil-ġestjoni tan-negozju, u t-traduzzjoni tad-dokumenti. L-organizzazzjoni nediet ukoll premju annwali għall-'intraprenditur etniku tas-sena'.

Websajt: www.ifs.a.se/eng_start.php

L-aċċess għas-servizzi bankarji u ta' kreditu ħafna drabi jkun ostaklu ewlieni għall-intraprendituri immigranti, peress li dawn jista' jkollhom diffikultajiet sabiex jiżguraw id-dħul tal-bidu u sabiex juru li kapaċi jroddu s-self lura lill-banek. Barra minn hekk, l-inizjattivi tan-negozju tagħhom għandhom it-tendenza li jkunu żgħar, li jagħmilhom inqas attraenti għall-banek *mainstream*. F'diversi Stati Membri, l-inizjattivi ta' inklużjoni finanzjarja jfittxu li jippromwovu l-aċċess għas-servizzi finanzjarji għall-immigranti b'impjieg indipendenti. Ċerti banek żviluppaw ukoll prodotti magħmulin apposta għall-klijenti immigranti.

Fl-Italja, il-BCC (Banche di Credito Cooperativo), netwerk ta' banek ta' kreditu għall-kooperattivi u agrikoli), joffru servizz lil 145,000 negozju mmexxija mill-immigranti. Il-BCC hija istituzzjoni ta' kreditu bi preżenza b'saħħitha fil-qasam, u bi 3500 fergħa fl-Italja kollha. L-intraprendituri immigranti jagħtu importanza lis-servizz u l-parir personali li jingħata mill-impjegati tal-fergħa, pereżempju dwar l-allokazzjoni tal-kreditu.

Il-BCC Trevigniano, flimkien mal-muniċipalità ta' Castelfranco Veneto, imexxi inizjattiva ta' mikro-kreditu li tista' tkun utli għall-migranti individwali li jkunu qed ifittxu li jiftħu negozju. Hemm 1,000,000 euro disponibbli għas-self, b'limitu ta' 6000 euro u dan jiġi allokat mingħajr garanzija u b'rata baxxa ta' interessi ta' 2%.

Għandhom jiġu żviluppati servizzi ta' konsulenza mmirati għall-intraprendituri immigranti. Il-banek jiġu mħeġġa sabiex jagħtu aċċess indaqs għall-kapital tal-bidu u għall-faċilitajiet oħra ta' negozju kif ukoll sabiex jibnu relazzjonijiet ma' intraprendituri immigranti.

### Id-diversità tal-fornitur

In-negozji mmexxija mill-minoranzi etniċi u mill-immigranti ħafna drabi joperaw f'niċċa tas-suq etniku. Maż-żmien, hekk kif dawn in-negozji jsiru aktar b'saħħithom, dawn ikunu jistgħu



jsiru fornituri ta' kumpaniji *mainstream* akbar kif ukoll tal-gvernijiet. Bħala fornituri, l-intraprendituri immigranti ħafna drabi jikkontribwixxu ideat dwar prodotti ġodda, flessibilità u għarfien reali dwar gruppi ta' klijenti f'suq li qed isir dejjem aktar varjat.

Il-kumpaniji l-kbar jistgħu jagħmlu arranġamenti man-negozji ta' minoranza etnika bħala parti minn programm ta' responsabbiltà korporattiva. Il-gvernijiet (bħax-xerrejja ta' prodotti u servizzi) jistgħu wkoll jippromwovu l-aċċess għan-netwerks tal-fornituri għall-intraprendituri immigranti billi:

- jinkludu n-negozji mmexxija mill-immigranti fl-elenki tal-fornituri tagħhom
- jistabbilixxu miri volontarji għall-kuntratti ma' intraprendituri immigranti, u/jew
- jissottokuntrattaw dawk il-kumpaniji privati li huma stess jagħmlu kuntratti man-negozji ta' l-immigranti.

L-intraprendituri immigranti għandu jkollhom rwol konsultattiv fl-iżvilupp ta' politika tali ta' appoġġ. Pereżempju fir-Renju Unit, il-Forum Konsultattiv għan-Negozji tal-Minoranzi jaġixxi bħala korp konsultattiv indipendenti għad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industrija (DTI).

In-negozji mmexxija mill-immigranti għandhom jiġu inklużi fl-elenki tal-fornituri. B'dan il-mod l-elenki tal-fornituri jsiru diversi daqs kemm tkun diversa l-popolazzjoni.

Fuq livell Ewropew, l-intraprenditorija etnika tiġi indirizzata f'diversi kuntesti. Pereżempju, id-Direttorat-Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Intrapriżi u l-Industrija kkummissjona studju sabiex jiġu identifikati u eżaminati miżuri speċifiċi u skemi ta' appoġġ li jippromwovu lill-intraprendituri tal-minoranzi etniċi fl-UE 25, fl-Istati Membri ta' l-EFTA u fil-pajjiżi applikanti. L-istudju, parti minn pjan ta' azzjoni sabiex jistimola l-intraprenditorija, se jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istrateġiji politiċi kif ukoll jippreżenta ċertu numru ta' miżuri bħala 'prattika tajba'.

http://ec.europa.eu/enterprise/entrepreneurship/action_plan/ap_05.htm#project_leader.





## Kapitolu 3: Konklużjonijiet

1. Ir-regoli li jikkonċernaw id-dħul jistgħu jitqiesu bħala punti tat-tluq għall-integrazzjoni li jistabbilixxu b'mod kruċjali kundizzjonijiet importanti għall-proċess ta' integrazzjoni.

2. Il-qafas legali għad-dħul għandu jiġi eżaminat minħabba l-impatt tiegħu fuq l-integrazzjoni (soċjo-) ekonomika ta' l-immigranti, waqt li l-ostakli għall-integrazzjoni li hemm fir-regoli ta' l-immigrazzjoni għandhom jiġu indirizzati.

3. In-nies ġodda li jaslu, l-immigranti residenti fit-tul u l-migranti tal-'ġenerazzjoni li jmiss' ilkoll huma ffaċċjati bl-isfida li jistabbilixxu u li jżommu l-possibilità ta' l-impjieg tagħhom, u dawn għandhom ikollhom aċċess sħiħ għall-miżuri ta' appoġġ ġenerali u speċifiċi.

4. Sabiex jingħelbu d-diffikultajiet assoċjati mar-rikonoxximent formali tal-kwalifiki, min iħaddem, l-assoċjazzjonijiet professjonali u l-gvernijiet jistgħu jfittxu li jiżviluppaw metodi aktar flessibbli ta' kif il-kompetenzi jistgħu jiġu valutati u validati.

5. Metodi tajba ta' valutazzjoni jirnexxilhom jagħmlu viżibbli l-kompetenzi kollha ta' l-immigranti: okkupazzjonali, komunikattivi, soċjali, eċċ. Dawn jikkunsidraw il-valuri aktar milli l-iżbilanċi, u jiffokaw b'mod konkret fuq ir-rendiment (potenzjali) tal-persuna fuq il-post tax-xogħol.

6. L-involviment mill-bidu ta' min iħaddem fil-proċessi tal-valutazzjoni tal-ħiliet jista' jżid il-probabilità ta' aktar impjiegi li jissoktaw mill-fażi tal-valutazzjoni u l-akkreditament.

7. Id-deskrizzjonijiet ta' l-impjiegi f'ċerti professjonijiet jistgħu jiġu mmodifikati biex jinkludu 'l-kompetenza interkulturali' bħala waħda mill-kwalifiki mitluba mill-kandidati. Dan jinvolvi li tingħata forma oħra lill-profili tal-ħiliet u f'terminu itwal jista' jkollu wkoll impatt fuq il-kwalifiki formali.

8. Id-dispożizzjonijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni jikkonċernaw il-fażijiet kollha ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol. F'termini ta' aċċess, il-punt fokali huwa fuq il-prattika ta' reklutaġġ diskriminatorju b'mod dirett jew indirett. Ladarba l-immigrant jiġi impjegat, it-turment jew l-ostakli disrkiminatorji għall-promozzjoni jkunu jistgħu jiġu ttrattati.

9. Il-gvernijiet għandhom jiflu bir-reqqa l-prattika tagħhom stess bħal min iħaddem u, fejn ikun possibbli, għandhom ineħħu l-ostakli bħalma huma r-rekwiżiti tan-nazzjonalità.

10. Jistgħu jintużaw miżuri ta' azzjoni pożittiva ta' tipi differenti sabiex jippromwovu b'mod attiv id-diversità fil-forza tax-xogħol. Dawn jistgħu jkunu volontarji jew statutarji.

11. Strateġiji politiċi komprensivi dwar il-ġestjoni tad-diversità jinkludu inizjattivi ta' azzjoni pożittiva dwar ir-reklutaġġ u l-promozzjoni kif ukoll adattamenti kulturali fuq il-post tax-xogħol u element qawwi ta' anti-diskriminazzjoni.

12. In-negozji ta' l-immigranti u tal-minoranzi etniċi qed jiġu meqjusa dejjem iżjed bħala parti importanti mill-kultura intraprenditorjali ta' l-Ewropa. B'mod partikolari, dawn qed jagħtu kontribut importanti għall-ħolqien ta' l-impjiegi.



13. Għandhom jiġu żviluppati servizzi ta' konsulenza mmirati għall-intraprendituri immigranti. Il-banek jiġu mħeġġa sabiex jagħtu aċċess indaqs għall-kapital tal-bidu u għall-faċilitajiet oħra ta' negozju kif ukoll sabiex jibnu relazzjonijiet ma' intraprendituri immigranti.

14. In-negozji mmexxija mill-immigranti għandhom jiġu inklużi fl-elenki tal-fornituri. B'dan il-mod l-elenki tal-fornituri jsiru diversi daqs kemm tkun diversa l-popolazzjoni.





# Kapitolu 4

# It-tmexxija ta’ l-integrazzjoni





**Dan il-kapitolu jittratta kwistjonijiet ta' tmexxija u b'mod partikolari l-istrutturi, il-mekkaniżmi, il-proċessi u l-forom ta' kollaborazzjoni li jiffurmaw il-qafas għall-politika u l-prattika ta' integrazzjoni. It-twettiq ta' dan il-qafas isaħħaħ il-kapaċità tal-partijiet interessati sabiex jieħdu azzjoni. Il-kapitolu juri kif l-atturi differenti involuti fl-integrazzjoni ta' l-immigranti jistgħu flimkien jiddefinixxu relazzjonijiet li jisfruttaw il-forzi u l-valuri ta' kull parti interessata. Il-kapitolu l-ewwel jiddeskrivi metodi ta' kif jiġu kkoordinati l-attivitajiet ta' integrazzjoni fuq livell lokali. Imbagħad dan jittratta l-valutazzjoni bħala aspett ewlieni ta' politika tajba u ta' tfassil ta' programmi. Fl-aħħarnett, dan jindirizza l-ġestjoni tar-riżorsi u jikkunsidra r-rwoli ta' diversi atturi pubbliċi u privati sabiex jiġu ffinanzjati l-istrateġiji politiċi u l-prattika ta' integrazzjoni.**

L-eżempji u t-tagħlim miksub li qed jiġu ppreżentati f'dan il-kapitolu huma relatati mill-qrib ma' l-esplorazzjoni tal-*mainstreaming* (ara l-Kapitolu 1). Dawn joffru perspettivi addizzjonali dwar uħud mill-kwistjonijiet li jitqajmu fil-kuntest tal-*mainstreaming*: x'inhu l-bilanċ eżatt bejn it-tmexxija u l-okkupanza, il-koordinazzjoni u l-flessibilità? Liema mudelli ta' finanzjament jirnexxilhom iwieġbu għall-ħtiġiet u għall-opportunitajiet reali? Kif wieħed jista' jitgħallem mill-esperjenzi pożittivi u negattivi u jaġġusta l-istrateġiji politiċi kif xieraq?

L-investiment fil-bini u fiż-żamma ta' l-istruttura tat-tmexxija ta' l-integrazzjoni huwa vallapena għall-isforz, peress li dan jgħin sabiex jiżviluppa viżjoni u strateġija ta' integrazzjoni, sabiex jiġġenera r-riżorsi, sabiex jimmobilizza lin-nies u lill-organizzazzjonijiet, sabiex joħloq sħubiji u jibni l-fiduċja, li lkoll huma kruċjali biex jinkisbu l-għanijiet ta' integrazzjoni fuq perjodu qasir u fuq perjodu itwal ta' żmien.

## 4.1 Strutturi ta' integrazzjoni lokali

Id-diversità bħala riżultat ta' l-immigrazzjoni saret karatteristika ta' ħafna komunitajiet lokali fl-Ewropa. Waqt li l-maġġoranza ta' l-immigranti u r-refuġjati jkomplu jissetiljaw fl-ibliet, il-muniċipalitajiet iżgħar u l-komunitajiet rurali ukoll qed jesperjenzaw dħul ġdid. F'ċerti każijiet, il-kompożizzjoni tal-popolazzjonijiet lokali tista' tinbidel pjuttost malajr, bil-proporzjon ta' residenti migranti jikber b'rata aktar mgħaġġla milli fil-każ tal-medja nazzjonali. L-awtoritajiet lokali u partijiet interessati oħra jirreaġixxu għal dawn il-bidliet billi jiżviluppaw strutturi ta' integrazzjoni. Idealment dawn ikunu jaqblu mal-politika u mal-proċessi amministrattivi ġenerali, u jkunu bbażati fuq għanijiet komuni. Netwerks b'saħħithom jistgħu jgħinu sabiex jinbena kunsens dwar l-integrazzjoni u sabiex it-twettiq tal-programmi jkun aktar effettiv.

### Il-qafas leġiżlattiv u tal-politika

L-istrateġiji politiċi lokali dwar l-integrazzjoni jiġu żviluppati fi ħdan il-qafas leġiżlattiv tad-dħul u r-residenza, li ġeneralment jiġi stabbilit fuq livell nazzjonali u Ewropew. Ir-rekwiżiti legali dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul, il-permessi għar-residenza u l-impjieg, it-trattament indaqs u l-aċċess għan-nazzjonalità huma partijiet rilevanti ta' dan il-qafas, kif inhuma wkoll l-istrumenti relatati mar-refuġjati u r-regoli dwar it-tkeċċija. Il-gvernijiet lokali huma responsabbli mill-implimentazzjoni ta' ċerti aspetti tal-liġijiet ta' l-immigrazzjoni kif ukoll minn kompiti oħra stabbiliti mil-livelli ogħla ta' gvern. Fl-istess ħin, dawn jista' jkollhom kompeten-



zi konsiderevoli f'oqsma li jkunu rilevanti għall-integrazzjoni u jaġixxu bħala fornituri tas-servizzi f'setturi importanti bħas-saħħa u l-akkomodazzjoni. Għalhekk, dawn ikunu qed jittrattaw il-konsegwenzi tal-migrazzjoni, kemm jekk regolari jew irregolari, kemm jekk imsejsa fuq l-ekonomija jew fuq il-familja, kemm jekk temporanja jew permanenti.

Il-komunikazzjoni u d-djalogu struttrat bejn il-livelli ta' tmexxija Ewropea, nazzjonali u lokali jagħmluha possibbli biex jiġi antiċipat u vvalutat l-impatt tal-miżuri li jittieħdu f'livell wieħed jew ieħor. Bl-istess mod, ir-riżultati tal-programmi ta' integrazzjoni f'livell wieħed jistgħu jaġġornaw strateġiji politiċi f'livelli oħra.

Ħafna gvernijiet lokali bdew il-proċess li jistabbilixxi l-integrazzjoni bħala kwistjoni *mainstream*. F'ċerti każijiet, is-sindki jew il-viċi-sindki għandhom rwol ewlieni u evidenti. Ħafna drabi, tiġi maħtura taqsima jew uffiċċju speċifiċi sabiex jippromwovu l-integrazzjoni bħala prijorità għall-amministrazzjoni sħiħa. Fiż-żewġ każijiet l-implimentazzjoni ta' strateġiji politiċi konkreti titħalla f'idejn id-dipartimenti individwali.

It-tmexxija b'saħħitha u evidenti tas-sindki u/jew ta' l-uffiċjali lokali eletti fi kwistjonijiet ta' integrazzjoni hija importanti għal metodu koerenti għall-integrazzjoni f'oqsma multipli ta' politika, u din tgħin sabiex jimtela l-vojt bejn il-gvern u r-residenti bi sfond ta' immigrazzjoni jew le.

### L-istrateġiji u l-għanijiet ta' l-integrazzjoni

Meta jiddeċiedu li jsiru aktar attivi fl-integrazzjoni, il-komunitajiet lokali jistgħu jiżviluppaw 'kunċett ta' integrazzjoni' jew strateġija. Ħafna drabi din tiġi żviluppata fi proċess parteċipattiv, li fih l-atturi ewlenin fil-komunità lokali jsibu tweġibiet għal domandi bħal: x'inhuma l-għanijiet ġenerali tagħna dwar l-integrazzjoni, u dawn kif huma relatati mal-ħtiġiet u mal-problemi ewlenin li jiġu identifikati fil-komunità tagħna? Nistgħu naqblu dwar id-dikjarazzjoni ta' l-aspirazzjonijiet? Liema prijoritajiet għandhom jiġu stabbiliti, liema għanijiet konkreti għandhom jiġu fformulati, u kif jistgħu jintlaħqu? Il-komunitajiet lokali jistgħu jiżviluppaw strateġiji ta' integrazzjoni b'mod individwali, jew inkella jirrikorru għall-ideat u għall-esperjenzi ta' l-oħrajn sabiex jidentifikaw prinċipji u għanijiet komuni.

Fil-belt Ġermaniża ta' Solingen, il-kunċett interkulturali 'Koeżistenza ta' Viżjoni 2010' (*Vision Coexistence 2010*) ġie żviluppat fi proċess parteċipattiv. Ir-rappreżentanti ta' l-istituzzjonijiet u ta' l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati ltaqgħu għal sentejn fi gruppi ta' ħidma. L-impjiegi, is-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-kwistjonijiet li jikkonċernaw iż-żgħażagħ/l-iskejjel ingħataw attenzjoni speċjali. Il-gruppi identifikaw il-problemi, ikkompilaw inventarju tal-proġetti u tas-servizzi eżistenti, u ddefinew il-miri. Bħalissa, l-amministrazzjoni qed taħdem biex tiżviluppa sistema ta' indikaturi li jgħinu fl-ippjanar.





Il-'Kontribut għal Tmexxija Tajba dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti u l-ilqugħ ta' dawk li jfittxu kenn' ġie adottat mill-membri ta' l-Ewrobliet, netwerk ta' 128 belt Ewropea kbira. Żviluppata minn u għall-ibliet, din il-karta fiha l-prinċipji ġenerali dwar kif għandha tiġi ttrattata l-integrazzjoni, kif ukoll kodiċi ta' mġiba speċifiku li jikkonċerna t-twettiq ta' servizzi ewlenin.

Eżempji ta' rabtiet speċifiċi huma:

- L-iżvilupp ta' u/jew l-investiment f'komunikazzjoni diretta u miftuħa mal-komunitajiet kollha bi sfond ta' immigrazzjoni, biex dawn jiġu involuti direttament fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji politiċi kollha li jaffettwaw iċ-ċansijiet tal-ħajja u l-ambjenti ta' l-għajxien tagħhom;
- L-investiment f'informazzjoni sħiħa u trasparenti għar-residenti kollha dwar ir-realtajiet ta' l-immigrazzjoni u dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-integrazzjoni effettiva;
- L-investiment fis-sensibilizzazzjoni ta' l-istituzzjonijiet edukattivi, tal-maniġment u ta' l-għalliema tagħhom biex ikattru d-diversità ta' l-istudenti tagħhom, billi jiġu fornuti l-kompetenzi meħtieġa f'dan ir-rigward;
- L-iżvilupp kemm jista' jkun possibbli ta' programmi ta' medjazzjoni fis-servizzi tas-saħħa u fis-servizzi soċjali, biex jiġu ffaċilitati l-komunikazzjoni u l-fehim bejn il-professjonisti u gruppi etniċi differenti; u
- Il-promozzjoni ta' l-aċċess għall-faċilitajiet kulturali tal-belt u l-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali għall-immigranti kollha.

Il-Kontribut għal Tmexxija Tajba jipprovdi l-bażi għal proċess ta' tagħlim sistematiku bejn l-ibliet. L-għan finali tad-dokument huwa li jinkoraġġixxi l-innovazzjoni permezz ta' monitoraġġ strutturat u ta' valutazzjoni ta' l-azzjonijiet.

Websajt: www.eurocities.org

L-istrateġiji politiċi lokali ta' integrazzjoni ikunu aktar effettivi meta dawn jibbażaw fuq l-appoġġ tal-komunità sħiħa. Aktar milli tkun indirizzata għall-migranti biss, dawn ikunu jirrigwardaw lir-residenti kollha kif ukoll lill-amministrazzjoni nfisha. Ħafna drabi, dawn ikunu jeħtieġu bidliet reali f'numru ta' dipartimenti u oqsma ta' azzjoni muniċipali. L-appoġġ politiku hu, għalhekk, essenzjali.

Il-mexxejja lokali jistgħu jżidu l-appoġġ għall-istrateġija komuni ta' integrazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi, billi jenfasizzaw il-kontribut ta' l-immigranti lill-komunità tal-belt u billi jonoraw l-impenn tal-voluntiera u r-rwol ta' l-assoċjazzjonijiet ta' l-immigranti. Idealment, l-impenn minn fuq jiġi msaħħaħ b'kunsens politiku u soċjali wiesa' li jikkonċerna l-importanza ta' l-integrazzjoni. Għalkemm mhux dejjem jista' jinkiseb ftehim sħiħ dwar l-għanijiet ta' integrazzjoni, ir-residenti, l-organizzazzjonijiet lokali, l-amministrazzjoni u l-partiti politiċi għandhom ifittxu li jilħqu ftehim minimu flimkien mar-rispett lejn l-opinjonijiet ta' l-oħrajn. Il-kooperazzjoni ta' żewġ partiti politiċi hija importanti ferm, peress li l-istrateġiji ta' integrazzjoni jinvolvu b'mod tipiku impenji baġitarji. Meta l-kunsilli muniċipali jgħoddu lill-immigranti fost il-membri tagħhom, il-profil ta' l-integrazzjoni normalment jiżdied.



Il-Pjan Lokali dwar l-Immigrazzjoni tal-belt ta' Barċellona ġie approvat bil-kunsens tal-partiti politiċi kollha u jenfasizza li l-integrazzjoni hija responsabbiltà konġunta. Dan huwa bbażat fuq l-idea tad-diversità bħala riżorsa. L-immigranti jitqiesu bħala li għandhom impatt pożittiv fuq l-istruttura ta' l-età u fuq il-kapital uman tal-belt. 2.6% ta' l-immigranti biss għandhom aktar minn 65 sena, meta mqabbel mal-21.9% tar-residenti ta' Barċellona. 27.3% għandhom edukazzjoni univeristarja, bin-nisa immigranti juru persentaġġi partikolarment għolja. Il-Pjan Lokali dwar l-Immigrazzjoni jpoġġi l-istrateġiji politiċi u l-programmi tiegħu f'dan il-kuntest ta' 'diversità bħala valur'. Dan jipprevedi adattamenti sinifikanti fis-servizzi pubbliċi, fl-akkomodazzjoni eċċ. bħala reazzjoni għall-ħtiġiet il-ġodda.

L-istrateġiji ta' integrazzjoni ħafna drabi jikkombinaw viżjoni ġenerali ma' għanijiet u ambiti aktar speċifiċi. Dawn jistgħu jsiru parti mill-valutazzjoni ġenerali u mill-prattika ta' monitoraġġ ta' l-amministrazzjoni. Bosta amministrazzjonijiet lokali jagħmlu rappurtaġġ b'mod formali lill-kunsill tal-belt, u l-integrazzjoni tkun tista' tingħata post prominenti f'dawn ir-rapporti. Id-dipartimenti jistgħu wkoll jagħmlu awto-valutazzjoni u jistabbilixxu skadenzi ta' żmien għall-kompiti konkreti. Id-data biex jiġu appoġġjati l-valutazzjonijiet tista' tinkiseb permezz ta' stħarriġ dwar l-attitudni, ta' rekords dwar l-użu tas-servizzi muniċipali, ta' statistika dwar l-iskejjel, ta' statistika dwar l-okkupanza ta' l-akkomodazzjoni li hija proprjetà tal-belt, ta' rapporti lokali dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità, ta' rekords dwar il-parteċipazzjoni soċjali u politika bħalma huma l-volontarjat u r-rati tas-sħubija, u ta' sorsi oħra.

### In-netwerks u l-konsultazzjoni

In-netwerks ta' integrazzjoni lokali jistgħu jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-migranti, il-fornituri tas-servizzi, l-amministrazzjonijiet muniċipali, l-istituzzjonijiet edukattivi, min iħaddem, l-organizzazzjonijiet reliġjużi u filantropiċi, u atturi oħrajn. Dawn jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' skambju ta' informazzjoni, għall-kooperazzjoni professjonali, jew sabiex ikun hemm użu aħjar tar-riżorsi li huma skarsi. Dawn jimmobilizzaw lill-organizzazzjonijiet u lin-nies, jibnu pontijiet u jistabbilixxu l-fiduċja.

Ħafna drabi, l-amministrazzjonijiet muniċipali jagħtu bidu għal u jmexxu netwerks ta' integrazzjoni lokali. Madankollu, in-netwerks jistgħu jinħolqu minn 'isfel għal fuq' minn partijiet interessati oħra, li jibbażaw fuq laqgħat u gruppi informali bħala l-prekursuri għal strutturi aktar formali. In-netwerks jistgħu jevolvu wkoll matul l-implimentazzjoni ta' proġetti. L-iżvilupp ta' kuntatti u sħubiji sar wieħed mill-prodotti ta' ħafna proġetti ta' integrazzjoni u dan jista' jħalli wirt dejjiemi ta' strutturi ta' netwerks. L-isfida hija li dawn in-netwerks jissoktaw jaħdmu fit-tul lilhinn mill-punt fokali tal-proġett.

Fl-Italja, il-proġett EQUAL 'Integra' wassal għall-formazzjoni ta' laqgħat lokali dwar l-integrazzjoni f'seba' muniċipalitajiet, li qed ikomplu lilhinn mill-proġett, u dawn ġew imitati minn muniċipalitajiet oħra. 'Integra' jipprovdi lir-refuġjati u lil dawk li jfittxu kemm taħriġ fil-lingwi, verifiki tal-ħiliet, orjentazzjoni għall-impjiegi, apprendistati u servizzi oħra biex ikun faċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol.

Il-proġett jinvolvi Laqgħa Tematika Nazzjonali u Laqgħat Lokali ta' Integrazzjoni li ġew organizzati f'seba' muniċipalitajiet parteċipanti. Il-Laqgħat Lokali ta' Integrazzjoni jiġu mmodera-





ti mill-awtorità lokali u jinkludu r-rappreżentanti ta' l-uffiċċji għall-impjiegi, l-aġenziji tat-taħriġ vokazzjonali, it-*trade unions*, dawk li jfittxu kenn u r-refuġjati, u msieħba lokali oħra. Lilhinn mill-attivitajiet tal-proġett infushom, l-identifikazzjoni tar-rappreżentanti fi ħdan kull istituzzjoni u l-istabbiliment tan-netwerks jitqiesu bħala riżultat pożittiv.

Websajt: http://www.formautonomie.it/schede/scheda_718.asp

Il-proġetti b'element qawwi ta' netwerking ħafna drabi jkunu inklużi f'inizjattivi nazzjonali li jiġu appoġġjati minn atturi b'saħħithom, bħall-konfederazzjonijiet tat-*trade unions* jew l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem. Dawn jistgħu jinvolvu wkoll l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-muniċipalitajiet jew strutturi reġjonali.

L-esperjenza tissuġġerixxi li netwerks b'suċċess ħafna drabi jkollhom struttura formalizzata li tiġi aċċettata mill-membri bħala leġittima. Idealment, l-istruttura tipprovdi għad-diviżjoni ċara tax-xogħol bi presidenza (li tista' ddur) u b'segretarjat. Il-gruppi ewlenin u l-gruppi ta' ħidma jistgħu jintużaw biex jipprovdu koerenza lil netwerks akbar, waqt li r-regoli ta' proċedura u l-mekkaniżmi li jirregolaw il-kunflitti jikkontribwixxu għas-sostenibilità ta' l-istruttura.

In-netwerks ta' integrazzjoni lokali idealment għandu jkollhom stat ċar fi ħdan l-istruttura politika u amministrattiva tal-komunità. Il-mandat tagħhom jista' jkun sabiex iqajmu kwistjonijiet ta' tħassib partikolari u li jagħmlu rakkomandazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi fit-teħid ta' deċiżjoni tar-rappreżentanti eletti.

Il-kunsill ta' integrazzjoni ta' Ballerup huwa wieħed mit-73 kunsill ta' integrazzjoni lokali fid-Danimarka. L-organizzazzjoni nazzjonali tagħhom hija l-Kunsill tal-Minoranzi Etniċi, li jagħti pariri lill-Ministru għar-Refuġjati, l-Immigrazzjoni u l-Affarijiet ta' l-Integrazzjoni. Il-kunsill ta' integrazzjoni ta' Ballerup jinkludi 10 membri li jirrappreżentaw lill-minoranzi etniċi, żewġ membri li jirrappreżentaw lill-kunsill lokali, żewġ membri li jirrappreżentaw lill-bordijiet tal-kura ta' matul il-jum u ta' l-iskola, u membru kull wieħed li jirrappreżenta lill-għaqdiet sportivi, lill-kunsill ta' l-anzjani u lill-kunsill taż-żgħażagħ. Tliet konsulenti bla dritt għall-vot u segretarju jikkompletaw il-kompożizzjoni tal-kunsill.

Il-kunsill ta' l-integrazzjoni jiltaqa' darba fix-xahar u jorganizza wkoll gruppi ta' ħidma *ad hoc* kif ukoll seminar ta' tmiem il-ġimgħa annwali. Dan jistieden kelliema esperti kif ukoll jibgħat lir-rappreżentanti tiegħu stess għand il-Kumitat ta' Kollegament Soċjali u għand il-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-belt li huma responsabbli għall-impjiegi u għas-suq tax-xogħol.

Il-kunsill ta' integrazzjoni jagħmel proposti dwar il-politika ta' integrazzjoni, jiddiskuti kwistjonijiet bħalma huwa t-tagħlim tal-lingwa-omm jew il-possibilità li jiġi stabbilit ċimiterju għall-Musulmani, u huwa involut f'servizzi ta' konsulenza minn voluntiera u ma' ċentru għall-minoranzi etniċi. Dan organizza wkoll konferenza dwar iż-żwiġijiet sfurzati jew irranġati.

L-esperjenza turi li l-eżistenza ta' kumitat konsultattiv mhemmx għalfejn tillimita l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti għal dan il-forum biss. Ħafna muniċipalitajiet jaħdmu wkoll biex jinvolvu persuni kkwalifikati bi sfond ta' immigrazzjoni f'bordijiet konsultattivi eżistenti






li huma ċċentrati dwar tema kif ukoll fi proċessi ta' ppjanar parteċipattiv. Il-konsultazzjoni tkun partikolarment utli meta din tmur lilhinn minn konverżazzjoni ta' żewġ direzzjonijiet bejn l-immigranti u l-amministrazzjoni tal-belt. It-trejdunjonisti lokali, il-kowċis ta' l-isports, il-koordinaturi taċ-ċentri kulturali u l-mexxejja tal-komunità jiġu involuti fil-proċess ta' integrazzjoni flimkien ma' kull resident (immigrant u mhux) tal-komunità. L-interazzjoni personali fin-netwerks u fi strutturi konsultattivi hija element importanti ta' integrazzjoni soċjali fuq livell lokali.

L-Għodda għall-Metodi Parteċipattivi (*Participatory Methods Toolkit*) żviluppata fil-Belġju mill-Fondazzjoni Re Baldwin u mill-Istitut Fjamming għall-Valutazzjoni tax-Xjenza u t-Teknoloġija (viWTA) hija għodda ta' ħidma li tiggwida lill-persuni responsabbli tul il-proċess ta' l-implimentazzjoni ta' metodi parteċipattivi. Bl-użu ta' dawn il-metodi, il-persuni responsabbli jistgħu jippromwovu l-involviment tal-'pubbliku' fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjoni, waqt li jitqies li l-'pubbliku' rilevanti jiddependi fuq it-tema li tkun qed tiġi indirizzata.

L-Għodda toffri ħarsa ġenerali ta' 40 metodu parteċipattiv differenti, b'deskrizzjonijiet dettaljati dwar 13-il teknika. Dawn ivarjaw minn ambjenti ta' djalogu fuq skala żgħira għal eżerċizzji konsultattivi li jinvolvu eluf ta' persuni kull darba. Ċerta teknika hija mmirata primarjament għaċ-ċittadini jew għall-partijiet interessati; oħrajn jirrikjedu *input* mill-esperti f'qasam partikolari. Eżempji ta' metodi huma L-Laqgħa tal-Belt tas-Seklu 21, Il-Ġuri taċ-Ċittadini, Il-Konferenza tal-Kunsens u l-*World Café*.

L-Għodda għall-Metodi Parteċipattivi: Il-Manwal tal-Persuna Responsabbli, Settembru 2005, li huwa disponibbli fuq www.kbs-frb.be or www.viWTA.be

Il-Prinċipju Bażiku Komuni Nru. 9 jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti fi proċessi demokratiċi u fil-formulazzjoni ta' strateġiji politiċi u ta' miżuri ta' integrazzjoni, b'mod partikolari fuq livell lokali, tappoġġja l-integrazzjoni tagħhom. Diversi forom ta' parteċipazzjoni demokratika ta' l-immigranti huma diskussi fil-Kapitolu 2 ta' l-ewwel edizzjoni tal-Ktejjeb dwar l-Integrazzjoni.

### Naqsmu l-esperjenzi lokali

L-iskambju ta' l-esperjenzi bejn il-komunitajiet lokali jista' jservi bħala ispirazzjoni għal proġetti jew metodi innovattivi. B'mod aktar strutturat, dawn l-iskambji orizzontali jistgħu jwasslu wkoll għal indikaturi jew għal metodi ta' valutazzjoni komuni. Il-komunitajiet lokali jistgħu jiżviluppaw standards ta' kwalità komuni dwar l-integrazzjoni. Metodu wieħed ta' kif jiġu identifikati l-kriterji għall-istrateġiji politiċi ta' integrazzjoni tajba, jew il-'fatturi ta' suċċess', huwa billi jsiru l-kompetizzjonijiet. Il-kompetizzjonijiet nazzjonali jew Ewropej jistgħu jintużaw bħala qafas sabiex jiġu miġbura u ppreżentati l-inizjattivi li jippromwovu l-integrazzjoni.





Il-kompetizzjoni 'L-integrazzjoni b'suċċess mhix koinċidenza: strateġiji ta' politika lokali dwar l-integrazzjoni', imnedija mill-Ministeru Ġermaniż għall-Intern u mill-Fondazzjoni Bertelsmann, kienet immexxija mid-domandi li ġejjin: 'X'inhi s-sitwazzjoni tal-komunitajiet lokali tagħna llum fir-rigward ta' l-integrazzjoni? Liema strateġiji ġew segwiti? U liema suċċessi kellhom dawn?'

Għalkemm il-proċess ta' l-applikazzjoni għall-kompetizzjoni, li kien maqsum f'żewġ fażijiet, kien jirrikjedi ammont sostanzjali ta' żmien u sforz, diversi komunitajiet iżgħar kienu rappreżentati fil-grupp ta' 23 finalista (minn 107 kontributuri). Il-ġurija, magħmula minn 11-il espert, żaret personalment 15-il komunità u fl-aħħarnett ippremjat lil erba' awtoritajiet lokali ta' daqsijiet differenti.

Fuq il-bażi tal-kompetizzjoni, ġew żviluppati u ppubblikati għaxar rakkomandazzjonijiet għal politika lokali ta' integrazzjoni b'suċċess, flimkien ma' dokumenti estensivi dwar l-esperjenzi tal-komunitajiet lokali. Id-dokument ta' 100 paġna ġie mqassam lill-awtoritajiet lokali fil-Ġermanja, u saret ukoll taqsira bl-Ingliż. Għalkemm il-komunitajiet lokali huma d-destinatarji ewlenin tad-dokument u tar-rakkomandazzjonijiet, il-kompetizzjoni ġiet immotivata wkoll bl-għan li tforni lill-gvern Federali b'għarfien dwar l-esperjenzi prattiċi tal-komunitajiet.

Websajt: www.bertelsmann-stiftung.de

L-iskambji Ewropej iseħħu fil-kuntest ta' strutturi federali, ta' gradi ta' ċentralizzazzjoni u ta' tqassim ta' kompetenzi differenti fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. Fl-istess ħin, kemm l-iskambji orizzontali kif ukoll ir-rabtiet ma' livelli oħra ta' gvern urew li kienu utli għall-isforzi ta' integrazzjoni ta' ħafna komunitajiet lokali. Diversi netwerks Ewropej qiesu l-integrazzjoni bħala interess ewlieni (ara aktar fil-Kapitolu 2).

## 4.2 Ippjanar u evalwazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni

It-tisrif ta' l-għanijiet ġenerali tal-politika fi programmi u proġetti konkreti ta' integrazzjoni jirrikjedi ppjanar bil-ħsieb, li d-definizzjoni tiegħu ta' għanijiet ċari hija parti integrali.

L-għanijiet iridu jkunu **SMART**:

**S**peċifiċi (***s**pecific*): L-għanijiet iridu jkunu preċiżi u konkreti biżżejjed sabiex ma jkunux miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti.

**Li jitkejlu** (***m**easurable*): l-għanjiet iridu jiddefinixxu stat futur mixtieq f'termini li jitkejlu, sabiex ikun possibbli li jiġi verifikat jekk l-għan intlaħaqx jew le. Dawn l-għanijiet ikunu jew kwantifikati jew imsejsa fuq kombinazzjoni ta' skali ta' deskrizzjonijiet u riżultati.

**Li jistgħu jitwettqu** (***a**cceptable*): Jekk l-għanijiet u l-livelli ta' mira jridu jinfluwenzaw l-imġiba, dawn iridu jiġu aċċettati, mifhuma u interpretati bl-istess mod minn dawk kollha li huma mistennija li se jkunu responsabbli biex jiksbuhom.



**R**ealistiċi (***r****ealistic*): l-għanijiet u l-livelli ta' mira għandhom ikunu ambizzjużi – li jiġi stabbilit għan li jirrifletti biss il-livell ta' suċċess preżenti mhuwiex utli – iżda dawn iridu jkunu wkoll realistiċi sabiex dawk responsabbli jarawhom bħala sinifikanti.

**Fil-ħin (*time-dependent*)**: l-għanijiet u l-livelli ta' mira jibqgħu vagi jekk ma jkunux relatati ma' data jew ma' perjodu ta' żmien fissi.

Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Linji ta' Gwida dwar il-Valutazzjoni ta' l-Impatt, SEC (2005) 791, Ġunju 2005

Matul l-implimentazzjoni tal-programmi ta' integrazzjoni, il-mexxejja u l-persuni responsabbli jistgħu f'xi fażi jistaqsu lilhom infushom id-domandi li ġejjin: kemm irnexxielna niksbu l-għanijiet li ġew iddefiniti fil-bidu? Fil-fatt aħna għamilna dak li stabbilejna li nagħmlu? Min ipparteċipa fil-programm u għaliex; min ma pparteċipax u għaliex? Għal min ħadem il-programm (jew ma ħadimx)? X'kienu l-fatturi kritiċi li ddeterminaw ir-riżultat? Kif ġew ġestiti r-riskji u l-opportunitajiet użati? Kien hemm differenzi bejn l-irġiel u n-nisa, iż-żgħażagħ u l-anzjani? Dawn il-gruppi rċevew attenzjoni speċjali? Il-valutazzjonijiet jistgħu jintużaw sabiex jiġu indirizzati uħud minn dawn id-domandi. Dawn jistgħu jgħinu fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-għanijiet u l-prijoritajiet, u dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi. Dawn jistgħu wkoll iżidu l-għarfien dwar il-ħtiġiet u l-problemi, jidentifikaw effetti mhux mixtieqa, u jispjegaw għaliex l-għanijiet iddikjarati ma ntlaħqux.

It-teknika tal-valutazzjoni tintuża komunement sabiex jiġu kkunsidrati proġetti individwali u s-suċċess tagħhom fit-twettiq ta' l-għanijiet stabbiliti. Madankollu, il-verifika għal implimentazzjoni effettiva biss ma tidentifikax problemi li jikkonċernaw id-direzzjoni strateġika ġenerali, peress li 'politika ħażina tista' tiġi implimentata tajjeb' daqs kemm 'politika tajba tista' tiġi implimentata ħażin'.

Għalhekk jista' jkun utli li l-politika stess issir is-suġġett ta' valutazzjonijiet. B'dan il-mod, il-preżunzjonijiet li jsaħħu l-programmi ta' finanzjament ikunu jistgħu jiġu mistħarrġa qabel ma jsir l-investiment f'riżorsi sinifikanti. Fl-istess waqt, l-esperjenza turi li uħud mill-parametri għall-politika ta' integrazzjoni jiġu stabbiliti minn realtajiet politiċi. F'dawn il-każijiet, huwa importanti li l-għanijiet politiċi marbuta ma' l-integrazzjoni jkunu espliċiti u li l-programmi jiġu bbażati fuq dikjarazzjoni ċara ta' l-iskop.

Uħud mill-komplessitajiet li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-miri għall-politika ta' integrazzjoni, u l-għażla ta' l-indikaturi sabiex jitkejjel il-progress, huma diskussi fil-Kapitolu 3 ta' l-ewwel edizzjoni tal-Ktejjeb dwar l-Integrazzjoni.

Il-valutazzjonijiet jikkunsidraw l-aktar l-adegwatezza u l-kwalità ta' l-istrateġiji politiċi ta' l-integrazzjoni nfushom, li għalihom jistgħu jiġu stabbiliti indikaturi ta' tmexxija tajba, aktar milli jippruvaw ikejlu l-'grad ta' integrazzjoni' ta' individwi jew ta' gruppi immigranti, li jibqa' ta' sfida.





Fi Franza, il-LOLF (Loi organique sur les lois de finances) huwa wieħed mill-elementi li jappoġġjaw l-orjentament tar-rendiment ta' l-amministrazzjoni pubblika. Dan jipprovdi għal sistema ta' informazzjoni dwar in-nefqa preċiża għal politika pubblika speċifika. Kull programm ikollu PAP (Projet annuel de performances) li jispeċifika l-attivitajiet ippjanati, l-ispiża tagħhom, l-għanijiet tal-programm kif ukoll ir-riżultati tal-passat u dawk proġettati skond indikaturi speċifiċi.

Il-PAP tal-programm ta' l-'ilqugħ u l-integrazzjoni tal-barranin' se jiġi ppreżentat lill-Parlament fl-2006. L-identifkazzjoni ta' l-indikaturi kienet diffiċli għaliex il-PAPs iqisu biss il-programmi speċifiċi li jkunu qed jiġu analizzati, waqt li ħafna fatturi għandhom rwol fil-formazzjoni tar-riżultati ta' l-integrazzjoni. Ġew magħżula żewġ indikaturi: (1) il-persentaġġ ta' firmatarji għall-kuntratt ta' l-ilqugħ u l-integrazzjoni li jsegwu t-taħriġ ċiviku, u (2) il-persentaġġ ta' benefiċjarji tas-servizzi pubbliċi ta' l-ilqugħ li ma jitkellmux bil-Franċiż li, fi tmiem it-taħriġ tagħhom, jirċievu ċertifikat ta' profiċjenza elementari fil-Franċiż.

Idealment, il-valutazzjoni timxi id f'id ma' l-ippjanar, jew għall-inqas tinforma dwar kwalunkwe bidla maġġuri fil-programmi li jkunu diġà fis-seħħ. Il-valutazzjonijiet ta' proġetti pilota jistgħu jintużaw ukoll biex jiffurmaw u jimmodifikaw il-programmi li huma għaddejjin.

Pereżempju, fin-Norveġja l-valutazzjoni ta' korsijiet pilota dwar l-integrazzjoni f'26 muniċipalità ntużat biex tiġi aġġustata l-politika qabel ma din tiġi estiża għal-livell nazzjonali.

Il-programm Żvizzeru għall-promozzjoni ta' l-integrazzjoni soċjali tal-barranin jipprovdi self annwali ta' madwar 9 miljun euro lil madwar 600 proġett finanzjat b'mod konġunt. Dan għandu fil-mira ħames oqsma ta' prijorità: (1) il-ħiliet fil-lingwa, (2) il-ftuħ ta' l-istituzzjonijiet, (3) il-proġetti lokali żgħar, (4) iċ-ċentri reġjonali ta' kompetenza, u (5) l-innovazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità.

Għall-valutazzjoni ta' l-ewwel fażi tal-programm (2001-2003), il-valutazzjonijiet parzjali tal-ħames oqsma ta' prijorità twettqu bħala passi lejn is-sinteżi finali u r-rapport fil-qosor. L-iskeda tar-rapporti ta' valutazzjoni parzjali u finali ġiet imfassla sabiex ir-riżultati interim ikunu diġà jistgħu jintużaw biex tiġi żviluppata l-fażi li jmiss tal-programm (2004-2007). Bl-istess mod, l-attivitajiet ta' valutazzjonijiet preżenti se jkollhom rwol importanti fid-definizzjoni tal-fażi li jmiss (mill-2008).

Websajt: www.eka-cfe.ch

**Il-metodi tal-valutazzjoni**

Il-valutazzjonijiet esterni u l-awto-valutazzjonijiet it-tnejn jintużaw fil-qasam ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti.

L-awto-valutazzjonijiet jistgħu jibnu l-kapaċità ta' l-amministrazzjonijiet u jippromwovu t-tagħlim organizzazzjonali u l-identifikazzjoni ta' l-aħjar prattika. Mill-banda l-oħra, il-valutazzjonijiet esterni jipprovdu opinjoni esterna u jistgħu jagħmlu valutazzjoni indipendenti u kredibbli dwar l-impatt attwali ta' l-istrateġiji politiċi.



B'mod tipiku, il-valutazzjonijiet jinkludu numru ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika, li fid-dawl tal-profil pubbliku ta' integrazzjoni ta' l-immigranti, jistgħu jkunu politiċi ħafna. Dawn jista' jkollhom ukoll implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti. Fejn jintużaw il-valutazzjonijiet esterni, it-termini ta' referenza għandhom jiddefinixxu r-relazzjoni bejn il-korp li jikkummissjona u l-istimatur u għandhom jistabbilixxu b'mod ċar l-ambitu tal-kompitu disponibbli. Il-proċeduri kompetittivi ta' sejħa għall-offerti ħafna drabi jiffaċilitaw id-determinazzjoni ta' dawn ir-'regoli bażiċi' espliċiti.

Il-mezzi użati għandhom ikunu proporzjonati għall-għanijiet u għall-funzjoni prospettiva tal-valutazzjoni fil-proċess ġenerali tat-tfassil u ta' l-implimentazzjoni tal-politika. Il-metodoloġija u l-ġbir tad-data għandhom jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi.

Pereżempju, il-gruppi ta' kontroll huma mixtieqa mill-aspett xjentifiku, iżda huma ġeneralment diffiċli biex jiġu stabbiliti fil-kuntest ta' interventi ta' integrazzjoni. F'sitwazzjonijiet fejn il-popolazzjoni fil-mira tvarja, l-istimaturi għandhom jagħżlu monitoraġġ kontinwu aktar milli testijiet ta' qabel u ta' wara, li x'aktarx ibatu minn grad għoli ta' attrizzjoni.

Fi kwalunkwe valutazzjoni d-definizzjoni tal-gruppi fil-mira hija pass importanti. Fil-programm Żvizzeru għall-promozzjoni ta' l-integrazzjoni soċjali tal-barranin, saret distinzjoni utli bejn il-gruppi fil-mira diretti u 'l-utenti finali'. Pereżempju, programm ta' taħriġ interkulturali kellu fil-mira tiegħu lil 'atturi ewlenin' bħalma huma l-purtinara jew il-kowċis sportivi. Il-valutazzjoni żvelat li dawn l-atturi ewlenin ibbenefikaw mill-programmi ta' taħriġ iżda ma użawx l-għarfien tagħhom b'mod effettiv biżżejjed fl-interazzjonijiet tagħhom ma' l-'utenti finali', jiġifieri s-soċjetà b'mod aktar wiesa'. Analiżi tal-'passi li jmiss' għandha għalhekk tiġi inkluża f'valutazzjoni kompluta dwar l-impatt tal-programm.

Iż-żmien huwa aspett importanti fl-għażla tal-metodi ta' valutazzjoni. Pereżempju, il-valutazzjonijiet kwantitativi jistgħu jkunu importanti b'mod partikolari fil-fażijiet bikrija ta' l-implimentazzjoni, filwaqt li l-metodi kwalitattivi jistgħu jipprovdu informazzjoni utli dwar l-impatt ta' programmi li jitmexxew fuq perjodu ta' żmien itwal.

Il-ġbir kontinwu tad-data fil-qafas ta' sistemi ta' ġestjoni tar-rendiment qed isir dejjem aktar parti minn programmi pubbliċi u privati fil-qasam ta' l-integrazzjoni. Ħafna drabi, il-monitoraġġ tar-rendiment hija attività 'intrinsika' tal-proġett, li tkun meħtieġa mill-entità ta' sorveljanza jew ta' finanzjament. Dawn il-proċessi ta' verifika regolari jistgħu jistimolaw il-proċess tat-tagħlim fi ħdan organizzazzjoni waqt li jistabbilixxu l-pedament għall-valutazzjonijiet (ħafna drabi esterni) tal-futur. Fil-fatt, il-valutazzjonijiet *ex-post* tal-programmi mingħajr mekkaniżmi ta' ġbir regolari ta' data x'aktarx ma jkunux jistgħu jiksbu standard xjentifiku, għaliex dawn ikunu jipprovdu 'daqqa t'għajn' aktar milli jħarsu lejn l-*outputs* u lejn l-impatti matul iż-żmien.

Fil-qosor, taħlita bbilanċjata sew ta' metodi kwantitativi u kwalitattivi, u ta' valutazzjonijiet interni u esterni, x'aktarx tikkontribwixxi għal fehim komprensiv. Fl-istess waqt, il-limitazzjonijiet se jibqgħu minħabba n-natura b'ħafna aspetti u komplessa ta' l-integrazzjoni.





Il-Prinċipju Bażiku Komuni Nru. 11 jafferma li 'l-iżvilupp ta' għanijiet ċari, indikaturi u mekkaniżmi ta' evalwazzjoni huwa meħtieġ sabiex tiġi aġġustata l-politika, jiġi evalwat il-progress fl-integrazzjoni u biex l-iskambju ta' informazzjoni jkun aktar effettiv'. B'mod aktar konkret, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni tissuġġerixxi li l-proċeduri tad-dħul, il-programmi ta' introduzzjoni (speċjalment il-programmi obbligatorji) u strateġiji politiċi oħra ta' integrazzjoni għandhom jiġu vvalutati u sorveljati permezz ta' valutazzjonijiet ta' l-impatt nazzjonali, ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati bħall-istħarriġ, ta' indikaturi kif ukoll ta' miżuri ta' monitoraġġ. Il-Kummissjoni ssejjaħ ukoll lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-għodod ta' valutazzjoni nazzjonali, u sabiex fejn ikun xieraq jiżviluppaw il-kriterji Ewropej għall-proċess ta' tagħlim kumparattiv.

Jistgħu jiġu żviluppati standards komuni fil-qasam tal-valutazzjoni? Jeżistu settijiet ta' standards internazzjonali, li bosta minnhom jirrigwardaw kwistjonijiet etiċi. B'mod tipiku dawn ma jkunux speċifiċi għat-tema ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti, iżda minkejja dan jistgħu jintużaw biex ifornu informazzjoni għall-valutazzjonijiet ippjanti f'dan il-qasam. Fuq livell ta' programmi ffinanzjati mill-UE, qed jiġu żviluppati standards komuni sabiex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-proġetti. L-UE tista' tgħin ukoll sabiex tgħolli l-profil tal-valutazzjoni bħala komponent ewlieni ta' amministrazzjoni tajba u ta' ppjanar.

## 4.3 Ġestjoni tar-riżorsi

Ir-riżorsi jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod wiesa' bħala 'assi', li jistgħu jiġu mmobilizzati minn tipi differenti ta' atturi. Struttura ta' tmexxija ta' integrazzjoni ta' suċċess timmassimizza l-impatt pożittiv tar-riżorsi billi tistabbilixxi rwoli definiti tajjeb għal kull attur u billi tipprovdi qafas li joffri appoġġ adegwat. Hija kwistjoni ta' tmexxija tajba li tfittex li twieġeb id-domanda: 'min jagħmel dak li qed jagħmel bl-aħjar mod, u x'għandek bżonn biex tagħmlu?'

Il-ġestjoni tajba tar-riżorsi tlaqqa' riżorsi ta' tipi differenti. Fi proġett ġestit tajjeb il-kapital finanzjarju jiġi mlaqqa' mar-riżorsi umani u ma' assi oħra li jressqu l-parteċipanti. Ix-xogħol volontarju huwa wkoll riżorsa importanti.

Programmi ta' integrazzjoni mfassla tajjeb ma jiddependux fuq tip wieħed ta' riżorsa bl-esklużjoni ta' l-oħrajn, iżda jużaw kombinazzjoni bbilanċjata biex jagħmlu l-aħjar mill-kontribut kollu tal-parteċipanti.

It-taqsima li ġejja tikkunsidra l-finanzjament fil-qasam ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti. Din teżamina r-rwol ta' l-Istat bħala entità ta' finanzjament għar-reġjuni, għall-muniċipalitajiet jew għas-settur tal-volontarjat u tikkunsidra l-kuntest Ewropew u l-finanzjament mill-UE. Imbagħad din tittratta l-fondazzjonijiet privati u kif dawn jiddefinixxu l-pożizzjoni tagħhom fil-qasam ta' l-integrazzjoni. B'mod ġenerali, l-appoġġ finanzjarju huwa l-aspett dominanti iżda dan jiġi tipikament inkluż f'forom oħra ta' appoġġ u influwenza.

### Il-finanzjament pubbliku

Il-finanzjament huwa dejjem espressjoni ta' prijoritajiet, u l-programmi ta' finanzjament fil-livelli kollha huma assoċjati ma' ċerta direzzjoni strateġika. Fil-kuntest nazzjonali, il-gvernijiet



ikollhom l-għan li jqassmu r-riżorsi skond il-ħtiġiet tal-gruppi fil-mira differenti u skond il-prijoritajiet politiċi u tas-soċjetà. Dawn il-prijoritajiet jistgħu jinbidlu. Pereżempju, f'diversi Stati Membri l-finanzjament kien immirat l-aktar lejn ir-refuġjati, li jitqiesu bħala grupp bi ħtiġiet 'mhux ambigwi', iżda issa qed jinkludi wkoll lill-migranti. Il-ħtiġiet tal-finanzjament jiġu affettwati wkoll bl-iżviluppi leġiżlattivi, bħal-liġijiet li jagħmlu l-parteċipazzjoni fi programmi ta' integrazzjoni bħala waħda obbligatorja. F'ħafna Stati Membri l-finanzjament federali jiġi mmirat lejn il-livelli sotto-nazzjonali tal-gvern, li ta' spiss jinvolvi ammonti sinifikanti. Is-sorsi ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali u Ewropew għandhom ikunu kumplementari għal xulxin. Meta jitqiesu b'mod kollettiv, ammonti konsiderevoli ta' flus qed ikunu disponibbli għall-promozzjoni ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti.

Fl-Estonja, is-sorsi ta' finanzjament li ġejjin ipprovdew ir-riżorsi għall-miżuri ta' integrazzjoni matul dawn l-aħħar snin:

- Il-baġit ta' l-Istat (ministeri differenti)
- Il-programmi ta' qabel is-sħubija fl-UE (inkluż il-Phare)
- Il-programmi ta' wara s-sħubija fl-UE
- Il-fondi strutturali ta' l-UE (ink. il-Fond Soċjali Ewropew)
- Strumenti finanzjarji oħra ta' l-UE (ink. is-Sitt Programm Qafas)
- Bilaterali (l-Iżvezja, il-Finlandja, id-Danimarka, in-Norveġja, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti, il-Kanada, l-Olanda, eċċ.)

Għalkemm ħafna mill-finanzjament bilaterali u mill-programmi ta' qabel is-sħubija ta' l-UE m'għadhomx aktar rilevanti, l-Estonja xorta għad għandha aktar finanzjament internazzjonali milli nazzjonali għall-integrazzjoni.

Flimkien ma' l-impatt monetarju immedjat, l-appoġġ internazzjonali influwenza wkoll il-prattika ta' finanzjament Estonjana b'mod aktar wiesa'. Pereżempju, il-proċeduri tal-Fondazzjoni għall-Integrazzjoni ta' Persuni Mhux Estonjani, li fl-2005 ħarġet 5.7 miljun euro, huma bbażati fuq il-proċeduri tal-programm Phare. Meta nħolqot il-Fondazzjoni (1998), ir-regoli ta' l-akkwist pubbliku Estonjani kienu vagi u limitati b'mod partikolari għas-settur tal-kostruzzjoni, waqt li l-proċeduri tal-Phare li jkopru l-offerti għal servizzi, l-offerti ta' provvista, skemi ta' għotja u boroż ta' studju individwali kienu qed jitqiesu bħala utli f'dan il-kuntest.

Fir-Repubblika Ċeka, is-sorsi ta' finanzjament ta' l-UE inkludew il-Phare, l-INTI, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati. Fl-2005 17-il proġett ġew ko-finanzjati mill-UE b'ammont totali ta' madwar 4.8 miljun euro. Peress li r-riżorsi disponibbli huma limitati, ħafna drabi tkun l-UE li tipprovdi finanzjament ta' bosta snin u ta' volum għoli, li joffri stabilità finanzjarja lill-NGOs li jwettqu programmi ta' integrazzjoni. L-organizzazzjonijiet jistgħu jmorru lilhinn mill-azzjonijiet immirati ta' perjodu qasir u jindirizzaw kwistjonijiet strutturali bħalma huma l-problemi tas-suq tax-xogħol. Il-programmi ta' l-UE bħall-EQUAL jistimolaw ukoll it-tagħlim transnazzjonali u jkunu minn ta' l-ewwel f'ħafna proġetti innovattivi.

L-NGOs u l-ministeri kellhom jadattaw ruħhom għall-proċeduri assoċjati mal-finanzjament ta' l-UE. Fil-bidu dawn issottovalutaw l-ammont ta' sforz u ħin li kien meħtieġ mill-impjegati għall-applikazzjonijiet u għar-rapporti, li jkun ferm ogħla għall-proġetti ffinanzjati mill-Istat. Barra minn hekk, id-dewmien fil-pagamenti ġiegħel lil diversi NGOs sabiex jissellfu mill-bank biex ikopru temporanjament l-ispejjeż tagħhom.





Il-Fond Spanjol għall-Integrazzjoni inħoloq fl-2005 bħala kontribut nazzjonali għall-politika ta' integrazzjoni li ġiet implimentata fuq livell reġjonali u lokali. Il-volum tiegħu kien ta' 120 miljun euro fl-ewwel sena, li tela' għal 182.4 miljun euro fl-2006. Dan jikkumpara mal-baġit għall-integrazzjoni fuq livell nazzjonali ta' madwar 7.5 miljun euro fis-sena fl-2000-2004.

Il-finanzjament jiġi ttrasferit kollu lill-Komunitajiet Awtonomi (il-gvernijiet reġjonali), bil-kundizzjoni li dawn jipprovdu 30% ta' finanzjament konġunt. Il-kriterji tat-tqassim jinkludu n-numru ta' ċittadini mhux ta' l-UE li huma rreġistrati mal-muniċipalitajiet bħala impjegati fis-Sistema tas-Sigurtà Soċjali jew bħala ħaddiema fl-agrikoltura. Hemm ukoll konċessjoni għal sitwazzjonijiet speċjali ta' influss, pereżempju fil-każ ta' l-Andalużija. 40% tal-flus ipprovduti mill-Fond għall-Integrazzjoni jridu jintefqu direttament mill-muniċipalitajiet u dawn jiġu mgħoddija lilhom mill-Komunitajiet Awtonomi.

L-attivitajiet ewlenin iffinanzjati huma t-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi ġenerali, it-taħriġ interkulturali għall-impjegati tas-servizz pubbliku u għall-professjonisti tas-servizzi ta' integrazzjoni, u l-iskambju ta' l-esperjenzi u tal-prattika tajba. 50% ta' l-ammont totali tal-Fond jiġi assenjat għall-edukazzjoni, li jinkludi programmi ta' lqugħ fl-iskejjel.

Il-Fond ifittex li jrawwem l-iżvilupp ta' strateġija ta' integrazzjoni nazzjonali koerenti billi jistimola l-politika ta' integrazzjoni reġjonali u lokali u billi jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-livelli differenti ta' gvern. Id-deċiżjonijiet konġunti dwar il-prijoritajiet jittieħdu mill-amministrazzjoni nazzjonali u mill-Komunitajiet Awtomomi, li jressqu pjanijiet ta' azzjoni reġjonali. Il-kummissjonijiet ta' monitoraġġ bilaterali jiġu stabbiliti ma' kull Komunità Awtonoma u jkollhom il-kompitu li jsegwu l-progress u li jippreparaw proposti ġodda fuq bażi annwali.

Fid-Danimarka, l-Att dwar l-Integrazzjoni jipprovdi l-bażi statutarja għall-finanzjament ta' l-isforzi muniċipali għall-integrazzjoni. L-awtoritajiet lokali huma responsabbli għall-akkomodazzjoni tar-refuġjati, waqt li joffru programmi ta' introduzzjoni, iħallsu l-benefiċċji lill-persuni eliġibbli, u jikkoordinaw l-isforz ġenerali ta' integrazzjoni fil-muniċipalità. Fl-2004, 17,244 persuna daħlu fi ħdan l-ambitu ta' l-Att dwar l-Integrazzjoni. Dawn kienu prinċipalment refuġjati u familji migranti.

Taħt is-sistema preżenti ta' finanzjament, tintuża kombinazzjoni ta' strumenti finanzjarji differenti għat-trasferiment tal-fondi lill-muniċipalitajiet. Dawn jirċievu finanzjament bażiku li jiġi allokat għal kull persuna għal tliet snin, u li jkun maħsub biex ikopri l-ispejjeż ta' l-interpreti, l-informazzjoni, il-gwida u l-pariri, l-akkomodazzjoni, eċċ, kif ukoll il-finanzjament ta' programmi Daniżi għal korsijiet u għal programmi ta' taħriġ/edukazzjoni. Il-muniċipalitajiet jiġu wkoll rimborżati għal ċerti spejjeż u jistgħu jiksbu għotjiet ta' suċċess jekk persuna tgħaddi mit-test tal-lingwa Daniża jew inkella jirnexxilha ssib impjieg għal mill-inqas sitt xhur matul il-perjodu introduttiv ta' tliet snin.

L-għan tas-sistema ta' finanzjament huwa li jipprovdi lill-muniċipalitajiet b'inċentivi għal sforz attiv ta' integrazzjoni. Barra l-għotjiet għar-rendiment, l-istrument ewlieni huwa l-mod li fih titħallas l-għotja bażika: il-muniċipalità tirċievi dan il-finanzjament matul il-perjodu introduttiv kollu, irrispettivament minn jekk il-persuna tkunx impjegata jew tkunx qed tirċievi benefiċċji pubbliċi. Jekk persuna ssib impjieg qabel ma jintemmu t-tliet snin, il-muniċipalità tista' tuża l-bqija tal-finanzjament bażiku, li ma jkunx intenzjonat speċifikament għall-attivitajiet ta' integrazzjoni, skond kif tixtieq hi.






Il-gvernijiet jiffinanjzaw ukoll atturi oħra tas-soċjetà bħalma huwa s-settur volontarju. F'dan il-qasam, l-għotjiet jistgħu jvarjaw ħafna fid-daqs. Pereżempju, il-Ministeru ta' l-Intern tar-Renju Unit jamministra l-Fond għall-Iżvilupp tal-Komunità tar-Refuġjati, li jagħti għotjiet żgħar sa 7200 euro lill-organizzazzjonijiet għall-bini tal-kapaċità, għall-forniment ta' servizzi ġodda, u għall-bini ta' relazzjonijiet fil-komunità. Fi kwalunkwe sena finanzjarja, organizzazzjoni tirċievi għotja waħda biss. Fl-istess ħin, ħafna mill-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-settur volontarju li jaħdmu fil-qasam ta' l-integrazzjoni tar-refuġjati jiġu ffinanzjati kompletament mill-Ministeru ta' l-Intern b'madwar 8.6 miljun euro fis-sena.

Fuq livell Ewropew it-tipi differenti ta' fondi huma disponibbli, u direttament jew indirettament dawn jippromwovu l-integrazzjoni. L-akbar fondi huma magħrufa bħala l-Fondi Strutturali u dawn jaħdmu sabiex tinkiseb il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni Ewropea. Ir-riżorsi jiġu mmirati lejn azzjonijiet li jgħinu biex jimtela l-vojt bejn ir-reġjuni li huma l-aktar żviluppati u dawk li huma l-anqas żviluppati u li jippromwovu opportunijiet indaqs ta' impjieg bejn il-gruppi soċjali differenti. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) u l-Fond Soċjali Ewropew (ESF) huma eżempji magħrufa sew. Taħt dawn il-fondi kbar jitwettqu inizjattivi partikolari bħal ma huwa EQUAL, iffinanzjat permezz tal-ESF, li jkollhom l-għan li jippromwovu metodi ġodda biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u ta' inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol fuq il-bażi ta' kooperazzjoni transnazzjonali. Il-gruppi fil-mira jinkludu lill-immigranti. L-Inizjattiva Urban, taħt l-ERDF, għandha l-għan li tippromwovi t-tfassil u l-implementazzjoni ta' mudelli innovattivi ta' żvilupp għar-riġenerazzjoni ekonomika u soċjali ta' żoni urbani bi problemi. Din issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżvilupp urban sostenibbli fl-Unjoni Ewropea. Dan il-programm speċifiku se jitwaqqaf, iżda mill-2007 x'aktarx se tissokta l-enfasi fuq proġetti li jikkonċernaw l-iżvilupp ta' l-ibliet fil-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi taħt dan il-fond. Il-fondi għar-Riċerka u l-Iżvilupp jippromwovu r-riċerka, inkluż il-produzzjoni ta' l-għarfien rilevanti ta' politika dwar il-proċessi ta' migrazzjoni u ta' integrazzjoni. Id-DĠ għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà jmexxi numru ta' programmi ta' finanzjament. Pereżempju, il-Fond Ewropew għar-Refuġjati (ERF) jgħin lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u lil partijiet interessati oħra sabiex jilqgħu lil persuni li qed ifittxu kenn, lir-refuġjati u lil persuni spustati. Taħt il-perspettivi finanzjarji l-ġodda għas-snin 2007-2013 flimkien ma' l-ERF se jiġi introdott fond ġdid u sostanzjali li se jiġi ddedikat għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dan ġie ppreċedut bil-programm INTI li għandu l-għan li jappoġġja lill-gvernijiet u lill-atturi mhux governattivi fix-xogħol tagħhom dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti.

INTI huwa programm ta' finanzjament ta' l-Unjoni Ewropea ta' azzjonijiet preparatorji li jippromwovu l-integrazzjoni fl-Istati Membri ta' l-UE ta' nies li ma jkunux ċittadini ta' l-UE. L-għan tiegħu huwa li jippromwovi d-djalogu mas-soċjetà ċivili, li jiżviluppa mudelli ta' integrazzjoni, li jfittex u li jevalwa l-aħjar prattiki fil-qasam ta' l-integrazzjoni u li jistabbilixxi netwerks fuq livell Ewropew. INTI jħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom u l-partijiet interessati l-oħra kif ukoll il-ħolqien ta' sħubiji u netwerks transnazzjonali. Il-prinċipju sottostanti huwa li jippromwovi metodi ġodda u innovattivi dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti, waqt li jibni fuq l-esperjenza tal-passat kulfejn ikun possibbli. Tingħata prijorità għall-azzjonijiet li jsaħħu l-awtorizzazzjoni tal-migranti u li jikkontribwixxu għal djalogu transnazzjonali u kostruttiv. L-aħħar sejħa għall-proposti għall-INTI (fl-2006) għandha l-għan li tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-twettiq tat-tliet għanijiet speċifiċi li ġejjin:





- Li jiġi appoġġjat l-istabbiliment ta' netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali jew proġetti pilota li jkunu mfassla sabiex jidentifikaw, jiskambjaw u jevalwaw prattiki tajba u metodi ġodda fil-qasam ta' l-integrazzjoni.
- Li tiżdied il-bażi ta' għarfien għall-iżvilupp tal-politiki ta' l-integrazzjoni mifruxa ma' l-UE.
- Li jiġu appoġġjati d-djalogu transnazzjonali u l-għarfien dwar kwistjonijiet ta' integrazzjoni u l-impatt tiegħu fuq is-soċjetà.

http://ec.europa.eu/justice_home/funding/intro/wai/funding_intro_en.htm

Il-kwistjonijiet ta' finanzjament ħafna drabi jkunu importanti għall-identità u għall-kapaċità ta' l-NGOs (ara l-Kapitolu 1). L-organizzazzjonijiet jistgħu ma jirċevux finanzjament sħiħ u fejn jidħlu punti ta' baġit eliġibbli dawn jista' jkollhom jiffaċċjaw limitazzjonijiet stretti għall-proġett. Fl-istess ħin, dawn iridu jfittxu r-riżorsi biex ifasslu l-proġetti, jibnu s-sħubiji, jiktbu l-proposti u jinnegozjaw il-finanzjament. Ir-rekwiżiti tar-rappurtaġġ jistgħu jvarjaw skond l-entità tal-finanzjament, u b'hekk joħolqu piżijiet għall-organizzazzjonijiet li jiddependu fuq sorsi multipli ta' finanzjament. Forsi jista' jkun ta' ġid li jiġu introdotti proċessi ta' applikazzjonijiet li jkunu eħfef, pereżempju f'żewġ fażijiet fejn l-ewwel fażi tkun sempliċement 'espressjoni ta' interess', waqt li l-proposti sħaħ jiġu mressqa biss minn organizzazzjonijiet li jiġu pre-selezzjonati. Li jiġu permessi l-ispejjeż amministrattivi jista' jgħin ukoll lill-oragnizzazzjonijiet sabiex iħarsu lilhinn mill-miri ta' proġetti ta' perjodu qasir lejn il-ħtiġiet li qed jinbidlu tal-popolazzjoni li huma jaqdu. Madankollu, ħafna drabi l-NGOs ma jkollhomx kompetenzi finanzjarji sabiex jivvalutaw l-ispejjeż amministrattivi tagħhom b'mod effettiv u biex jallokawhom għad-diversi proġetti tagħhom.

### Il-finanzjament privat

Il-fondazzjonijiet privati fl-Ewropa qed ikunu dejjem iżjed involuti fil-qasam ta' l-integrazzjoni. Uħud minnhom ikunu primarjament fondazzjonijiet ta' finanzjament, li jfisser li dawn iqisu l-funzjoni ewlenija tagħhom bħala dik li jappoġġjaw l-attivitajiet ta' l-oħrajn. Oħrajn ikunu aktar operattivi, li jiżviluppaw huma stess inizjattivi u jinvolvu ruħhom direttament f'varjetà ta' proġetti. Madankollu, m'hemmx diviżjoni stretta: ħafna fondazzjonijiet ikunu kemm ta' finanzjament kif ukoll operattivi, waqt li teżisti sensiela wiesgħa ta' mudelli ta' finanzjament. Il-fondazzjonijiet jistgħu jvarjaw fl-enfasi tagħhom dwar il-finanzjament fit-tul jew ta' perjodu qasir, fl-appoġġ tagħhom lill-organizzazzjonijiet jew għal proġetti, u fil-livell li fih jinvolvu msieħba esterni ta' tipi differenti.

Il-Fondazzjoni Ġermaniża Körber, li għandha ġid ta' 526 miljun euro u li fl-2005 ħarġet madwar 11 il-miljun, għandha l-għan li tappoġġja l-involviment ċiviku fl-integrazzjoni. Din hija partikolarment interessata f'ideat ġodda u f'inizjattivi minn isfel għal fuq. Il-Fondazzjoni tagħti finanzjament għall-bidu ta' dawn l-inizjattivi u tagħti wkoll premjijiet lil proġetti mudell (pereżempju l-premju 'Tulipan ta' Ħamburg' (*Hamburg Tulip*) għall-proġetti Ġermaniżi-Torok dwar l-integrazzjoni), waqt li tgħinhom jiksbu aċċess għal sorsi oħra ta' finanzjament u sabiex isiru sostenibbli mingħajr ma jiddependu fuq finanzjament fit-tul mill-Fondazzjoni.

Websajt: www.stiftung.koerber.de



Il-Fond ta' Karità Joseph Rowntree (JRCT) ta' l-Ingilterra, b'ġid ta' 180 miljun euro u b'għotjiet annwali ta' madwar 7.5 miljuni, bl-istess mod juża għotjiet żgħar bl-għan li jibni l-kunfidenza li tapplika għall-finanzjament *mainstream*. Barra li jiffinanzja l-proġetti, il-JRCT jagħti finanzjament sħiħ lil organizzazzjonijiet bħalma huma l-gruppi tas-suwed u tal-minoranzi etniċi. Il-Fond ħafna drabi jagħti diversi għotjiet sħaħ wara xulxin ta' tliet snin, peress li dan iqis li n-nies ġodda li jaslu jkunu jeħtieġu ż-żmien sabiex isiru familjari ma' l-istrutturi tat-tmexxija ta' l-NGOs, mas-soċjetà ċivili fir-Renju Unit, u mat-tipi ta' mekkaniżmi ta' finanzjament disponibbli. Dawk li jieħdu l-għotja jirċievu appoġġ fil-forma ta' sħubiji u networking.

Websajt: www.jrct.org.uk

Il-Fondazzjoni Ġermaniża Hertie, bi 800 miljun euro f'assi u b'nefqa ta' 25 miljun fis-sena, tiżviluppa proġetti mudell dwar l-integrazzjoni u testendihom bl-għajnuna ta' l-imsieħba. Pereżempju, il-programm START jagħti lil żgħażagħ immigranti ta' bejn il-15 u t-18-il sena li jkollhom talent, stipendju ta' 100 euro/xahar u jinvolvihom fi programm intensiv ta' kkowċjar, eskursjonijiet eċċ. Minn 50 benefiċjarju fil-bidu, il-programm kiber sabiex jinkludi 160 żagħżugħ fl-2005 u sa 300 fl-2006. Bħalissa fil-programm START hemm involuti iktar minn 20 fondazzjoni, ministeru ta' l-edukazzjoni, muniċipalitajiet, individwi privati, kumpanija, klabbs u assoċjazzjonijiet. Kull kontributur jista' jagħżel kemm se jiffinanzja boroż ta' studju (ta' 5000 euro/sena) jew jekk hux se joffri ħin u parir espert volontarju għall-proġett. Il-Fondazzjoni Hertie tiffinanzja lil START b'5.5 miljun euro.

Websajt: www.ghst.de

Il-qafas legali u l-istruttura bażika tat-tmexxija huma b'mod ċar ir-responsabbiltà ta' l-Istat.

Il-fondazzjonijiet ġeneralment ma jkunux iridu jieħdu post l-Istat iżda jkunu jridu li jkollhom rwol komplementarju u innovattiv. Lilhinn mir-rwol tagħhom fl-appoġġ ta' inizjattivi konkreti, dawn jistgħu wkoll iġibu flimkien lill-ispeċjalisti, jibnu koalizzjonijiet ta' interess, jikkummissjonaw u jippubbliċizzaw ir-riċerka rilevanti, jiffinanzjaw id-difiża ta' l-immigranti, jew jikkontribwixxu b'modi oħra għall-iżvilupp tal-politika.

Bejn il-fondazzjonijiet qed ikun hemm żieda fin-netwerking fuq livell nazzjonali u internazzjonali. Il-qafas Ewropew jiġi kkunsidrat bħala opportunità importanti għall-iskambju ta' l-aħjar prattika u għall-iżvilupp ta' inizjattivi komuni. Pereżempju, il-'Programm Ewropew għall-Integrazzjoni u l-Migrazzjoni' (EPIM) huwa sforz kollaborattiv ta' għaxar fondazzjonijiet Ewropej. L-EPIM jagħmel għotjiet disponibbli lill-NGOs ta' livell Ewropew u lin-netwerks Ewropej ta' NGOs li jkunu bbażati fuq livell nazzjonali. Matul l-2006-2007 dan se jorganizza wkoll sensiela ta' konsultazzjonijiet fl-Istati Membri.





## Kapitolu 4: Konklużjonijiet

1. L-investiment fil-bini u fiż-żamma ta' istruttura tat-tmexxija ta' l-integrazzjoni huwa vallapena għall-isforz, peress li dan jgħin sabiex jiżviluppa viżjoni u strateġija ta' integrazzjoni, sabiex jiġġenera r-riżorsi, sabiex jimmobilizza lin-nies u lill-organizzazzjonijiet, sabiex joħloq sħubiji u jibni l-fiduċja, li lkoll huma kruċjali biex jinkisbu l-għanijiet ta' integrazzjoni fuq perjodu qasir u fuq perjodu itwal ta' żmien.

2. Il-komunikazzjoni u d-djalogu strutturat bejn il-livelli ta' tmexxija Ewropea, nazzjonali u lokali jagħmluha possibbli biex jiġi antiċipat u vvalutat l-impatt tal-miżuri li jittieħdu f'livell wieħed jew ieħor. Bl-istess mod, ir-riżultati tal-programmi ta' integrazzjoni f'livell wieħed jistgħu jaġġornaw l-istrateġiji politiċi f'livelli oħra.

3. It-tmexxija b'saħħitha u evidenti tas-sindki u/jew ta' l-uffiċjali lokali eletti fi kwistjonijiet ta' integrazzjoni hija importanti għal metodu koerenti għall-integrazzjoni f'oqsma multipli ta' politika, u din tgħin sabiex jimtela l-vojt bejn il-gvern u r-residenti bi sfond ta' immigrazzjoni jew le.

4. L-istrateġiji politiċi lokali ta' integrazzjoni ikunu aktar effettivi meta dawn jibbażaw fuq l-appoġġ tal-komunità sħiħa. Aktar milli tkun indirizzata għall-migranti biss, dawn ikunu jirrigwardaw lir-residenti kollha kif ukoll lill-amministrazzjoni nfisha. Ħafna drabi, dawn ikunu jeħtieġu bidliet reali f'numru ta' dipartimenti u oqsma ta' azzjoni muniċipali. L-appoġġ politiku hu, għalhekk, essenzjali.

5. In-netwerks ta' integrazzjoni lokali idealment għandu jkollhom stat ċar fi ħdan l-istruttura politika u amministrattiva tal-komunità. Il-mandat tagħhom jista' jkun sabiex iqajmu kwistjonijiet ta' tħassib partikolari u li jagħmlu rakkomandazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi fit-teħid ta' deċiżjoni tar-rappreżentanti eletti.

6. Il-valutazzjonijiet jikkunsidraw l-aktar l-adegwatezza u l-kwalità ta' l-istrateġiji politiċi ta' integrazzjoni nfushom, li għalihom jistgħu jiġu stabbiliti indikaturi ta' tmexxija tajba, aktar milli jippruvaw ikejlu l-'grad ta' integrazzjoni' ta' individwi jew ta' gruppi immigranti, li jibqa' ta' sfida.

7. Idealment, il-valutazzjoni timxi id f'id ma' l-ippjanar, jew għall-inqas tinforma dwar kwalunkwe bidla maġġuri fil-programmi li jkunu diġà fis-seħħ. Il-valutazzjonijiet ta' proġetti pilota jistgħu jintużaw ukoll biex jiffurmaw u jimmodifikaw il-programmi li huma għaddejjin.

8. L-awto-valutazzjonijiet jistgħu jibnu l-kapaċità ta' l-amministrazzjonijiet u jippromwovu t-tagħlim organizzazzjonali u l-identifikazzjoni ta' l-aħjar prattika. Mill-banda l-oħra, il-valutazzjonijiet esterni jipprovdu opinjoni esterna u jistgħu jagħmlu valutazzjoni indipendenti u kredibbli dwar l-impatt attwali ta' l-istrateġiji politiċi.

9. Il-mezzi użati għandhom ikunu proporzjonati għall-għanijiet u għall-funzjoni prospettiva tal-valutazzjoni fil-proċess ġenerali tat-tfassil u ta' l-implimentazzjoni tal-politika. Il-metodoloġija u l-ġbir tad-data għandhom jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi.



10. Il-ġestjoni tajba tar-riżorsi tlaqqa' riżorsi ta' tipi differenti. Fi proġett ġestit tajjeb il-kapital finanzjarju jiġi mlaqqa' mar-riżorsi umani u ma' assi oħra li jressqu l-parteċipanti. Ix-xogħol volontarju huwa wkoll riżorsa importanti.

11. Il-fondazzjonijiet ġeneralment ma jkunux iridu jieħdu post l-Istat iżda jkunu jridu li jkollhom rwol komplementarju u innovattiv. Lilhinn mir-rwol tagħhom fl-appoġġ ta' inizjattivi konkreti, dawn jistgħu wkoll iġibu flimkien lill-ispeċjalisti, jibnu koalizzjonijiet ta' interess, jikkummissjonaw u jippubbliċizzaw ir-riċerka rilevanti, jiffinanzjaw lill-avukati ta' l-immigranti, jew jikkontribwixxu b'modi oħra għall-iżvilupp tal-politika.



## Anness I

# Strateġiji politiċi bbażati fuq il-prassi – biex il-prattiċi jissarrfu fi strateġiji politiċi



**Il-ktejjeb jiddeskrivi programmi u proġetti bil-għan li jippreżenta l-prattika tajba kif ukoll it-tagħlim li nkiseb minnhom. Skambji mħejjija bil-ħsieb jistgħu jgħinu lill-mexxejja u lill-persuni responsabbli sabiex jirrepetu l-prattika jew jadattawha għaċ-ċirkostanzi partikolari, kif ukoll sabiex jiżviluppaw programmi ġodda.**

Aktar riflessjoni tista' twassal biex ir-riżultati ta' proġett jiġu msarrfa f'rakkomandazzjonijiet ta' politika. Dan jista' jgħin biex il-politika ssir imsejsa aktar fuq il-prassi, li konsegwentement issaħħaħ is-sostenibilità tal-prattika ta' integrazzjoni u żżid l-appoġġ għall-istrateġiji politiċi ta' integrazzjoni.

Il-proċess tat-tisrif huwa pjuttost kompless u jinkludi numru ta' fażijiet li l-iktar importanti minnhom qed jiġu deskritti fil-qosor hawn taħt. L-ewwelnett, għandha tiġi mkejla l-kwalità tal-programmi u tal-proġetti, segwita b'valutazzjoni dwar ir-riżultati u l-isforzi tagħhom, u wara dan ikunu jistgħu jsiru r-rakkomandazzjonijiet għall-istrateġiji politiċi ġodda jew għall-adattament ta' l-istrateġiji politiċi eżistenti.

**1. Il-kwalità tal-proġetti u tal-programmi ta' integrazzjoni tiġi mkejla billi jiġu vvalutati r-rilevanza, l-effiċjenza, l-effikaċja, is-sostenibilità u l-impatt tagħhom.**

Il-programmi u l-proġetti jkunu *rilevanti* meta dawn
- jilħqu l-ħtiġiet identifikati b'mod ċar
- ikunu konsistenti ma' l-għanijiet tal-politika
- jinvolvu l-partijiet interessati u lill-gruppi fil-mira
- jibnu l-kapaċità istituzzjonali ta' min iwettaq il-proġett

Dawn ikunu *effiċjenti* meta huma
- jiksbu r-riżultati b'nefqa raġonevoli
- ikunu finanzjarjament vijabbli jew ikollhom dħul ekonomiku pożittiv
- jipproduċu riżultati ta' kwalità għolja
- jiġu kkoordinati, ġestiti u ffinanzjati b'mod adegwat

Dawn ikunu *effettivi* meta huma
- ifornu l-*outputs* u r-riżultati antiċipati
- ikunu ġestiti tajjeb u b'mod trasparenti
- jindirizzaw effetti mhux mistennija u negattivi
- ikunu ta' partijiet interessati u ta' gruppi fil-mira

Dawn ikunu *sostenibbli* meta huma
- jitkomplew wara l-fażi inizjali
- jattiraw l-appoġġ minn sponsers ġodda jew jiġġeneraw ir-riżorsi tagħhom stess
- jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni
- jiżviluppaw ħiliet ta' ġestjoni fuq bażi kontinwa

Dawn ikollhom *impatt* meta huma
- ifornu prodotti jew servizzi lill-partijiet interssati u lill-gruppi fil-mira
- itjebu l-pożizzjoni soċjo-ekonomika tal-gruppi fil-mira
- ibiddlu l-imġiba u l-kultura organizzattiva
- jaffettwaw l-ambjent aktar wiesa'
- jikkontribwixxu għall-għanijiet ġenerali tal-politika

2. **Il-proġetti u l-programmi jiġu *vvalutati* billi jiġu kkumparati ma' xulxin, billi jiġu identifikati l-atturi, billi jiġu fformulati l-għażliet ta' politika u billi jiġi vvalutat l-impatt tagħhom b'mod prospettiv.**

L-analiżi kumparattiva

- l-*outputs* u r-riżultati tad-diversi programmi u proġetti jiġu miġbura, deskritti u mqabbla
- l-informazzjoni addizzjonali tiġi miġbura u ssir aktar riċerka
- il-fatturi li jwasslu għas-suċċess jew għall-falliment jiġu identifikati u analizzati

L-identifikazzjoni ta' l-atturi

- il-kwistjonijiet tar-responsabbiltà u ta' l-affidabilità jiġu speċifikati lill-atturi governattivi u mhux governattivi
- il-livelli ta' ġestjoni jiġu stabbiliti: minn lokali, reġjonali, nazzjonali sa Ewropea
- jiġu kkonsultati l-partijiet interessati u l-gruppi fil-mira u jsiru n-negozjati bejniethom

Il-formulazzjoni ta' l-għażliet ta' politika

- jittieħdu l-konklużjonijiet mill-analiżi kumparattiva u mill-identifikazzjoni ta' l-atturi
- jiġu deskritti l-punti li se jiġu indirizzati mill-għażliet proposti ta' politika
- jiġu fformulati u ppreżentati rakkomandazzjonijiet konkreti ta' politika

Il-valutazzjoni prospettiva ta' l-impatt

- l-impatti ambjentali, ekonomiċi, u soċjali (diretti u indiretti) ta' l-għażliet ta' politika jiġu analizzati
- ir-riskji u l-inċertezzi, inkluż l-ostakli għall-implimentazzjoni u għall-konformità jiġu kkunsidrati
- l-għażliet jiġu kkumparati u l-għażla ppreferuta tiġi msarrfa fi proposti konkreti ta' politika

3. **Iis-sett ta' proposti konkreti ta' politika jiġu mressqa lill-entità kompetenti mittieħid tad-deċiżjonijiet għall-kunsiderazzjoni tagħha u jiġu pproċessati skond ir-regoli ta' proċedura tagħha.**



# Anness II

# Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni



**L-Awstrija**
Il-Ministeru Federali ta' l-Intern (Bundesministerium für Inneres) – Id-Dipartiment III/4 għar-Residenza u l-Affarijiet taċ-Ċittadinanza
Herrengasse 7, 1014 Vjenna, l-Awstrija, *fax*: +43 1531263159

**Il-Belġju**
Il-Kabinett tal-Ministru Christian Dupont, Il-Ministru għall-Uffiċċju Pubbliku, l-Integrazzjoni Soċjali, il-Politika dwar l-Ibliet il-Kbar u l-Opportunitajiet Indaqs (Ministre de la Fonction publique, d'Intégration sociale, de la Politique des grandes villes et de l'Egalité des chances)
Rue de la Loi 51, B-1040 Brussell, il-Belġju, *fax*: +32 27905798

u

Iċ-Ċentru għall-Opportunitajiet Indaqs u għal Kontra r-Razziżmu (Centre pour l'égalité des chances et la lutte contre le racisme)
Rue Royale 138, B-1000 Brussell, il-Belġju, *fax*: +32 22123030

**Ċipru**
Il-Ministeru ta' l-Intern (Υπουργείο Εσωτερικών) – It-Taqsima ta' l-UE u r-Relazzjonijiet Internzzjonali
Demosthenis Severis Avenue, 1453 Nikosija, Ċipru, *fax*: +357 22867755

**Ir-Repubblika Ċeka**
Il-Ministeru ta' l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (Ministerstvo práce a sociálních věcí) – Id-Dipartiment għall-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni tal-Barranin
Na Poříčním právu 1/376, 128 01 Praha 2, ir-Repubblika Ċeka, *fax*: +420 221923090

**Id-Danimarka**
Il-Ministeru ta' l-Integrazzjoni (Ministeriet for Flygtninge, Indvandrere og Integration) – It-Taqsima għall-Politika ta' l-Integrazzjoni
Holbergsgade 6, DK-1057 Kopenħagen K, id-Danimarka, *fax*: +45 33951479

**L-Estonja**
Il-Kanċellerija ta' l-Istat (Riigikantselei) – L-Uffiċċju tal-Ministru għall-Popolazzjoni u l-Affarijiet Etniċi
The Stenbock House, Rahukohtu 3, 15161 Tallinn, l-Estonja, *fax*: +372 3326151

**Il-Finlandja**
Il-Ministeru ta' l-Impjiegi (Työministeriö) – Id-Dipartiment tal-Politika
Eteläesplanadi 4, P.O. Box 34, FIN-00023, *fax*: +358 916049184

**Franza**
Il-Ministeru għall-Impjiegi, għall-Koeżjoni Soċjali u għall-Akkomodazzjoni (Ministère de l'Emploi, de la Cohésion sociale et du Logement) – Directorate for Population and Migrations
Bureau DMI 3, 14 Avenue Duquesne, 75350 Pariġi 07 SP, Franza, *fax*: +33 140565349

**Il-Ġermanja**
Il-Ministeru Federali ta' l-Intern (Bundesministerium des Innern) – It-Taqsima MI2 għall-Kwistjonijiet Fundamentali dwar l-Integrazzjoni
Dienstsitz Berlin, Alt-Moabit 101 D, 10559 Berlin, il-Ġermanja, *fax*: +49 188868151918

**Il-Greċja**
Il-Ministeru ta' l-Intern (Υπουργείο Εσωτερικών) – Id-Direttorat għall-Barranin u l-Migrazzjoni – It-Taqsima għall-Integrazzjoni Soċjali
2 Evangelistrias Str., 105 63 Ateni, il-Greċja, *fax*: +30 2103223335

**L-Ungerija**
Il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Infurzar tal-Liġi (Igazságügyi és Rendészeti Minisztérium) – Id-Dipartiment tal-Migrazzjoni
Kossuth Lajos tér 4., 1055 Budapest, l-Ungerija, *fax*: +36 14412932

**L-Irlanda**
L-Aġenzija għall-Akkoljenza u l-Integrazzjoni
Block C, Ardilaun Centre 112–114 St. Stephen's Green, Dublin 2, l-Irlanda, *fax*: +353 14133271

**L-Italja**
Il-Ministeru ta' l-Intern – Id-Dipartiment għal-Libertà Ċivili u l-Immigrazzjoni – Id-Direttorat Ċentrali għall-Politiki dwar l-Immigrazzjoni u l-Kenn
Palazzo Viminale, Via A. Depretis, 00184 Ruma, l-Italja, *fax*: +39 06 46549751

u

Il-Ministeru għas-Solidarjetà Soċjali – Id-Direttorat Ġenerali għall-Immigrazzjoni
Via Fornovo 8, 00192 Ruma, l-Italja, *fax*: +39 06 36754769

**Il-Latvja**
Is-Segretarjat tal-Ministeru għall-Ħidma Speċjali dwar l-Integrazzjoni Soċjali (Īpašu uzdevumu ministra sabiedrības integrācijas lietās sekretariāts)
Elizabetes Str. 20, 2nd floor, LV-1050 Riga, il-Latvja *fax*: +371 7365335

**Il-Litwanja**
Il-Ministeru tas-Sigurtà Soċjali u l-Impjiegi (Socialinės apsaugos ir darbo ministerija) – Id-Dipartiment għall-Affarijiet Internazzjonali
A. Vivulskio Str. 11, LT-03610 Vilnius, il-Litwanja, *fax*: +370 52664209

**Il-Lussemburgu**
Il-Ministeru għall-Familja u l-Integrazzjoni (Ministère de la Famille et de l'Intégration) – Id-Dipartiment tal-Gvern għall-Barranin
12-14, Avenue Emile Reuter, L-2919 Luxembourg, il-Lussemburgu, *fax*: +352 4783672

**Malta**
Il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali
Palazzo Ferreria, 310 Republic Street, Valletta CMR 02, Malta, *fax*: +356 25903121



**L-Olanda**
Il-Ministeru tal-Ġustizzja (Ministerie van Justitie) – Id-Dipartiment għall-Politika dwar l-Integrazzjoni tal-Minoranzi
Schedeldoekshaven 100, P.O. BOX 20301, 2500 EH Den Haag, l-Olanda, *fax*: +31 703709089

**Il-Polonja**
Il-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali (Ministerstwo Pracy i Polityki Społecznej) – Id-Dipartiment ta' l-Għajnuna Soċjali u l-Integrazzjoni
1/3/5 Nowogrodzka Str., 00-513 Varsavja, il-Polonja, *fax*: +48 226611140

**Il-Portugall**
Il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri (Presidência do Conselho de Ministros)
Rua Prof. Gomes Teixeira, 1399-022 Liżbona, il-Portugall, *fax*: +351 213927860

**Is-Slovakkja**
Il-Ministeru ta' l-Intern (Ministerstva vnútra) – L-Uffiċċju dwar il-Migrazzjoni
Pivonková 6, 812 72 Bratislava, ir-Repubblika Slovakka, *fax*: +421 243414759

u

Il-Ministeru għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Familja (Ministerstvo práce, sociálnych vecí a rodiny)
Špitálska 4, 816 43 Bratislava, ir-Repubblika Slovakka, *fax*: +421 252921271

**Is-Slovenja**
Il-Ministeru ta' l-Intern (Ministrstvo za notranje zadeve) – Id-Direttorat għall-Affarijiet Amministrattivi Interni
Stefanova 2, 1501 Ljubljana, is-Slovenja, *fax*: +386 12833647

**Spanja**
Il-Ministeru għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (Ministerio de Trabajo y Asuntos Sociales) – Id-Direttorat Ġenerali għall-Integrazzjoni tal-Migranti
C/ José Abascal, 39 -1ª Planta-, 28003 Madrid, Spanja, *fax*: +34 913637057

**L-Iżvezja**
Il-Ministeru tal-Ġustizzja (Justitiedepartementet) – Id-Diviżjoni għall-Integrazzjoni ta' l-Immigranti u d-Diversità
S-103 33 Stokkolma, l-Iżvezja, *fax*: +46 84053578

**Ir-Renju Unit**
Il-Ministeru ta' l-Intern – Id-Direttorat għall-Immigrazzjoni u l-Politika dwar iċ-Ċittadinanza
Apollo House, 36 Wellesley Road, Croydon, Surrey CR9 3RR, ir-Renju Unit, *fax*: +44 2087608008

**Osservaturi**

**Il-Bulgarija**
Il-Ministeru għall-Impjiegi u l-Politika Soċjali (Министерство на труда и социалната политика) – It-Taqsima għall-Ewrointegrazzjoni 2
2, Triaditza St., 1051 Sofia, il-Bulgarija, *fax*: +359 29873980

**Ir-Rumanija**

Il-Ministeru ta' l-Amministrazzjoni u l-Intern (Ministerul Administrației şi Internelor) – L-Uffiċju Nazzjonali għar-Refuġjati – It-Taqsima għall-Integrazzjoni Soċjali
15 Vasile Stolnicu street, Bucharest 2, ir-Rumanija, *fax*: +40 212408510

Il-Kummissjoni Ewropea

**Ktejjeb ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni għall-Mexxejja u l-Persuni Responsabbli**
**It-tieni edizzjoni, Mejju 2007**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2007 — 97 pp. — 17 x 24 cm

ISBN 978-92-79-03336-0

## KIF TISTA' TIKSEB PUBBLIKAZZJONIJIET TA' L-UE?

Il-pubblikazzjonijiet li jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet li huma għall-bejgħ jistgħu jinkisbu mill-Bookshop ta' l-UE http://bookshop.europa.eu/ fejn inti tista' tordna mill-uffiċċju tal-bejgħ li tixtieq.

Tista' wkoll titlob lista ta' l-operaturi tan-netwerk tal-bejgħ tagħna madwar id-dinja billi tibgħat feks lil dan in-numru: (352) 2929 42758.

NE-77-07-002-MT-C



Dan il-ktejjeb ta' tagħrif joffri l-aħjar prattika u l-aħjar tagħlim li nkisbu mill-25 Stat Membru ta' l-UE fuq it-temi li ġejjin: il-*mainstreaming* ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti, l-akkomodazzjoni f'ambjent urban, l-integrazzjoni ekonomika, it-tmexxija ta' l-integrazzjoni. Ġie żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni u għandu l-għan li jippromwovi l-ħolqien ta' qafas koerenti Ewropew fuq l-integrazzjoni billi jiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza u ta' informazzjoni. Il-ktejjeb ta' tagħrif huwa indirizzat għall-mexxejja u għall-persuni responsabbli fuq il-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u ta' l-UE.

ISBN 978-92-79-03336-0

9 789279 033360

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu